## SEZZJONI 8

## RETTIKOLATI TRANS-EWROPEJ

## ARTIKOLU III-246

**1. Sabiex tgħin biex jintlaħqu l-għanijiet previsti fl-Artikoli III-130 u III-220 u sabiex ċittadini ta' l-Unjoni, operaturi ekonomiċi u komunitajiet reġjonali u lokali jkunu jistgħu jieħdu benefiċċju sħiħ mill-istabbiliment ta' żona mingħajr fruntieri interni, l-Unjoni għandha tikkontribwixxi għall-istabbiliment u l-iżvilupp ta' rettikolati trans-Ewropej fiż-żoni ta' trasport, telekomunikazzjonijiet u infrastrutturi ta' l-enerġija.**

**Żona Mingħajr Fruntieri**

Qabel ngħaddu biex naraw l-Artikoli li jmiss, infakkrukom li t-tradutturi li tħallsu eluf kbar ta' liri biex qalbu l-Kostituzzjoni għamlu taħwida manja, għaliex il-kelma Ngliża "n**etwork**" ma tinqalibx għal "**rettikolat**", imma tinqaleb għal "**xibka**". Fi kliem ieħor, it-titolu ta' din is-sezzjoni tal-Kostituzzjoni jfisser ix-xibka mifruxa madwar l-Ewropa għal dawn l-oqsma partikolari.

Li qiegħed jingħad f'dan is-subartikolu huwa li minħabba li t-territorji ta' l-Istati Membri huma meqjusa **mingħajr fruntieri bejniethom** u għalhekk huma meqjusa bħala territorju ta' l-Unjoni Ewropea, għandhom jitwaqqfu xbieki Ewropej fl-oqsma msemmija biex kollha jkunu magħquda flimkien ħaġa waħda.

Bil-mod il-mod, imbagħad jibdew jitnaqqru l-kumpaniji nazzjonali u f'isem l-effiċjenza jitwaqqfu kumpaniji fuq skala kbira ta' l-Unjoni biex jidħlu minflok il-kumpaniji nazzjonali fis-setturi msemmija.

B'hekk, l-Unjoni Ewropea mhux biss ikollha kontroll għal kollox u fuq kollox, mhux biss l-Istati Membri jkunu tilfu kull kontrol f'dawn l-oqsma, imma l-Unjoni Ewropea tkun tista' tiftaħar li għandha, bħala eżempju, il-linja Ewropea tat-trasport bl-ajru, bil-baħar, kif ukoll il-kumpanija Ewropea tat-telekomunikazzjoni.

Jiċħdu kemm jiċħdu l-mexxejja federalisti ta' l-Unjoni Ewropea, dak huwa t-tir u l-mira tagħhom u lesti biex jagħmlu minn kollox biex jilħquh kif għamlu minn kollox biex ħatfu illegalment lil Malta taħt idejhom.

Qabel inkomplu nfakkrukom li biex Stat ikun meqjus bħala **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran** irid ikollu, fost affarijiet oħra, **territorju tiegħu** u li jkollu **kontroll fuqu u x'jiġri fih**.

Il-konklużjoni li l-Istati Membri lanqas għandhom dritt li jissejħu **Stati Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** minħabba li tilfu t-territorju tagħhom u l-kontroll ta dak kollu li jsir fih toħroġ waħidha.

Niġbdu wkoll l-attenzjoni tagħkom dwar kif jingħad "**żona mingħajr fruntieri**", waqt li ftit qabel rajna li hemm fruntieri. Hemm jew le fruntieri. Veru ħawwadni ħa nifhmek.

**<u>Swieq Miftuħa u Kompetittivi</u>**

**2. Fil-qafas ta' sistema ta' swieq miftuħa u kompetittivi, azzjoni mill-Unjoni għandha timmira biex tippromwovi l-interkonnessjoni u l-interoperabilita' ta' rettikolati nazzjonali, kif ukoll aċċess għal dawn ir-rettikolati. Għandha tieħu in kunsiderazzjoni b'mod partikolari l-bżonn li jingħaqdu r-reġjuni ta' gżejjer, dawk maqtugħa mill-baħar kif ukoll dawk periferali mar-reġjuni ċentrali ta' l-Unjoni.**

Tajjeb li qabel ngħaddu għat-tifsir, ngħidu li "**interkonnessjoni**" tfisser l-"**għaqda bejn**" jiġifieri li fit-tifsira ta' dan l-Artikolu tfisser li x-xbieki nazzjonali jkunu jistgħu jingħaqdu u jaħdmu ma' xbieki nazzjonali ta' Stat Membri oħra mingħajr xkiel.

Il-kelma "**rettikolat**" diġa' tkellimna dwarha, waqt li "**interkjużi**", li ma teżistix fl-ilsien Malti, tfisser dawk l-inħawi jew Stati Membri li huma "**magħluqa**" jew imdawwra minn Stati Membri oħra, u għalhekk, bħala eżempju, m'għandhomx portijiet minn fejn jesportaw u jimpurtaw il-merkanzija tagħhom jekk ma jgħaddux minn Stati Membri jew pajjiżi oħra. Għalhekk toqgħod il-kelma "**magħluqa**".

Il-kelma "**periferali**" tfisser "**tat-truf**" jew "**fix-xifer**", jiġifieri jekk nieħdu l-każ ta' Malta, aħna ninsabu fit-tarf jew fix-xifer ta' l-Unjoni Ewropea.

Li jrid jitfisser b'dan is-subartikolu huwa li minħabba li fl-oqsma msemmija ħafna Stati Membri kellhom **"qisien**" u "**kejl**", bl-Ingliż "**standards**", differenti, kien hemm diffikultajiet kbar f'dawn is-setturi.

Biex nieħdu eżempji, kien hemm diffikultajiet kbar biex trasport bil-ferrovija jibqa' sejjer minn Stat għall-ieħor mingħajr waqfien, minħabba li l-qisien tal-linji u l-vultaġġi li bihom jaħdmu l-muturi jkunu differenti fi Stati Membri differenti.

Jekk nieħdu l-eżempju tat-telekomunikazzjoni, kien hemm ukoll differenzi fil-metodi u f'affarijiet oħra li ma kienux iħallu li jsiru l-għaqda flimkien mingħajr diffikultajiet, u nistgħu nsemmu bħala eżempju, is-sistemi differenti tat-televiżjoni fejn kien hemm is-sistema Ingliża, is-sistema Franċiża u s-sistema Ġermaniża.

Jekk irridu nieħdu l-eżempju dwar l-enerġija elettrika, nistgħu nsemmu li l-vultaġġ tad-dawl elettriku fl-Ingliterra kien ta' 240 volt, kif kien ukoll hawn Malta minħabba li Malta kienet kolonja tagħha, waqt li fil-kumplament ta' l-Istati Membri kien 220 volt.

Dan kien ifisser li kumpaniji fl-Istati Membri li kienu jużaw vultaġġ 220 volt li riedu jaħdmu apparat li jaħdem bl-elettriku, u hawnhekk insemmu biss bozza, għal dawk l-Istati Membri li kienu jużaw 240 volt, ma setgħux jagħmlu hekk jekk ma jidħlux fi spejjeż biex jirranġaw il-makni kollha.

Dan kien iwassal ukoll biex il-kumpaniji Ingliżi kien qiegħed ikollhom vantaġġ fuq l-oħrajn, għaliex filwaqt li huma kienu jistgħu jagħmlu l-bozoz għalihom ta’ 240 volt, dawn ikunu jistgħu jintużaw ukoll fuq 220 volt u jservu aktar, waqt li jekk jintużaw dawk ta’ 220 volt fuq 240 volt jinħarqu malajr.

Għaldaqstant, l-Unjoni Ewropea kienet qiegħda tara li dan, fil-każ imsemmi bħala eżempju, kien qiegħed ikun ta’ vantaġġ għal-kumpaniji Ingliżi waqt li kien ta’ żvantaġġ għall-kumpaniji ta’ l-Istati Membri l-oħra u kien jikkawża tgħawwiġ tal-kompetizzjoni.

Taħsbu li l-Unjoni Ewropea kienet sejra tħalli li jkun hemm tgħawwiġ tal-kompetizzjoni u jkunu favoriti l-kumpaniji Ingliżi u jiġi żvantaġġjati l-kumpaniji l-oħra meta l-Alla tagħha huwa s-suq ħieles mingħajr l-ebda rażan? Dan l-eżempju japplika wkoll għas-setturi kollha fl-Istati Membri kollha.

**<u>Ir-Reġjuni tat-Truf</u>**

Jekk nieħdu l-aħħar parti ta’ dan is-subartikolu fejn jingħad li għandu jitqies partikolarment il-ħtiġijiet li jingħaqdu r-reġjuni tat-truf ma’ dawk ċentrali, dan ma jgħoddx għar-reġjuni tat-truf bejniethom, għaliex kieku l-Unjoni Ewropea kienet tagħti każ ta’ dak li jingħad f’dan is-subartikolu, ma kinitx tordna lill-gvern Malti li jwaqqaf it-trasport b’xejn fuq il-Gozo Channel li kienu jgawdu minnu l-bdiewa, raħħala u produtturi oħra Għawdxin.

Bl-istess mod, kienet tħalli li jekk ikun meħtieġ, kemm is-Sea Malta u kemm l-Airmalta li dejjem ipprovdew servizz mill-aktar siewi għall-produtturi Maltin u Għawdxin u għaċ-ċittadini tagħna, jingħataw sussidju u mhux tordna li sussidji kollha jridu jispiċċaw.

Dak huwa li tfisser is-sħubija ta’ Malta fl-Istat Federali ta’ l-Unjoni Ewropea. Tbatija u aktar tbatija biex nobdu l-ordnijiet kollha maħruġa mill-mexxejja arroganti kolonjalisti u federalisti minn Brussell minn dawk li l-ebda wieħed minnhom ma ttella fis-setgħa u l-ħakma miċ-ċittadini Maltin u Għawdxin.

## ARTIKOLU III-247

**1. Sabiex jintlaħqu l-għanijiet previsti fl-Artikolu III-246, l-Unjoni:**

**a) għandha tistabbilixxi sensiela ta’ linji gwida dwar l-għanijiet, il-prijoritajiet kif ukoll il-linji ġenerali ta’ miżuri kontemplati fil-qasam tar-rettikolati trans-Ewropej; dawn il-linji gwida għandhom jidentifikaw proġetti ta’ interess komuni;**

**b) għandha timplimenta kull miżura li tista’ tkun meħtieġa biex tiġi assigurata l-interoperabilità tar-rettikolati, b’mod partikolari fil-qasam ta’ l-istandardizzazzjoni teknika;**

**c) tista’ ssostni proġetti ta’ interess komuni sostnuti minn Stati Membri, li jiġu identifikati fil-kwadru tal-linji gwida previsti fil-punt (a), b’mod partikolari**

**permezz ta' studji ta' fattibilta' garanziji għal self jew sussidji fuq ir-rati ta' l-imgħax; l-Unjoni tista' wkoll tikkontribwixxi, permezz tal-Fond ta' Koeżjoni, għall-finanzjament ta' proġetti speċifiċi fi Stati Membri fil-qasam ta' l-infrastruttura tat-trasport.**

**L-attivitajiet ta' l-Unjoni għandhom jieħdu in kunsiderazzjoni l-vijabilita' ekonomika potenzjali tal-proġetti.**

<u>Linji Gwida u Miżuri</u>

Waqt li dawn il-provvedimenti huma ċari, innutaw li kollox irid isir skond ma tkun ordnat l-Unjoni Ewropea permezz tal-linji gwida tagħha li ma huma linji gwida xejn, għaliex ma tistax ma timxix magħhom.

Kieku kienu gwida biss u l-Istati Membri kienu għadhom **Indipendenti, Ħielsa u Sovrani**, kienu jistgħu ma jagħtux kashom u mhux ikollhom jagħmluhom bilfors.

Innutaw li l-Unjoni Ewropea għandha tagħmel numru ta' linji gwida, għaliex m'hemmx settur wieħed u għall-Unjoni Ewropea dejjem ikun hemm ħtieġa li xi ħaġa tiġi regolata.

Mhux biss, imma nnutaw li l-Unjoni Ewropea qiegħda tingħata l-jedd u s-setgħa li ddaħħal fis-seħħ kull miżuri li jidrilha meħtieġa, b'mod partikolari fil-qasam ta' l-istandardizzazzjoni teknika, jiġifieri fuq dak li kull prodott, jew fi-każ tax-xbieki fis-setturi msemmija, jkunu jridu jaqblu magħhom jew ikunu kapaċi jagħmlu.

<u>Il-Linji Gwida b'Liġi Oħra Ewropea</u>

**2. Il-liġi jew il-liġi kwadru Ewropea għandhom tistabbilixxi l-linji gwida u l-miżuri oħra previsti fil-paragrafu 1. Din il-liġi għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni u mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.**

**Linji gwida u proġetti ta' interess komuni li għandhom x'jaqsmu mat-territorju ta' Stat Membru għandhom jinħtieġu l-kunsens ta' dak l-Istat Membru.**

Jista' jibqa' l-iċken dubju li l-Istati Membri jkollhom jagħmlu dak li jgħidu l-linji gwida u li fil-fatt ma jkunu linji gwida xejn, għaliex kif jingħad fis-subartikolu 2, dawn jiddaħħlu fis-seħħ permezz ta' liġijiet jew il-famużi liġijiet kwadri Ewropej?

Li jingħad li jkun meħtieġ il-kunsens ta' l-Istat Membru ma jfisser xejn għaliex jekk l-Unjoni Ewropea tkun trid tagħmel xi ħaġa ssir pressjoni biex dak l-Istat Membru jaċċetta li jagħti l-kunsens tiegħu.

<u>Kordinazzjoni Bilfors mill-Istati Membri</u>

**3. L-Istati Membri għandhom, flimkien mal-Kummissjoni, jikkordinaw bejniethom il-politika segwita fuq il-livell nazzjonali li jista' jkollha impatt sinifikanti fuq il-kisba ta' l-għanijiet previsti fl-Artikolu III-246. Il-Kummissjoni tista' b'koperazzjoni mill-qrib ma' l-Istati Membri, tieħu kull inizjattiva utli biex tippromwovi dik il-kordinazzjoni.**

Innutaw kif l-Istati Membri ma jistgħux jaħdmu u jagħmlu kif ikun jaqblilhom, imma jridu jaħdmu bilfors mal-Kummissjoni, li tinsewx li l-lealta' tagħha hija lejn l-Unjoni Ewropea u mhux lejn l-Istati Membri**.**

Innutaw ukoll kif il-Kummissjoni tista' b'koperazzjoni mill-qrib ma' l-Istati Membri, tieħu kull inizjattiva siewja, għaliex bil-Malti ngħidu "**siewja**" u mhux "**utli**", biex tippromwovi, jiġifieri tmexxi 'l quddiem dik il-koperazzjoni.

Fi kliem ieħor, jekk ikun hemm xi Stat Membru li ma jkunx irid jikkopera mal-Kummissjoni, il-Kummissjoni sejra tkun tista' bi ftehim ma Stati Membri oħra, tieħu kull inizjattiva biex dak l-Istat Membru jikkopera u jikkordina magħha.

<u>**Proġetti ma Pajjiżi Terzi**</u>

**4. L-Unjoni tista' tikkopera ma' pajjiżi terzi sabiex tippromwovi proġetti ta' interess reċiproku u sabiex tassigura l-interoperabilita' tar-rettikolati.**

Hawnhekk ukoll qegħdin jittieħdu jedd u setgħa mingħand l-Istati Membri, għaliex sejra tkun l-Unjoni Ewropea u mhux xi Stat Membru partikolari li jkollu l-fruntieri tiegħu ma pajjiż li ma jkunx membru li sejra tagħmel proġetti ta' nteress komuni u tiżgura l-operazzjoni komuni tax-xbieki bejniethom.

## SEZZJONI 9

## RIĊERKA U ŻVILUPP TEKNOLOĠIKU U L-ISPAZJU

## ARTIKOLU III-248

**1. L-azzjoni ta' l-Unjoni għandha timmira biex issaħħah is-sisien xjentifiċi u teknoloġiċi tagħha billi tistabbilixxi żona ta' riċerka Ewropea li fiha riċerkaturi, għarfien xjentifiku u teknologiku jiċċirkolaw liberament, u tinkoraggiha biex tkun aktar kompetittiva, inkluż fl-industrija tagħha, waqt li tippromwovi l-attivitajiet kollha ta' riċerka li huma meqjusa meħtieġa taħt Kapitoli oħra tal-Kostituzzjoni.**

__Żona ta' Riċerka Ewropea__

Dwar li tħeġġeġ l-industrija biex tkun kompetittiva m'hemm xejn ħażin, anzi dak għandu jsir minn kulħadd. Madankollu, diġa' tkellimna dwar l-għanijiet ta' l-Unjoni Ewropea għalfejn trid tiżviluppa l-industrija spazjali u tas-satelliti tagħha u m'hemmx għalfejn noqgħodu nirrepetuhom hawnhekk.

Infakkrukom biss li s-sistema ta' navigazzjoni bis-satelliti Galileo li l-Unjoni Ewropea trid tagħmel għandha mhux biss għan ċivili, imma għan militari biex il-missili u l-bombi jkunu ggwidati bi preċiżjoni kbira bħal ma jkunu l-ajruplani u l-bastimenti tal-gwerrra tagħha.

__Tneħħija ta' Xkiel Legali u Fiskali__

**2. Għall-għanijiet previsti fil-paragrafu 1, l-Unjoni għandha tinkoraġġixxi impriżi f'kull parti ta' l-Unjoni, inklużi impriżi żgħar u ta' daqs medju, ċentri ta' riċerka u universitajiet fl-attivitajiet tagħhom ta' riċerka u żvilupp teknoloġiku ta' kwalita' għolja. Għandha tappoġġa l-isforzi tagħhom biex jikkoperaw ma' xulxin, notevolment billi tippermetti li r-riċerkaturi jikkoperaw liberament b'mod transkonfinali u billi tgħin lill-impriżi sabiex jisfruttaw il-potenzjal tas-suq intern, b'mod partikolari permezz tal-ftuħ ta' kuntratti pubbliċi nazzjonali, id-definizzjoni ta' livelli komuni u t-tneħħija ta' xkiel legali u fiskali għal dik il-koperazzjoni.**

Livelli komuni tfisser kulħadd juża l-istess kejl u qisien biex ir-riżultati miksuba jkunu jistgħu jitqabblu mingħajr xkiel.

M'hemm xejn ħażin li riċerkaturi jaħdmu flimkien għall-ġid tan-nies kollha u ma jirrepetux xogħol ta' xulxin għalxejn, waqt li l-għemil ta' qies u kejl komuni jgħinu biex kollox isir aħjar.

Imma tajjeb li tinnutaw li hawnhekk ukoll iddaħħlu l-kuntratti pubbliċi nazzjonali, jiġifieri għall-Unjoni Ewropea jekk jista' jkun kollox isir mill-privat, il-kuntratti jkunu miftuħa għall-Istati Membri kollha u mhux f'dak l-Istat Membru li jkun iqegħed joħroġ il-flus għar-riċerka, u l-gvern, jew aħjar il-poplu, jħallas.

Kull xkiel legali u fiskali li jista' jkun hemm fl-Istati Membri li jista' jfixkel li kuntratti pubbliċi jittieħdu minn kumpaniji minn Stati Membri oħra jrid jitneħħa.

**Riċerka u Żvilupp Regolati**

**3. L-attivitajiet kollha ta' l-Unjoni fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku, inklużi proġetti ta' dimostrazzjoni, għandhom jiġu deċiżi u implimentati skond din is-Sezzjoni.**

Qegħdin taraw kif kollox irid ikun regolat u jsir skond ma tiddeċiedi l-Unjoni Ewropea, anki t-tiftix u l-iżvilupp teknoloġiku, għaliex m'hemmx dubju li dak li qiegħed jingħad f'dan is-subartikolu hekk ifisser.

## ARTIKOLU III-249

**Fit-twettiq ta' l-għanijiet previsti fl-Artikolu III-248, l-Unjoni għandha twettaq l-attivitajiet li ġejjin, li jikkumplimentaw l-attivitajiet imwettqa fl-Istati Membri:**

**a) l-implimentazzjoni ta' riċerka, programmi ta' żvilupp teknolġiku u dimostrazzjoni, billi tippromwovi l-koperazzjoni ma' u bejn impriżi, ċentri ta' riċerka u universitajiet;**

**b) il-promozzjoni ta' koperazzjoni fil-qasam tar-riċerka ta' l-Unjoni, l-iżvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni ta' l-Unjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali;**

**ċ) it-tixrid u l-ottimizzazzjoni tar-riżultati ta' attivitajiet fir-riċerka, fl-iżvilupp teknoloġiku u fid-dimostrazzjoni ta' l-Unjoni;**

**d) l-istimolu tal-formazzjoni u l-mobilita' ta' ricerkaturi fl-Unjoni.**

**Programmi Mwettqa mill-Unjoni**

Innutaw li l-Unjoni Ewropea ma toqgħodx fuq it-tiftix li jagħmlu l-Istati Membri, imma qiegħda tingħata l-jedd u s-setgħa li tagħmel it-tiftix li jkun jidrilha bil-metodi msemmija fis-subinċiżi ta' dan l-Artikolu.

Dan għaliex l-ewwel nett trid li tkun taf xi jkun qiegħed jiġri fl-oqsma kollha tat-tiftix, u t-tieni ma tafdax lill-Istati Membri tagħha għaliex kull wieħed jagħmel tiftix fl-oqsma kollha speċjalment ta' difiża li ma jkunx lest li jaqsam dak it-tiftix ma ħaddieħor.

Innutaw ukoll kif trid tistimula, jiġifieri tħajjar, il-mobilita' tar-riċerkaturi, biex b'hekk dawn jitilqu mir-riċerka li jkunu qegħdin jagħmlu f'xi Stat Membru u jingħaqdu ma' l-aġenzija tar-riċerka tagħha.

Dan ma jfissirx li ma tgħinx programmi ta' tiftix jew riċerka li jkunu qegħdin jagħmlu Stati Membri, imma dan tagħmlu biex hija jkollha n-nies tagħha flimkien ma dawk ta'

l-Istati Membri biex ikollha l-informazzjoni kollha fuq ir-riċerka u r-riżultati li jkunu qegħdin jinkisbu.

### ARTIKOLU III-250

**1. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jikkordinaw l-attivitajiet tagħhom ta' riċerka u żvilupp teknoloġiku sabiex jassiguraw li l-politika nazzjonali u l-politika ta' l-Unjoni jkunu konsistenti reċiprokament.**

**<u>Iridu Jikkordinaw Kollox Bilfors</u>**

Fi kliem ieħor, l-Istati Membri ma jistgħux jagħmlu tiftix dwar xi ħaġa li jidrilhom huma, dejjem jekk ma jagħmlux tiftix sigriet, imma għandhom jiftehemu u jikkordinaw ma' l-Unjoni Ewropea it-tiftix li jkunu bi ħsiebhom jagħmlu biex hekk il-politika nazzjonali, u dik ta' l-Unjoni Ewropea jkunu jaqblu flimkien.

Imma hawnhekk tajjeb li nfakkru li minħabba li l-Unjoni Ewropea hija l-Istat Federali u mill-prattika u effettivament kif sar dejjem kienet l-Unjoni Ewropea li tiddeċiedi kollox u tikkmanda, huma l-Istati Membri li jkunu jridu jagħmlu l-politika nazzjonali tagħhom u l-attivitajiet ta' riċerka jaqblu ma dawk ta' l-Unjoni u mhux il-kontra.

**<u>Il-Kummissjoni Tista' Tieħu Kull Inizjattiva</u>**

**2. F'koperazzjoni mill-qrib ma' l-Istati Membri, il-Kummissjoni tista' tieħu kull inizjattiva utli biex tippromwovi l-kordinazzjoni prevista fil-paragrafu 1, b'mod partikolari inizjattivi li jimmiraw lejn l-istabbiliment ta' linji gwida u indikaturi, l-organizzazzjoni ta' l-iskambju ta' l-aħjar prattika, u l-preparazzjoni ta' l-elementi meħtieġa għall-kontroll u l-valutazzjoni perjodiċi. Il-Parlament Ewropew għandu jinżamm kompletament infurmat.**

Qegħdin taraw kif dejjem u kullimkien l-Unjoni Ewropea tingħata l-jedd u s-setgħa li tagħmel dak kollu li trid biex tilħaq l-għanijiet tagħha, jkunu xi jkunu ċ-ċirkostanzi u s-setturi?

Qegħdin taraw kif wara l-kordinazzjoni jiġu l-linji gwida li l-Istati Membri jridu jimxu magħhom bilfors, il-kontroll u l-valutazzjonijiet perjodiċi li biex ikunu jistgħu jsiru l-Istati Membri jridu bilfors jagħtu l-informazzjoni li tkun trid u tordna l-Unjoni Ewropea?

Innutaw ukoll li l-Parlament ma jiġix konsultat dwar dak li tkun trid tagħmel il-Kummissjoni, imma jiġi sempliċiment infurmat. Dik setgħa tal-Parlament!

### ARTIKOLU III-251

**1. Il-liġi Ewropea għandha tistabbilixxi programm kwadru pluriennali, li jkun jinkludi l-attivitajiet kollha ffinanzjati mill-Unjoni. Din il-liġi għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.**

**Dan il-programm kwadru għandu:**

**a) jistabbilixxi l-għanijiet xjentifiċi u tekniċi li għandhom jintlaħqu mill-attivitajiet previsti fl-Artikolu III-249 u jiffissa l-prijoritajiet rilevanti;**

**b) jindika l-linji ġenerali ta' dawn l-attivitajiet;**

**ċ) jistabbilixxi l-ammont globali massimu u r-regoli dettaljati għall-parteċipazzjoni finanzjarja ta' l-Unjoni fil-programm kwadru kif ukoll l-ishma rispettivi f'kull waħda mill-attivitajiet previsti.**

**Liġi Ewropea Għall-Attivitajiet Kollha**

Innutaw kif kollox jiġi regolat permezz ta' liġijiet Ewropej, f'dan il-każ partikolari dwar attivitajiet għal aktar minn sena waħda, li għandhom iwaqqfu, jiġifieri jagħmlu u jordnaw l-għanijiet xjentifiċi u teknoloġiċi li l-Unjoni Ewropea tkun trid li jintlaħqu jew isiru kif ukoll kif għandhom isiru u jintlaħqu.

**Il-Programm Jista' Jinbidel**

**2. Il-programm kwadru pluriennali għandu jiġi adattat jew supplimentat skond kif tinbidel is-sitwazzjoni.**

Innutaw li mhux biss l-Unjoni Ewropea qiegħda tingħata dan il-jedd u s-setgħa, imma li jekk tħoss il-ħtieġa tibdel dak kollu li tqis li huwa meħtieġ jekk tkun inbidlet is-sitwazzjoni. Ibdel kemm trid u ċ-ċittadini ta' l-Istati Membri jħallsu dejjem.

**Programmi Speċifiċi f'Kull Attivita' b'Liġi Ewropea**

**3. Liġi Ewropea tal-Kunsill għandha tistabbilixxi programmi speċifiċi li jimplementaw il-programm kwadru pluriennali f'kull attivita'. Kull programm speċifiku għandu jiddefinixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tiegħu, jiffissa t-tul tiegħu u jipprovdi għall-mezzi meqjusa meħtieġa. Is-somma ta' l-ammonti meqjusa meħtieġa, ffissata fil-programmi speċifiċi, ma tistax taqbeż l-ammont globali massimu ffissat għal dan il-programm kwadru u għal kull attivita' Din il-liġi għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.**

Jista' jibqa' xi dubju jekk l-Unjoni Ewropea tindaħalx f'kollox u kullimkien meta taraw li dan is-subartikolu qiegħed jagħtiha jedd u setgħa li tagħmel programmi speċifiċi f'kull attivita' u kif għandhom isiru?

Dan ifisser li l-Unjoni Ewropea qiegħda tingħata l-jedd u s-setgħa li tindaħal f'kull qasam u tagħmel dak li jidrilha, jew aħjar dak li jidrilhom il-mexxejja arroganti kolonjalisti li m'għandhomx kuxjenza, la l-iċken qatra żejt f'wiċċhom, u li wiċċhom huwa agħar mill-għatba tal-Klistanija.

Tridu li nibqgħu f'das-saram, madmad u jasar li daħħluna fih il-ĠUDIET li jridu jżommuna fih il-QUISLINGS li ma jixirqilhomx jissejħu Maltin li lesti jmexxu skond ma jordnalhom il-barrani kolonjalista arroganti ta' l-Unjoni Ewropea.

**<u>Miżuri ta' Implimentazzjoni b'Liġi Ewropea</u>**

**4. B'mod komplementari ma' l-attivitajiet imfassla fil-programm kwadru pluriennali, liġi Ewropea għandha tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni taż-żona ta' riċerka Ewropea. Dawn il-liġijiet għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.**

Subartikolu ta' proċedura li jgħid kif għandhom isiru l-affarijiet, imma nnutaw li l-aktar li jsiru huwa permezz ta' liġijiet Ewropej.

**ARTIKOLU III-252**

**1. Għall-implimentazzjoni tal-programm kwadru pluriennali, liġi jew liġi kwadru Ewropea għandha tistabbilixxi:**

**a) ir-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri ta' riċerka u universitajiet;**

**b) ir-regoli li jirregolaw it-tixrid ta' riżultati ta' riċerka.**

**Din il-liġi jew liġi kwadru Ewropea għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.**

**<u>X'Tistabbilixxi l-Liġi Ewropea</u>**

Kull kumment dwar kemm kollox jiġi deċiż mill-Unjoni Ewropea u regolat b'liġijiet Ewropej u mhux b'liġijiet nazzjonali ta' l-Istati Membri ikun żejjed.

Madankollu, innutaw kif anki dak li jsir minn intrapriżi, ċentri ta' riċerka u universitajiet, kif ukoll it-tqassim tar-riżultati tat-tiftix li jkun sar jiġi regolat minn liġijiet Ewropej ta' l-Unjoni Ewropea.

Fi kliem ieħor, jekk liġi ta' l-Unjoni Ewropea ma tkunx tħalli li xi riżultati ta' xi tiftix ikunu ppubblikati imma jinżammu sigrieti, ħadd ma jkun jista' jippubblikahom, anki jekk tkun impriża, ċentru ta' tiftix jew universita'. Hekk ordnat l-Unjoni Ewropea u hekk ikollu jsir.

Dan ifisser li l-Unjoni Ewropea tikkmanda kollox, anki dak li jiġri minn intrapriżi privati fl-Istati Membri u xi jkunu jistgħu jippubblikaw.

Fi kliem ieħor, jekk l-Unjoni Ewropea tkun tqis li jekk dik ir-riċerka tista' tkun ta' għajnuna lill-kompetituri tagħha, li tista' ddaħħal il-flus minnha, jew li tista' tintuża mill-għedewwa tagħha, hija tista' tordna li dik ma tiġix ippubblikata.

La sejra tingħata dawn is-setgħat u jeddijiet, l-Unjoni Ewropea tkun tista' żżomm spjunaġġ b'id tal-ħadid fuq kull riċerka li tkun issir jew tista' ssir mill-Istati Membri u mill-impriżi, ċentri ta' riċerka u universitajiet, għaliex inkella ma tkunx taf x'riċerka qiegħda ssir u liema tordna li ma tiġix ippubblikata.

Tridu li nibqgħu f'dan is-saram, il-madmad u jasar ta' l-Unjoni Ewropea?

**Programmi Supplimentari Iffinanzjati mill-Istati Membri**

**2. Fl-implimentazzjoni tal-programm kwadru pluriennali, liġi Ewropea tista' tistabbilixxi programmi supplimentari li jinvolvu l-parteċipazzjoni ta' ċerti Stati Membri biss, li għandhom jiffinanzjawhom bla ħsara għal parteċipazzjoni possibbli mill-Unjoni.**

**Din il-liġi Ewropea għandha tiddetermina r-regoli applikabbli għal programmi supplimentari, partikolarment fir-rigward tat-tixrid ta' għarfien kif ukoll l-aċċess minn Stati Membri oħrajn. Għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u bi qbil ma' l-Istati Membri konċernati.**

Jistgħu jkunu arroganti, vili u wiċċhom agħar mill-għatba tal-Klistanija il-mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea meta mhux biss jagħmlu programmi u liġijiet Ewropej, imma jgħidu liema Stati Membri jistgħu jieħdu sehem f'dak it-tiftix, kif ukoll li huma għandhom jiffinanzjawhom, waqt li qiegħed jinżamm il-jedd ta' l-Unjoni Ewropea li tieħu sehem ukoll?

Innutaw li anki Stati Membri oħra ma jingħatawx aċċess jekk ma tkunx ordnat l-Unjoni Ewropea u jekk mhux skond il-kundizzjonijiet imposti mill-istess Unjoni Ewropea.

Dan ifisser li mhux l-Istati Membri kollha huma fdati mill-Unjoni Ewropea għaliex kieku kollha kienu jitħallew jieħdu sehem fir-riċerka jekk ikunu jridu u jingħataw aċċess għall-informazzjoni li tirriżulta mit-tiftix li jkun sar.

X'inhuma r-raġunijiet li mhux l-Istati Membri kollha m'humiex fdati l-istess?

Tgħid minħabba li hemm Stati Membri li huma avventuriżi ħafna fil-qasam ta' l-armamenti, u fl-indħil militari f'pajjjiżi oħra, u l-Unjoni Ewropea trid tagħmel riċerka f'dan il-qasam u ma tridx li l-Istati Membri l-oħra jkunu jafu x'qiegħed isir?

Hawnhekk ma rridux ninsew li hafna mill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea mhux biss huma ex-kolonizzaturi, imma anki membri fl-organizzazzjoni militari tan-**NATO**.

Qiegħed jagħmel sens issa għalfejn l-Unjoni Ewropea trid li jkollha kontroll fuq x'riċerka ssir, min jagħmilha u x'informazzjoni tingħata lil Stati Membri oħra jew li tħalli li tiġi ppubblikata?

Qegħdin taraw kemm l-Istati Membri huma kkalkolati u meqjusa u fdati l-istess fl-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea?

**Sehem minn Diversi Stati Membri**

**3. Fl-implimentazzjoni tal-programm kwadru pluriennali, il-liġi Ewropea tista' tipprovdi, bi qbil ma' l-Istati Membri konċernati, għal parteċipazzjoni fi programmi ta' riċerka u żvilupp li jidħlu għalihom diversi Stati Membri, inkluża parteċipazzjoni fl-istrutturi maħluqa għall-eżekuzzjoni ta' dawk il-programmi.**

**Din il-liġi Ewropea għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.**

Artikolu ta' proċedura dwar kif il-liġijiet Ewropej jistgħu jagħmlu disposizzjoni biex jekk ikun hemm ftehim ma' l-Istati Membri, dawn ikunu jistgħu jieħdu sehem fit-tiftix flimkien.

**Koperazzjoni ma' Pajjiżi Terzi**

**4. Fl-implimentazzjoni tal-programm kwadru pluriennali l-Unjoni tista' tipprovdi għal koperazzjoni fir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni ta' l-Unjoni ma' pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali.**

**L-arranġamenti dettaljati għal din il-koperazzjoni jistgħu jkunu s-suġġett ta' ftehim bejn l-Unjoni u l-partijiet terzi konċernati.**

Hawnhekk ukoll irridu noqgħodu attenti għal dak li jingħad f'dan l-Artikolu, għaliex ma l-ewwel daqqa t'għajn ma tagħtix każ tal-konsegwenzi tiegħu.

Innutaw kif jingħad li l-Unjoni Ewropea tista' tagħmel dispożizzjonijet għal koperazzjoni f'riċerka kemm ma pajjiżi terzi, jiġifieri li ma jkunux membri tagħha, kif ukoll ma organizzazzjonijiet internazzjonali.

Innutaw li ma jingħadx x'inhuma jew f'liema qasam ikunu dawn l-organizzazzjonijiet internazzjonali, u għalhekk l-Unjon Ewropea qiegħda tingħata l-jedd u s-setgħa li tiddeċiedi hija, jew aħjar il-mexxejja tagħha li nfakkru li m'humiex imtella bil-voti taċ-ċittadini ta' l-Istati Membri u li huma avventuriżi fl-indħil militari, li jiddeċiedu f'liema qasam u ma' liema organizzazzjoni internazzjonali jaħdmu, u jekk dik l-organizzazzjoni tkunx tassew internazzjonali.

Niġu issa għall-pajjiżi terzi, jiġifieri li ma jkunux membri ta' l-Unjoni Ewropea. Innutaw li t-tiftix ma jingħadx f'liema qasam għandu jsir, u għalhekk l-Unjoni Ewropea tista', flimkien mal-pajjiżi terzi, tagħmel tiftix fuq gwerer, armamenti, armamenti tal-qerda tal-massa, u dak kollu li jkun jidrilha.

Mhux biss, imma flimkien ma' pajjiżi terzi tkun tista' tagħmel tiftix u esperimenti li kieku kellhom isiru fl-Istati Membri ma kienux jitħallew isiru għal raġunijiet differenti, fosthom ta' etika, periklu, ħsara ambjentali, u affarijiet oħra li wieħed jista' jaħseb fuqhom, imma li jsiru fit-territorju ta' pajjiżi terzi.

Qegħdin taraw kif dak li jkun jidher li huwa tajjeb u jaqbel għal kulħadd jista' jsiru affarijiet minnu li ma' l-ewwel daqqa t'għajn ma taħsibx dwarhom?

Tridu li nkunu kompliċi f'dawn l-affarijiet, anzi ħniżrijiet ta' l-Unjoni Ewropea u l-mexxejja arroganti kolonjalisti federalisti?

Jekk le triq waħda għandna. Dik li nfittxu nitilqu mill-Unjoni Ewropea mill-aktar fis kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu. Ftakru li s-**Sovranita'** hija dejjem tal-poplu u mhux tal-politiċi lagħaqa u servili tal-barrani.

## ARTIKOLU III-253

**Il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni jista' jadotta regolamenti jew deċiżjonijiet Ewropej biex jiġu stabbiliti impriżi konġunti jew kull struttura oħra meħtieġa għall-eżekuzzjoni effiċjenti tar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-programmi ta' dimostrazzjoni ta' l-Unjoni. Għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.**

**<u>Regolamenti u Deċiżjonijiet Ewropej</u>**

Innutaw li kważi f'kull Artikolu jingħataw il-jedd u s-setgħa biex xi istituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea tkun tista' tagħmel liġijiet u regolamenti u tieħu dawk imsejħa deċiżjonijiet Ewropej biex tkun tista' tagħmel dak li l-Unjoni Ewropea tqis li huwa fl-interess tagħha li jsir.

Bħal ma għedna għall-Artikolu ta' qabel, anki f'dan l-Artikolu ma jingħadx x'tiftix u fuq liema oqsma jista' jsir it-tiftix, għaliex jekk nieħdu eżempju, l-iżvilupp teknoloġiku jista' jsir kemm fuq kif jitfejjaq il-mard kif ukoll fuq kif jitqabbad u jitferrex il-mard, u anki fuq l-aktar armamenti qerrieda tal-gwerra.

Għaldaqstant, jgħoddu l-istess kummenti li għamilna qabel għal dan l-Artikolu wkoll.

## ARTIKOLU III-254

**1. Sabiex jiġu promossi l-progress xjentifiku u teknoloġiku, il-kompetittivita' industrijali u l-implimentazzjoni tal-politika tagħha, l-Unjoni għandha tfassal politika Ewropea dwar l-ispazju.**

**Għal dan l-iskop, tista' tippromwovi inizjattivi konġunti, tagħti appoġġ lir-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku u tikkordina l-isforzi meħtieġa għall-esplorazzjoni u l-isfruttament ta' l-ispazju.**

**2. Sabiex tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-għanijiet previsti fil-paragrafu 1, liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej għandhom jistabbilixxu l-miżuri meħtieġa, li jistgħu jieħdu l-forma ta' program Ewropew dwar l-ispazju.**

**3. L-Unjoni għandha tistabbilixxi relazzjonijiet xierqa ma' l-Aġenzija Ewropea ta' l-Ispazju.**

**<u>Politika Ewropew Dwar l-Ispazju</u>**

L-ewwel nett infakkru li bħal ma għedna qabel, il-progress xjentifiku u tekniku jista' jsir ukoll anki fl-iżvilupp ta' l-aktar armamenti qerrieda li jkunu jistgħu jintużaw mill-ispazju.

Barra minn hekk, diġa' wrejna kif anki l-programm ta' satelliti msemmi Galileo li għandha l-Unjoni Ewropea hemm ħsieb mhux biss ta' prestiġju li jridu jagħmlu tajjeb għalih iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri permezz tat-taxxi tagħhom, imma anki għanijiet militari.

Infakkru wkoll li b'dan l-Artikolu, l-Unjoni Ewropea qiegħda tingħata l-jedd u s-setgħa li biex tagħmel dak kollu li jidrilha li trid tagħmel fil-qasam tat-tiftix spazjali tista' tagħmel liġijiet Ewropej biex tilħaq l-għanijiet tagħha,

Fl-istess waqt, irridu niftakru kemm hemm Stati Membri fuq quddiem fl-Unjoni Ewropea li mhux biss kienu imperjalisti, kolonjalisti u militari, imma għad għandhom dawn l-ambizzjonijet, speċjalment dawk militari kif kulħadd jista' jara mill-ġrajjiet li qegħdin iseħħu quddiem għajnejn kulħadd.

Dawn il-fatti kollha juru kemm is-sħubija ta' pajjiżna fl-Unjoni Ewropea hija ta' ħsara għalina għaliex il-ħin kollu nkunu fil-periklu li jekk xi Stat jew Stati Membri jew l-Unjoni Ewropea jidħlu f'xi basla jdaħħluna magħhom intortament.

L-unika triq biex neħilsu minn dan is-saram kollu hija li nfittxu niddikjaraw li tlaqna u rġajna ħadna b'idejna stess **l-Indipendenza, il-Ħelsien u s-Sovranita'** tagħna minn taħt il-ħakma illegali, kolonjali u imperjalista tal-barrani ta' l-Unjoni Ewropea kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu.

## ARTIKOLU III-255

**Fil-bidu ta' kull sena l-Kummissjoni għandha tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Ir-rapport għandu jinkludi tagħrif dwar attivitajiet rigward riċerka, żvilupp teknoloġiku u tixrid ta' riżultati tul is-sena ta' qabel, u l-programm ta' ħidma għas-sena kurrenti.**

### Rapport Ieħor mill-Kummissjoni

Il-fatt li ta' kull sena l-Kummissjoni għandha tibgħat rapport lill-istituzzjonijiet imsemmija ma jimpressjonana xejn, għaliex kulħadd jaf li mijiet ta' miljuni jispiċċaw jisparixxu mingħajr l-ebda traċċa kull sena u l-Qorti ta' l-Awdituri ilha għal dawn l-aħħar snin ma tiffirma l-kontijiet tal-Kummissjoni.

Mhux biss, imma kulħadd jaf kemm isiru programi sigrieti ta' tiftix fuq kull qasam speċjalment fuq l-armamenti tal-qerda tal-massa.

Tgħid fejn qegħdin imorru l-mijiet ta' miljuni ta' liri li jisparixxu kull sena mill-Unjoni Ewropea?

Fi bwiet min qegħdin jispiċċaw?

Tgħid qegħdin jintużaw għal xi programmi sigrieti bħal ma semmejna?

Trid li tkun kompliċi fi programmi bħal dawn minħabba li issa anki int u aħna qegħdin inħallsu parti minnhom minħabba li parti mit-taxxi tagħna jintbagħtu bħala sehemna għall-fondi ta' l-Unjoni Ewropea?

Aħna ma rridux.

Inti trid?

Issa li staqsejna dawn il-mistoqsijiet u ma tridx li l-kuxjenza tiegħek tniggżek, taf li l-unika triq hija li nibgħatu lill-**ĠUDIET** u **QUISLINGS** li ma jixirqilhomx jissejħu Maltin u lill-Unjoni Ewropea u l-mexxejja federalisti tagħha jixxejjru, isaqqu l-ħass tal-Marsa u ta' Brussell, u nfittxu nitilqu minnm taħt il-ħakma illegali, imperjalista u kolonjali ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea l-lejla qabel għada kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu.

Tinsewx li s-Sovranita' hija dejjem tal-poplu u mhux tal-politiċi lagħaqa u servili tal-barrani. Dak li jiddeċiedi l-poplu jridu jagħmluh bilfors il-politiċi għaliex inkella ma jkunu xejn għajr dittaturi.

Jekk il-popli jiddeċiedi li jitlaq mill-Unjoni Ewropea kif għandu kull jedd u setgħa li jagħmel ħadd u xejn ma jisa' jżommu u l-politiċi jridu jagħtuh iċ-ċans li jiddeċiedi wara li daq l-imrar tas-sħubija.

## SEZZJONI 10

## ENERĠIJA

## ARTIKOLU III-256

**1. Fil-kwadru ta’ l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern u fir-rigward tal-ħtieġa li jiġi ppreservat u mtejjeb l-ambjent, il-politika ta’ l-Unjoni dwar l-energija ghandha timmira biex:**

**a) tassigura l-funzjonament tas-suq ta’ l-enerġija,**

**b) tassigura s-sigurta’ ta’ provvista ta’ l-enerġija fl-Unjoni, u**

**ċ) tippromwovi l-effiċjenza fl-enerġija u l-iffrankar fl-użu ta’ l-energija kif ukoll l-iżvilupp ta’ forom ta’ enerġija ġodda u li jiġġeddu.**

**<u>Politika ta’ l-Unjoni Dwar l-Enerġija</u>**

Ħadd ma jista’ jgħid li ma jaqbilx ma dawn l-għanijiet, għaliex huma għanijiet tajbin, imma ma jfissirx li aħna naqblu ma din il-Kostituzzjoni jew li l-Unjoni Ewropea għandha jkollha l-Kostituzzjoni tagħha, għaliex huwa Stat li jkollu l-Kostituzzjoni.

Barra minn hekk, għalfejn għandha tiġi l-Unjoni Ewropea, jew aħjar il-mexxejja arroganti kolonjalisti imperjalisti tagħha u jordnaw kif għandhom isiru dawn l-affarijiet li huma l-jedd u s-setgħa ta’ kull **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran** li jiddeċiedi fuqhom?

**<u>Liġi Ewropea Dwar l-Enerġija</u>**

**2. Bla preġudizzju għall-applikazzjoni ta’ disposizzjonijiet oħra tal-Kostituzzjoni, liġi jew liġi kwadru Ewropea għandha tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa biex jinkisbu l-għanijiet tal-paragrafu 1. Għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni u mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.**

**Din il-liġi jew liġi kwadru Ewropea m’għandhiex tolqot id-dritt ta’ Stat Membru li jiddetermina l-kondizzjonijiet għall-isfruttament tar-riżorsi ta’ enerġija tiegħu, l-għażla tiegħu bejn riżorsi differenti ta’ enerġija u l-istruttura ġenerali tal-provvista ta’ enerġija tiegħu, bla preġudizzju għall-Artikolu III-234(2)(ċ).**

Issa tafu għaliex il-Gvern kellu jgħolli l-elettriku u mezzi oħra ta’ l-enerġija, u sejjer ikollu jkompli jgħollihom aktar ‘il quddiem, għaliex is-setgħa qiegħda għand l-Unjoni Ewropea li tiddeċiedi x’għandu jsir u mhux għand l-Istati Membri. Tinsewx li l-Unjoni Ewropea ma tħallix li jingħata l-ebda sussidju.

Huwa għalhekk ukoll li l-gvern irid jara kif jagħmel u jżid il-ħażna ta’ żjut, petrol, diesel, pitrolju, gass u prodotti oħra ta’ l-enerġija, għaliex l-Unjoni Ewropea tordna kemm għandha tkun il-ħażna tagħhom fl-Istati Membri, naturalment kollox bi spejjeż taċ-ċittadini ta’ l-Istati Membri. Kif tordna wkoll kemm għandha tkun l-inqas taxxa fuq il-prodotti ta’ l-enerġija.

Hawnhekk irridu niġbdu l-attenzjoni tagħkom huwa għat-tieni parti ta' dan is-subartikolu. Innutaw li jitkellem dwar "**id-dritt ta' Stat Membru li jiddetermina l-kundizzjonijiet għall-isfruttament tar-riżorsi ta' l-enerġija tiegħu**".

Fi kliem ieħor, taħt il-kliem "**ir-riżorsi ta' l-enerġija**" jidħlu wkoll żejt, gass u prodotti naturali oħra. Il-fatt li Stat Membru jkollu r-riżorsi naturali ta' l-enerġija tiegħu jesponuh biex ikollu jħallas kontribuzzjoni akbar lill-Unjoni Ewropea minħabba li jkollu aktar dħul fil-finanzi tiegħu.

Mela hija l-Unjoni Ewropea li qiegħda indirettament tiddetermina l-kundizzjonijiet ta' l-isfruttament tar-riżorsi ta' l-Istati Membri, għaliex ikollhom jgħolluhom biex jagħmlu tajjeb għal dak il-ħlas żejjed li jkollhom jagħmlu bħala sehemhom lill-Unjoni Ewropea kif qed naraw jiġri fil-prodotti ta' l-enerġija u fil-prodotti l-oħra kollha.

Dan huwa mezz ieħor kif l-Unjoni Ewropea qiegħed jirnexxielha tgħolli l-ħajja għaċ-ċittadini ta' l-Istati Membri.

<u>**Bla Preġudizzju għall-Artikolu III-234(2)(ċ)**</u>

Innutaw ukoll li dawk id-drittijiet imsemmija huma suġġetti, kif jingħad, "**bla preġudizzju għall-Artikolu III-234(2)(ċ)"** Biex infakkrukom, dan jgħid li l-Unjoni Ewropea tista' tagħmel liġijiet jew liġijiet kwadri Ewropej u tieħu,

**ċ) miżuri li jolqtu b'mod konsiderevoli l-għażla ta' Stat Membru bejn għejjun differenti ta' enerġija u l-istruttura ġenerali tal-provvista tiegħu ta' enerġija.**

**Il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jadotta, b'mod unanimu, deċiżjoni Ewropea li tirrendi l-proċedura ordinarja leġislattiva applikabbli għall-oqsma previsti fl-ewwel subparagrafu.**

**Fil-każijiet kollha, il-Kunsill għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, mal-Kumitat tar-Reġjuni u mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.**

Qegħdin taraw kemm l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea għadhom **Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** li jagħmlu dak li jkun meħtieġ għalihom u għaċ-ċittadini tagħhom meta d-drittijiet li jissemmew li għandhom fis-settur ta' l-enerġija huma suġġetti għal-liġijiet, liġijiet kwadri u "**miżuri li jolqtu b'mod konsiderevoli l-għażla ta' Stat Membru bejn għejjun differenti ta' enerġija u l-istruttura ġenerali tal-provvista tiegħu ta' enerġija"** magħmula mill-Unjoni Ewropea?

Innutaw sewwa. "**miżuri li jolqtu b'mod konsiderevoli l-għażla ta' Stat Membru bejn għejjun differenti ta' enerġija u l-istruttura ġenerali tal-provvista tiegħu ta' enerġija"**

Qegħdin taraw issa għalfejn kellhom jogħlew l-prodotti ta' l-enerġija, jiġifieri l-elettriku, petrol, diesel, pitrolju u gass, li m'hemmx dubju li ntlaqtu minn "**miżuri li jolqtu b'mod konsiderevoli l-għażla ta' Stat Membru bejn għejjun differenti ta' enerġija u l-istruttura ġenerali tal-provvista tiegħu ta' enerġija"**

Dan barra l-jedd li tieni paragrafu jagħti lill-Kunsill u l-Kummissjoni liema jedd diġa' tkellimna fuqu aktar qabel meta konna qegħdin naraw dan is-subartiklu u l-Artikolu III-234.

**<u>Liġi Ewropea Tistabbilixxi Miżuri</u>**

**3. B'deroga mill-paragrafu 2, liġi jew liġi kwadru Ewropea tal-Kunsill għandha tistabbilixxi l-miżuri li huma previsti fih meta jkunu primarjament ta' natura fiskali. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew.**

Fi kliem ieħor, hawnhekk qiegħed jingħad bl-aktar mod ċar li l-Kunsill jista' jagħmel anki miżuri li jkunu forma ta' taxxi li naturalment ikollhom iħallsuhom iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri.

Jikkonsulta u ma jikkonsultax mal-Parlament Ewropew, xorta waħda jkun qiegħed jagħmel it-taxxi.

Tinsewx li aħna se jkollna nħallsu t-taxxi ordnati fuq il-prodotti ta' l-enerġija bħal ma huma l-petrol, diesel, pitrolju, gass u anki l-elettriku li aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar il-prezzijiet tagħhom sejrin jisplodu 'l fuq. **Stennew u taraw**.

L-unika triq biex neħilsu minn das-saram, il-madmad u l-kolonjaliżmu ġdid li l-**ĠUDIET** daħħluna fih u li l-**QUISINGS** li ma jixirqilhomx jissejħu Maltin u Għawdxin iridu jżommuna fih tafuha.

Barra mill-Unjoni Ewropea kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu.

Ftakru li s-Sovranita' hija tal-poplu u mhux tal-politiċi mixtrija lagħaqa u servili tal-barrani ta' l-Unjoni Ewropea.

# KAPITOLU IV

# ŻONA TA' LIBERTA'  SIGURTA' U ĠUSTIZZJA

## SEZZJONI 1

## DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI

### ARTIKOLU III-257

**1. L-Unjoni għandha tikkostitwixxi żona ta' liberta', ta' sigurta' u ta' ġustizzja b'rispett għad-drittijiet fundamentali u tas-sistemi u t-tradizzjonijiet legali differenti ta' l-Istati Membri.**

**Żona Waħda għall-Unjoni**

L-ewwel subartikolu qiegħed jagħti l-jedd u s-setgħa biex l-Unjoni Ewropea tagħmel jew tkun meqjusa bħala dik li qiegħda tissejjaħ żona ta' liberta`, sigurta` u ġustizzja.

Fi kliem ieħor, dan ifisser li **t-territorju kollu** ta' l-Istati Membri l-Unjoni Ewropea tqisu tagħha għal dak li għandhom x'jaqsmu l-għanijiet imsemmija, għaliex kieku ma jingħadx li l-**Unjoni** għandha tikkostitwixxi ż-żona msemmija, imma l-Istati Membri.

Dan ifisser li l-Unjoni Ewropea lanqas ma għadha tikkalkula u tqis lill-Istati Membri għaliex qiegħda timponi r-rieda tagħha fuqhom minkejja li jingħad li tagħmel dan waqt li tieħu kont tat-tradizzjonijiet u s-sistema legali differenti tagħhom biex tnaqqas l-imrar tal-mediċina.

**L-Ebda Kontrolli ta' Fruntieri Interni**

**2. Għandha tassigura li ma jkunx hemm kontrolli ta' fruntieri interni għal persuni u għandha tinkwadra politika komuni dwar l-asil, l-immigrazzjoni u l-kontroll fuq il-fruntieri esterni, bbażati fuq solidarjeta' bejn Stati Membri, li tkun ġusta għal ċittadini ta' pajjiżi terzi. Għall-iskop ta' dan il-Kapitolu, persuni apolidi għandhom jiġu trattati bħala ċittadini ta' pajjiżi terzi.**

L-ewwel ma rridu ngħidu huwa li ma nafux minn fejn it-tradutturi ġabu jew ivvintaw il-kelma "**apolidi**", għaliex skond it-test Ingliż, hawnhekk hawn referenza għal dawk il-persuni mingħajr Stat fejn jingħad li għandhom jiġu trattati bħala ċittadini ta' pajjiżi terzi. Għaldaqstant kellu jintuża l-kliem "**mingħajr Stat**". Dwar l-**"asil"** diġa' tkellimna dwaru u nfakkru li għalih għandna l-kelma Maltija "**kenn**".

Innutaw kif l-Unjoni Ewropea qiegħda tingħata l-jedd u s-setgħa biex tiżgura li kull kontroll fuq il-fruntieri bejn l-Istati Membri jispiċċa għal kollox, u għandha jedd u setgħa li tagħmel politika komuni dwar il-kenn, l-immigrazzjoni u kontroll fuq il-fruntieri li l-Istati Membri jkollhom ma pajjiżi li ma jkunux membri. Anki dwar l-immigranti illegali tiddeċiedi l-Unjoni Ewropea.

Ftakru f'dak li għedna qabel li biex Stat jitqies **Indipendenti, Ħieles u Sovran** irid ikollu, fost affarijiet oħra, territorju li fih huwa jeżerċita kontroll, li kif tistgħu taraw

ma jistax jitqies li għandu meta jsir membru ta' l-Unjoni Ewropea għaliex l-Unjoni Ewropea trid tassigura li ma jkunx hemm kontroll fuq il-fruntieri.

Li jingħad li l-kontrolli u politika fuq l-immigrazzjoni, il-kenn, u l-kontroll fuq il-fruntieri esterni jkunu msejsa fuq is-solidarjeta' bejn l-Istati Membri ma jfisser xejn, għaliex fl-aħħar mill-aħħar tkun l-istess Unjoni Ewropea li tiddeċiedi x'inhija, kif u kemm għandha tkun is-solidarjeta' msemmija.

Fi kliem ieħor, kollox jiġi deċiż mill-Unjoni Ewropea, anki liema huma l-Istati li jridu jiddeċiedu dwar il-kenn u fejn jinżammu l-immigranti illegali għaliex diġa' għandha konvenzjoni u regolamenti dwar dawn l-affarijiet.

Aktar 'il quddiem meta' nibdew niġu nvaduti minn eluf ta' immigranti illegali għad irridu naraw kemm se jkollna solidarjeta' mill-Istati Membri l-oħra u mill-Unjoni Ewropea u jekk ikunux lesti li jeħduhom huma.

Il-fatt li jingħad li din għandha tkun ġusta lejn ċittadini ta' pajjiżi terzi jfisser li l-Unjoni Ewropea tista' tagħmel dawk l-ordnijiet li jidrilha biex, bħala eżempju, jingħata kenn lil numru ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi kif ukoll jitħallew joqgħodu u jaħdmu f'kull Stat Membru jew fi Stat Membru partikolari.

Fil-fatt, l-Unjoni Ewropea għandha ftehim ma numru ta' pajjiżi terzi biex iċ-ċittadini tagħhom ikunu jistgħu jmorru joqgħodu u jaħdmu fl-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, u għalhekk anki f'Malta minħabba li sirna membri tagħha.

Ara dawn l-affarijiet qatt ma ntqalu liċ-ċittadini Maltin qabel ir-referendum, għaliex kieku kienu jafuhom ir-riżultat kien ikun mod ieħor, għalkemm nistgħu nibdluhom.

Dawn l-affarijiet kollha jfissru li l-Unjoni Ewropea qiegħda tkompli tieħu l-jeddijiet u s-setgħat kollha mingħand l-Istati Membri li kull **Stat indipendenti, Ħieles u Sovran** għandu skond il-liġi internazzjonali.

Tridu li nibqgħu taħt dan ir-reġim totalitarju, kolonjali u imperjalista ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea fejn aħna ma nikkmandaw xejn u jkollna noqgħodu għal dak kollu li jordnalna l-barrani ta' l-Unjoni Ewropea minn Brussell?

**<u>Liema Sigurta'?</u>**

**3. L-Unjoni għandha tipprova tassigura livell għoli ta' sigurta' permezz ta' miżuri li jrażżnu u jikkumbattu l-kriminalita' r-razziżmu u l-kzenofobija, u permezz ta' miżuri għal kordinazzjoni u koperazzjoni bejn awtoritajiet tal-pulizija u ġudizzjarji u awtoritajiet kompetenti oħrajn, kif ukoll permezz tar-rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi f'materji kriminali u, jekk meħtieġ, permezz ta' l-approssimazzjoni ta' liġijiet kriminali.**

Qabel ma ngħaddu għall-kummenti tagħna fuq dan is-subartiklu, il-kelma "**kzenofobija**" jew "**xenofobija**" hija kelma li tfisser il-biża' minn dak li ma tkunx imdorri għalih, jiġifieri bħal ma huma nies ta' kulur, razza, reliġjon, twemmin u kultura differenti, u ħwejjeġ oħra bħal dawn.

Dan is-subartiklu jfisser li l-mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea qegħdin jieħdu taħt idejhom l-oqsma msemmija mingħand l-Istati Membri biex ikunu jistgħu jagħmlu dak kollu li jidrilhom.

Waqt li tiġi miġġielda l-kriminalita' u jkun hemm kooperazzjoni sħiħa bejn il-forzi ta' l-ordni ta' kull Stat huwa tajjeb, dawn dejjem kienu oqsma li kienu jedd u setgħa ta' kull **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran** li jikkontrollahom.

Jekk inħarsu lejn ix-xenofobija, issa fl-Istati Membri waslu fl-assurdita' li jekk xi ċittadin barrani li jkun ingħata kenn, u dan anki wara li jkun daħal illegalment, ma jingħatax xogħol jew xi servizz soċjali, iqajjem kwistjoni sħiħa li qiegħda ssir diskriminazzjoni miegħu minħabba li huwa ta' kulur jew razza oħra.

Staqsu liċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra u jgħidulkom minn x'hiex għaddejjin.

Hekk ukoll ikollna ngħaddu aħna jekk nibqgħu membri ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ifisser li anki jekk xi ċittadin Malti jikteb xi ħaġa li xi barrani jqis li tinsulentah jew li tkun qiegħda tħeġġeġ il-mibgħeda razzjali, reliġjuża jew xi waħda milli jissemmew, ikun jista' jirraporta lil dak iċ-ċittadin Malti li jitressaq quddiem il-Qorti u jingħata l-kastig.

Dan diġa' ġara hawn Malta fejn kittieba ġiet akkużata minħabba kitba tagħha fuq gazzetta.

Huwa tajjeb li ħadd ma jinsulenta lil ħaddieħor, imma li issa wasalna fl-assurdita' li trid toqgħod għassa kif titkellem jew x'tikteb għaliex malajr jiġi nterpretat bħala nsult lil xi razza jew reliġjon oħra huwa żżejjed.

Aktar 'il quddiem meta nibdew nitwikkew bl-immigranti illegali bl-eluf u tibdew taraw l-arroganza tagħhom tkunu tafu xi rridu nfissru.

Hawnhekk tajjeb li nfakkru wkoll dwar il-liġi kriminali li riedet tagħmel l-Unjoni Ewropea, jiġifieri dik magħrufa bħala ***Corpus Juris***, li diġa' rajna xi ħaġa żgħira dwar x'jgħid Artiklu minnha, fejn jagħmel farsa mill-jeddijiet fundamentali tal-bniedem kif magħrufa anki fil-Kostituzzjoni u l-liġi kriminali tagħna.

B'mod jew ieħor, pass wara pass wara pass, il-provvedimenti tal-***Corpus Juris*** qegħdin jiddaħħlu permezz ta' regolamenti differenti ta' l-Unjoni Ewropea.

**Rikonoxximent Reċiproku**

**4. L-Unjoni għandha tiffaċilita l-aċċess għall-ġustizzja, b'mod partikolari permezz tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji u extraġudizzjarji f'materji ċivili.**

Fi kliem ieħor, issa m'għadux il-jedd u s-setgħa ta' l-Istati Membri jekk iridux li jagħrfu deċiżjonijiet tal-Qrati u anki deċiżjonijiet oħra li jkunu ttieħdu fi Stati Membri jew pajjiżi oħra, imma hija l-Unjoni Ewropea li tiddeciedi kollox.

Jidher jew le kif pass wara pass wara pass l-Unjoni Ewropea qiegħda tieħu l-jeddijiet kollha mingħand l-Istati Membri u, jekk tgħaddi din il-Kostituzzjoni, tkun tfisser biss il-konferma tat-twaqqif ta’ l-Istat Federali ta’ l-Unjoni Ewropea?

## ARTIKOLU III-258

**Il-Kunsill Ewropew għandu jiddefinixxi linji gwida strateġiċi għal ippjanar legislattiv u operazzjonali fiż-żona ta' liberta’, ta' sigurta’ u ta' ġustizzja.**

**<u>Linji Gwida mill-Kunsill Ewropew</u>**

Konferma oħra mhux biss tat-teħid tal-jeddijiet mingħand l-Istati Membri, imma kif istituzzjoni oħra ta’ l-Istat Federali ta’ l-Unjoni Ewropea qiegħda tingħata l-jedd u s-setgħa biex tgħid x’għandhom ikunu l-linji gwida, li kif urejna qabel ma jkunu linji gwida xejn għaliex trid timxi magħhom bilfors, fl-oqsma msemmija.

Innutaw ukoll kif mhux biss is-suppost linji gwida jkunu gwida għall-ippjanar leġislattiv, jiġifieri kif għandhom ikunu l-liġijiet ta’ l-Unjoni Ewropea u dawk ta’ l-Istati Membri, imma anki dawk operazzjonali,

Fi kliem ieħor, anki kif għandhom isiru operazzjonijiet f’dawn l-oqsma fl-Istati Membri.

Jistgħu ma jħassbukx ħafna dawn l-affarijiet?

Tridu li nibqgħu f’dan is-saram, madmad u jasar kolonjali ta’ l-Unjoni Ewropea?

Aħna ma rridux u nfakkru li s-Sovranita’ hija tal-poplu u jekk jiddeċiedi li jitlaq mill-jasar kolonjali ta’ l-Unjoni Ewropea kif għandu kull jedd u setgħa xejn ma jista’ jżommu.

## ARTIKOLU III-259

**Il-Parlamenti nazzjonali għandhom jassiguraw li l-proposti u l-inizjattivi legislattivi preżentati fil-qafas tas-Sezzjonijiet 4 u 5 ta’ dan il-Kapitolu jħarsu il-prinċipju ta’ sussidjarjeta’ skond il-Protokoll dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta’ sussidjarjeta’ u proporzjonalita’.**

**<u>Il-Parlamenti Nazzjonali</u>**

Tajjeb li nfakkru li sezzjonijiet 4 u 5 narawhom aktar ‘il quddiem. Dawn jittrattaw dwar il-koperazzjoni ġudizzjarji f’materji kriminali, u koperazzjoni tal-pulizija u tkomplu taraw kemm l-Unjoni Ewropea tindaħal f’kollox u kullimkien.

Li qiegħed jingħad huwa li l-Parlamenti nazzjonali għandhom jaraw li dawk il-proposti u l-inizjattivi għal-liġijiet li jsiru skond dawk is-sezzjonjiet ma jkunx aktar milli huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-għanjiet imsemmija.

Tajjeb li tkunu tafu li qabel kien hemm paragrafu ieħor li tneħħa minn dan l-Artikolu.

## ARTIKOLU III-260

**Bla preġudizzju għall-Artikoli III-360 sa III-362, il-Kunsill jista' fuq proposta mill-Kummissjoni, jadotta regolamenti jew deċiżjonijiet Ewropej li jistabbilixxu l-arranġamenti li permezz tagħhom l-Istati Membri, f'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni, jagħmlu valutazzjoni oġġettiva u imparzjali ta' l-implimentazzjoni tal-politika ta' l-Unjoni prevista f'dan il-Kapitolu mill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri, b'mod partikolari biex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni sħiħa tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku. Il-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali għandhom jiġu informati bil-kontenut u bir-riżultati tal-valutazzjoni.**

**<u>Aktar Regolamenti u Deċiżjonijiet</u>**

Artikolu ieħor fejn il-Kunsill tal-Ministri fuq proposta tal-Kummissjoni jista' jagħmel kull regolament u jieħu kull deċiżjoni Ewropea biex jara kif l-Istati Membri jkunu qegħdin jobdu dak kollu li jkunu ġew ordnati jagħmlu mill-Unjoni Ewropea f'dawn l-oqsma.

Mhux biss, imma nnutaw li l-Istati Membru huma obbligati li jikkollaboraw mal-Kumissjoni ħalli jaraw kif il-politika ta' l-Unjoni Ewropea tkun qed tiġi mplimentata, jiġifieri kif l-Istati Membri jkunu qed jobdu dak li jkunu ġew ordnati jagħmlu.

Innutaw kif il-Parlamenti nazzjonali sempliċiment ikunu nfurmati dwar kif ir-rapport tal-Kunsill tal-Ministri jkun sab li huma jkunu obdew, u ma jingħadx li huma għandhom jiġu konsultati qabel ma jitħejja r-rapport jew li għandhom xi jedd li jiġu konsultati.

Qegħdin taraw kif il-Parlamenti nazzjonali l-Unjoni Ewropea ġabithom qishom biss, bir-rispett kollu, il-Kunsilli Lokali li l-Gvern jikkonsultahom biss jekk u meta jrid u ma jistgħu jagħmlu xejn jekk ma jħallihomx il-gvern u fl-oqsma li l-gvern iħallihom jagħmlu xi ħaġa?

## ARTIKOLU III-261

**Għandu jiġi stabbilit kumitat permanenti fil-Kunsill biex jassigura li koperazzjoni operattiva dwar is-sigurta' interna tiġi promossa u msaħħa fi ħdan l-Unjoni. Bla preġudizzju għall-Artikolu III-344, għandu jiffaċilita l-kordinazzjoni ta' l-azzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri. Ir-rappreżentanti tal-korpi u l-aġenziji ta' l-Unjoni konċernati jistgħu jkunu involuti fil-proċeduri ta' dan il-Kumitat. Il-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali għandhom jinżammu infurmati bil-proċeduri.**

**<u>Kumitat Ieħor</u>**

Innutaw li ma jingħadx minn min ikun magħmul dak il-kumitat, u għalhekk dan aktarx huwa kumitat ieħor ħalli tal-qalba jsibu posthom bi spejjeż taċ-ċittadini ta' l-Istati Membri u biex tkompli tiżdied u titħawwad il-balbuljata ta' l-Unjoni Ewropea.

Imma l-aktar li jrid jiġi nnutat huwa li l-Unjoni Ewropea ma tafdax lill-Istati Membri tagħha, għaliex dan il-kumitat irid jiżgura li titmexxa 'l quddiem il-kooperazzjoni operattiva, jiġifieri kif taħdem, is-siġurta' interna u biex tiġi msaħħa fi ħdan l-Unjoni.

Mhux biss, imma dan il-kumitat għandu jiffaċilita' l-koordinazzjoni ta' l-Istati Membri, bħal li kieku l-Istati Membri m'humiex kapaċi jaħdmu bejniethom fl-interess tagħhom stess.

Komplu nnutaw l-arroganza tal-mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea fejn jingħad li l-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali ta' l-Istati Membri għandhom ikunu nfurmati bil-proċeduri, imma ma jingħadx li għandhom jedd, jew għalmenu jistgħu, li xi rappreżentant tagħhom jieħu sehem fil-proċeduri kif jistgħu rappreżentanti ta' korpi u aġenziji l-oħra ta' l-Unjoni Ewropea.

Lanqas il-Parlament Ewropew li huwa istituzzjoni tagħha stess ma tistma l-Unjoni Ewropea, għaliex ma jingħadx li rappreżentant tiegħu jista' jieħu sehem fil-proċeduri tal-Kumitat, aħseb u ara kemm tistma lill-Parlamenti nazzjonali ta' l-Istati Membri.

## ARTIKOLU III-262

**Dan il-Kapitolu m'għandux jolqot l-eżerċizzju tar-responsabbiltajiet ta' l-Istati Membri rigward il-manteniment ta' l-ordni pubbliku u l-protezzjoni tas-sigurta' interna.**

**<u>L-Istati Membri Risponsabbli</u>**
**<u>għall-Ordni Pubbliku u s-Sigurta' Interna</u>**

L-ewwel nett tajjeb li niġbdu l-attenzjoni li bil-Malti ma ngħidux il-"**manteniment**", imma "**ż-żamma**" ta' l-ordni pubbliku, kif ukoll għandna l-kelma Maltija "**ħarsien**" u mhux it-Taljana "**protezzjoni**".

Madankollu, dan huwa Artikolu li mhux talli jneħħi xi risponsabbilta' minn fuq l-Istati Membri, talli mar-risponsabiltajiet imposti fuqhom mill-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea, ifakkarhom li huma wkoll għandhom ir-risponsabbiltajiet tagħhom dwar iż-żamma ta' l-ordni pubbliku u l-ħarsien tas-sigurta' interna tagħhom.

Fi kliem ieħor, waqt li huma risponsabbli għaż-żamma ta' l-ordni pubbliku u l-ħarsien tas-sigurta' interna, huma risponsabbli biex jikkordinaw flimkien skond l-Artikolu ta' qabel, biex jassiguraw li jsaħħu u jmexxu 'l quddiem is-sigurta' interna fi ħdan l-Unjoni Ewropea u mhux fit-territorju li suppost huwa tagħhom biss.

Qegħdin ngħidu suppost li huwa territorju tagħhom għaliex kif urejna u fissirna aktar qabel, l-Unjoni Ewropea tqis it-territorju ta' l-Istati Membri bħala territorju tagħha, kemm fil-prattika kif ukoll kif jingħad bl-aktar mod ċar f'din l-istess Kostituzzjoni.

## ARTIKOLU III-263

**Il-Kunsill għandu jadotta regolamenti Ewropej biex jassigura koperazzjoni amministrattiva bejn id-dipartimenti rilevanti ta' l-Istati Membri fiż-żoni koperti b'dan il-Kapitolu, kif ukoll bejn dawk id-dipartimenti u l-Kummissjoni. Għandu jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni, soġġetta għall-Artikolu III-264, u wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.**

**<u>Regolamenti Ewropej għall-Koperazzjoni Bilfors</u>**

Innutaw kif il-Kunsill tal-Ministri qiegħed jingħata l-jedd u s-setgħa li jagħmel ir-regolamenti li jkun jidhirlu biex jiżgura li jkun hemm il-kooperazzjoni msemmija.

L-Istati Membri lanqas huma fdati li jaħdmu bejniethom, imma l-Unjoni Ewropea trid tagħmlilhom ukoll regolamenti dwar kif għandhom jaħdmu.

Fi kliem ieħor, il-Kunsill irid jagħmel regolamenti biex id-dipartimenti rispettivi ta' l-Istati Membri jiġu ordnati biex jikkoperaw kif ikun jingħad fir-regolamenti, u mhux kif ikun jidrilhom jew jaħsbu huma.

Tinsewx li l-Unjoni Ewropea sejra tkun qiegħda tagħmel regolamenti permezz tal-Kunsill mhux għal xi dipartimenti tagħha, imma għal dipartimenti tal-Gvern ta' l-Istati Membri tagħha.

Jista' jkun hawn min għadu jemmen li l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea għadhom **Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** jekk anki d-dipartimenti tagħhom, dipartimenti tal-Gvern ta' l-Istati Membri, jiġu regolati u jkollhom jobdu r-regolamenti magħmula apposta għalihom mill-Unjoni Ewropea?

Jista' jkollok mexxejja federalisti arroganti, wiċċhom vili, mingħajr qatra żejt u agħar mill-għatba tal-Klistanija aktar minn hekk?

Tridu li nibqgħu fil-jasar kolonjali u imperjalista ta' l-Unjoni Ewropea li daħħluna fih il-**ĠUDIET** u l-**QUISLINGS** li lesti jmexxu skond ma jordnalhom il-barrani ta' l-Unjoni Ewropea minn Brussell?

Meta rridu u jkollna Gvern li tassew irid iħares l-interessi tal-poplu Malti u mhux QUISLING li lest jilgħaq u jservi lill-ħakkiem barrani ta' l-Unjoni Ewropea jista' jiddikjara li minn dak il-waqt m'ghadniex aktar membri ta' l-Unjoni Ewropea kif kien sar dwar il-Partnership for Peace.

## ARTIKOLU III-264

**L-atti previsti fis-Sezzjonijiet 4 u 5, flimkien mar-regolamenti Ewropej previsti fl-Artikolu III-263 li jassiguraw koperazzjoni fl-amministrazzjoni fl-oqsma koperti minn dawn is-Sezzjonijiet, għandhom jigu adottati:**

**a) fuq proposta mill-Kummissjoni, jew**

**b) fuq l-inizjattiva ta' kwart mill-Istati Membri.**

**Atti u Regolamenti Ewropej għall-Koperazzjoni**

Sempliċiment Artikolu ta' proċedura, imma li fl-istess ħin juri kif l-affarijiet isiru jew fuq poposta tal-Kummissjoni, jew inkella fuq l-inizjattiva ta' kwart mill-Istati Membri.

Dan ifisser li kwart mill-Istati Membri jistgħu jagħtu bidu għal dak kollu li jingħad f'sezzjonijiet 4 u 5, kif ukoll ir-regolamenti li jistgħu jsiru mill-Kunsill kif rajna fl-Artikolu ta' qabel dan, li jfisser li l-**jedd tal-veto**, jew li jekk Stat Membru ma jkunx jaqbel ma jsir xejn tar kollu mar-riħ.

Innutaw kif skond ma jingħad f'dan l-Artikolu, ir-regolamenti jridu jassiguraw il-koperazzjoni.

Fi kliem ieħor, id-dipartimenti tal-Gvern ta' l-Istati Membri jridu bilfors jobdu dawn ir-regolamenti għaliex il-koperazzjoni fl-amministrazzjoni f'dawn l-oqsma jridu jkunu assigurati.

**SEZZJONI 2**

**POLITIKA DWAR KONTROLLI FUQ IL-FRUNTIERI,**

**L-ASIL U L-IMMIGRAZZJONI**

**ARTIKOLU III-265**

**1. L-Unjoni ghandha tizviluppa politika bl-ghan li:**

**a) tassigura li ma jkun hemm l-ebda kontrolli fuq persuni, tkun xi tkun iċ-ċittadinanza tagħhom, meta jaqsmu l-fruntieri interni;**

**b) twettaq kontrolli fuq persuni u sorveljanza effiċjenti tal-qsim tal-fruntieri esterni;**

**ċ) iddaħħal b'mod gradwali sistema integrata ta' amministrazzjoni għall-fruntieri esterni.**

**<u>L-Ebda Kontrolli fuq il-Fruntieri Interni</u>**

Ħalli naraw il-provvedimenti wieħed wieħed.

Innutaw kif l-Unjoni Ewropea għandha tiżviluppa politika li biha, skond subiċiż (**a**) ma jkun jista' jsir l-ebda kontroll fuq persuni li jaqsmu minn Stat għall-ieħor, tkun xi tkun iċ-ċittadinanza tagħhom.

Dan ifisser li lanqas ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu joqgħodu f'xi Stat Membru jew li jkunu daħlu fi Stat Membru ma jistgħu jitwaqqfu fuq il-fruntieri ta' l-Istati Membri.

Din hija wkoll prova ta' kemm l-Unjoni Ewropea hija Stat Federali u tqis it-territorju ta' l-Istati membri bħala territorju tagħha, għaliex huwa meta tibqa' fl-istess Stat li inti ma toqgħx turi l-passaporti meta tmur minn belt għall-oħra.

Għaldaqstant, la l-Istati Membri ma jistgħux jagħmlu l-ebda kontrolli fuq persuni meta jaqsmu l-fruntieri tagħhom għal Stat Membru ieħor, huma m'għandhom fruntieri xejn u huma fruntieri biss ta' l-isem.

L-akbar hija li kieku ma kienux jagħmlu kontrolli fuq ċittadini ta' Stati Membri oħra kienet forsi tiftihem, għalkemm xorta waħda juri li l-Unjoni Ewropea hija Stat Federali, imma li lanqas fuq ċittadini li ma jkunux ċittadini ta' xi Stat Membru ieħor ma jistgħu jagħmlu kontrolli hija akbar.

Dan aktar u aktar jikkonferma li l-Unjoni Ewropea hija Stat Federali li t-territorju tagħha huwa mingħajr fruntieri interni għaliex la darba jaqsmu l-fruntieri ta' barra jkunu jistgħu jmorru fejn iridu fl-Istati Membri kollha.

Dan diġa' qiegħed isir u mhux ta' b'xejn li l-kriminalita' kollha splodiet 'il fuq malli l-Unjoni Ewropea neħħiet il-kontrolli mill-fruntieri bejn l-Istati Membri. Staqsu liċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra u jgħidulkom.

## Kontrolli fuq Fruntieri Esterni

Innutaw kif skond subinċiż (**b**), il-politika ta' l-Unjoni Ewropea trid li jitwettqu kontrolli fuq persuni u monitoraġġ effiċjenti tal-qsim tal-fruntieri esterni, jiġifieri l-fruntieri li l-Istati Membri jkollhom ma' pajjiżi li m'humiex membri.

Dan ifisser piżijiet żejda fuq l-istrutturi ta' l-Istat Membri, għaliex mhux biss ikollhom jagħmlu dak li jordna l-Istat Membru biex normalment iħares it-territorju u l-interessi tiegħu, imma jkunu jridu jagħmlu dak kollu li tordna l-Unjoni Ewropea biex iħarsu l-interessi tagħha, naturalment bi spejjeż ta' dak l-Istat Membru.

Hawnhekk infakkru li Malta hija post fuq il-fruntiera ta' l-Unjoni Ewropea, u għaldaqstant qiegħed ikollna nidħlu fi spejjeż żejda biex nagħmlu dak li tordna l-Unjoni Ewropea għaliex la darba persuna tidħol f'xi Stat Membru, rajna li din tkun tista' tmur minn Stat Membru għall-ieħor u kull fejn trid mingħajr l-ebda kontrolli.

Il-piżijiet diġa' bdejna nħossuhom u qegħdin inħallsu għalihom, għaliex in-numru kbir ta' klandestini li qegħdin jiġu minħabba li aħna membri ta' l-Unjoni Ewropea u għalhekk jekk jakkwistaw il-jedd tal-kenn ikunu daħlu fl-Unjoni Ewropea.

Aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar se nintlew bil-klandestini li joħolqulna problemi kbar bħal ma dejjem ħolqu kull fejn marru. Stennew u taraw kif dak li qegħdin ngħidu huwa s-sewwa, is-sewwa kollu u xejn inqas mis-sewwa.

## Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni

It-tielet subiċiż, jiġifieri (**ċ**), huwa aktar gravi, għaliex dan qiegħed jgħid li għandha tiddaħħal sistema bil-mod, jew aħjar pass wara pass wara pass, ta' sistema integrata ta' amministrazzjoni għal fruntieri esterni.

Fi kliem ieħor, u biex nieħdu l-eżempju ta' Malta, ma tibqax Malta biss li tagħmel l-għassa u tikkontrolla l-fruntieri tagħna, imma jkun hemm sistema jew organizzazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea li tmexxi kollox hija.

Qegħdin taraw kif l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea ma jafdax lill-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet tagħhom u jrid li jkun hemm l-organizzazzjonijiet tiegħu li jagħmlu kollox huma minkejja li jkunu qegħdin jaħdmu u jagħtu ordnijiet fit-territorju ta' l-Istati Membri.

Jista' għalhekk jibqa' l-iċken dubju li l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea spiċċalhom il-jedd li jissejħu Stati, għaliex il-kontroll tat-territorju tagħhom spiċċa kollu minn taħt idejhom, waqt li **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran** ikollu l-kmand ta' dak kollu li jiġri fit-territorju tiegħu u jagħmel dak li jkun jaqbel għalih u għaċ-ċittadini tiegħu?

Dawn huma l-ħniżrijiet li qablu magħhom dawk ir-rappreżentanti Maltin kollha li marru jfasslu din il-Kostituzzjoni ma' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea.

Ma dawn il-ħniżrijiet qablu, għaliex ma huma xejn għajr ħniżrijiet. Jekk ma qablux magħhom għandhom jgħidu ħalli l-poplu jkun jaf.

**Aktar Liġijiet Ewropej**

**2. Għall-għanijiet tal-paragrafu 1, liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej għandhom jistabbilixxu miżuri li jikkonċernaw:**

**a) il-politika komuni dwar viżi u permessi oħra ta' residenza għal żjara qasira;**

**b) il-kontrolli li huma soġġetti għalihom persuni li jaqsmu l-fruntieri esterni;**

**ċ) il-kondizzjonijiet li taħthom ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom il-liberta' li jivvjaggaw fl-Unjoni għal żmien qasir;**

**d) kull miżura meħtieġa għall-istabbiliment gradwali ta' sistema integrata ta' amministrazzjoni għall-fruntieri esterni.**

**e) in-nuqqas ta' kull kontroll fuq persuni, tkun xi tkun iċ-ċittadinanza tagħhom, meta jaqsmu l-fruntieri interni.**

**Kriterji għall-Visi u Permessi ta' Residenza**

Innutaw kif skond subinċiż (**a**), ma jistax ikun Stat Membru li jiddeċiedi dwar il-kriterji biex huwa jagħti visa u permessi oħra ta' residenza għal żjara qasira lil xi ċittadin ta' pajjiżi terzi, imma kollox irid ikun skond ma tkun il-politika ta' l-Unjoni Ewropea kif deċiża minn liġijiet Ewropej.

Fi kliem ieħor, ma jistax jiddeċiedi liema ċittadini ta' liema pajjiżi jistgħu jidħlu mingħajr visa u min irid ikollu visa biex jidħol fit-territorju tiegħu, imma dawn jiġu deċiżi mill-Unjoni Ewropea.

Huwa għalhekk li nqalgħu dawk il-problemi kollha mal-Libja dwar il-visi, għaliex waqt li qabel minħabba l-kummerċ mal-Libja u n-numru ta' ħaddiema Maltin fil-Libja kienet tneħħiet il-ħtieġa tal-visa, issa l-Gvern kellu jdaħħal bilfors il-visa għaċ-ċittadini Libjani, għaliex hekk ordnat l-Unjoni Ewropea.

M'hemmx għalfejn ngħidu li l-Libja għamlet l-istess, għaliex ma tistax tistenna li tiġi ttrattat aħjar milli tittratta lil ħaddieħor inti.

Dan jafuħ il-ħaddiema Maltin u Għawdxin li xogħolhom kien fil-Libja u l-problemi li sabu ma wiċċhom kaġun tas-sħubija ta' l-Unjoni Ewropea.

**Kontrolli fuq il-Fruntieri Esterni**

Innutaw li kif jingħad fis-subinċiż (**b**), anki l-kontrolli li tkun suġġetta għalihom kull persuna li taqsam il-fruntieri barranin iridu jkunu skond ma tkun ordnat l-Unjoni Ewropea u mhux skond kif jidhirlu xi Stat Membru.

Skond subinċiż (**ċ**), l-istess politika u liġijiet Ewropej jagħmlu wkoll il-kundizzjonijiet li taħthom barranin jingħataw permess li jkunu jistgħu jivvjaġġaw **fl-Unjoni**, u nnutaw li ma jingħadx fit-territorju ta' l-Istati Membri imma **fl-Unjoni**, għal żmien qasir.

**Sistema Integrata**

L-istess jingħad dwar it-twaqqif ta' sistema integrata, jiġifieri li kollox ikun kordinat flimkien fuq il-fruntieri kollha. Għalhekk ma jkunux l-Istati Membri li jiddeċiedu, imma tkun l-Unjoni Ewropea li tiddeċiedi kif għandu jsir il-kontroll fuq il-fruntieri ma barra mill-Unjoni u minn liema istituzzjoni tagħha kif ukoll liema dettalji jinżammu ta' kull min jaqsam.il-fruntieri ta' Stat Membru biex jidħol fl-Unjoni Ewropea.

**Fruntieri Interni Mingħajr Kontroll**

U l-aħħar waħda fejn irid jitneħħa kull kontroll fuq il-persuni li jaqsmu l-fruntieri interni, jiġifieri bejn l-Istati Membri. Kollox f'idejn l-Unjoni Ewropea. Kollox deċiż mill-Unjoni Ewropea. L-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom jobdu u jħallsu għal dak kollu li tkun ordnat l-Unjoni Ewropea.

Staqsu liċ-ċittadini ta' l-Istati Membri kif il-kriminalita' splodiet 'il fuq malli tneħħew il-fruntieri, għaliex kulħadd, inklużi l-kriminali, jistu jmorru minn Stat Membru għal Stat Membru ieħor mingħajr l-ebda xkiel.

Staqsuhom ukoll dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi li l-Unjoni Ewropea għandha ftehim magħhom biex iċ-ċittadini tagħhom imorru joqgħodu u jaħdmu fl-Istati Membri kemm joħolqulhom problemi. Staqsuhom u tkunu tafu.

**Id-Demarkazzjoni tal-Fruntieri**

**3. Dan l-Artikolu m'għandux jolqot il-kompetenza ta' l-Istati Membri li tikkonċerna d-demarkazzjoni ġeografika tal-fruntieri tagħhom, skond id-dritt internazzjonali.**

Fi kliem ieħor, dan ifisser li minkejja dak li jingħad, dan m'għandux jaffettwa l-kompetenza ta' l-Istati Membri dwar fejn huma mmarkati l-fruntieri tagħhom skond il-liġi internazzjonali.

Taħsbux li dan qiegħed jingħad mill-Unjoni Ewropea għaliex qalbha taħraqha għall-Istati Membri, imma għaliex taf li huma l-Istati Membri li għandhom jedd jfittxu għall-jeddijiet tagħhom fil-Qorti Internazzjonali.

Dan jista' jiġri dwar fruntieri li l-Istati Membri jkollhom ma pajjiżi oħra li ma jkunux membri ta' l-Unjoni Ewropea, għaliex kif rajna fruntieri bejn l-Istati Membri huma biss ta' l-isem.

Madankollu, dan jista' jinbidel aktar 'il quddiem meta jkun meqjus li l-proċess tat-twaqqif ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea jkun intemm u uffiċjalment ikun twaqqaf l-Istat Federali ta' l-Istati Uniti ta' l-Ewropa bl-isem ta' Unjoni Ewropea.

Il-fatt li l-Istati Membri għad għadhom il-kompetenza dwar il-marki tal-fruntieri tagħhom ma jiswa xejn, għaliex minkejja li għandhom il-fruntieri bejniethom, xorta waħda ma jistgħu jwaqqfu lil ħadd milli jgħaddi bl-akbar liberta' għal għandhom jekk ikun diġa' daħal fi Stat Membru ieħor, għaliex hekk jordna l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

## ARTIKOLU III-266

**1. L-Unjoni għandha tiżviluppa politika komuni dwar l-asil, il-protezzjoni sussidjarja u l-protezzjoni temporanja bl-iskop li jiġi offert status xieraq lil kull ċittadin ta' pajjiż terz li jeħtieġ protezzjoni internazzjonali u tassigura ħarsien tal-prinċipju ta' non-refoulement. Din il-politika għandha tħares il-Konvenzjoni ta' Ġinevra tat-28 ta' Lulju 1951 u l-Protokoll tal-31 ta' Jannar 1967 dwar l-istatus ta' refuġjati, kif ukoll trattati rilevanti oħra.**

### Politika Komuni dwar Refuġju

L-ewwel ma rridu nfissru huwa dak imsejjah il-prinċipju ta' ***non-refoulement***, li hija kelma Franċiża, u li tinsab referenza għaliha fl-Artiklu 33 tal-Konvenzjoni dwar l-Istatus tar-Refuġjati ta' l-1951, tal-Ġnus Magħquda li tissemma f'dan l-Artiklu.

Dan il-prinċipju jfisser li persuna ma titkeċċiex u ma tintbagħtx lura jekk ikun hemm periklu għal ħajjitha jew il-ħelsien tagħha minħabba r-razza, reliġjon, nazzjonalita', sħubija ta' xi grupp soċjali jew politiku partikolari.

Madankollu, dan ma jgħoddx għal refuġjat li jkun hemm sisien raġonevoli biex jitqies bħala periklu għas-sigurta' tan-nazzjon li huwa jkun fih, jew li, ikun ikkundanat b'sentenza li tkun saret finali għal delitt serju partikolari, ikun ta' periklu għall-komunita' ta' dak il-pajjiż.

Minkejja li Stat Membru jista' jkun iffirma anki din il-Konvenzjoni, issa qiegħed jingħad b'dan l-Artiklu li sejra tkun l-Unjoni Ewropea li tiddeċiedi l-politika dwar il-kenn u l-ħarsien temporanju ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi.

Ma rridux ninsew ukoll li l-Unjoni Ewropea għandha dik imsejħa l-Konvenzjoni ta' Dublin u anki regolamenti oħra[1] li permezz tagħhom tgħid liema huwa dak l-Istat Membru li jmur fih immigrant illegali li għandu jagħtih kenn.

Ma rridux ninsew ukoll li waqt li Malta kienet għamlet **riserva** għall-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda li **taċċetta biss refuġjati mill-Ewropa**, matul in-negozjati għas-sħubija ordnat lill-Gvern Malti li jneħħi din ir-riserva.

Dan għaliex il-mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea kienu jafu tajjeb li hemm miljuni kbar ta' immigranti illegali Afrikani li riedu jmorru fl-Unjoni Ewropea, jiġifieri fil-pajjiżi li qabel kienu kkolonizzawhom l-Istati Membri tagħha.

Għaldaqstant, l-Unjoni Ewropea riedet li akkost ta' kollox Malta ssir membru tagħha biex minħabba li konna sejrin inkunu fruntiera tagħha, l-immigranti illegali jkollna nżommuhom aħna minħabba r-regolamenti tagħha.

---

[1] Bħala eżempji, COUNCIL REGULATION (EC) No 343/2003 of 18 February 2003, establishing the criteria and mechanisms for determining the Member State responsible for examining an asylum application lodged in one of the Member States by a third-country national, OJL 50/1 25.2.2003; COUNCIL DIRECTIVE 2003/86/EC of 22 September 2003 on the right to family reunification OJL 251/12 3.10.2003

Dan ma setgħax isir bir-riserva li kien għamel il-Gvern Malti għall-Konvenzjoni tar-Refuġjati tal-Ġnus Magħquda, u għalhekk ġielhet lill-Gvern Malti jneħħi dik ir-riserva li kien għamel.

Qegħdin taraw kemm ikun hemm affarijiet li jkunu maħduma bizzilla mill-mexxejja ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea biex jeħilsu mill-inkwiet huma u jwikkuh lil ħaddieħor?

**Klawsola Federali**

Hawnhekk tajjeb li nireferu wkoll għall-Artiklu 41 ta' din il-Konvenzjoni[2], jiġifieri tal-Konvenzjon tar-Refuġjati tal-Ġnus Magħquda li huwa msejjaħ "**Klawsola Federali**", u li qegħdin inġibuħ ukoll bl-ilsien Ingliż bħala nota.

Dan jgħid li,
**"Fil-każ ta' Stat Federali jew mhux unitarju,[3] il-provvedimenti li ġejjin għandhom japplikaw:**

**(a) Għal dak li għandu x'jaqsam ma' dawk l-artikli ta' din il-Konvenzjoni li jaqgħu fil-ġurisdizzjoni leġislattiva ta' l-awtorita' leġislattiva federali, l-obbligazzjoni tal-Gvern Federali għandha sa dan il-qies tkun l-istess bħal ta' dawk ta' Sħab[4] li m'humiex Stati Federali;**

**(b) Għal dak li għandu x'jaqsam ma' dawk l-Artikli ta' din il-Konvenzjoni li jaqgħu fil-ġurisdizzjoni leġislattiva ta' l-istati kostitwenti, privinċji jew kantoni li m'humiex, taħt is-sistema kostituzzjonali tal-federazzjoni, marbuta li jieħdu azzjoni leġislattiva, il-Gvern Federali għandu jġib dawn l-Artikli b'rakkomandazzjoni favorevoli għall-attenzjoni ta' l-awtoritajiet xierqa ta' stati, privinċji jew kantoni mill-aktar fis possibbli.**

**(ċ) Stat Federali Sieħeb ta' din il-Konvenzjoni għandu, fuq talba ta' xi Stat Kuntrattwali ieħor trasmess mis-Segretarju-ġenerali tal-Ġnus Magħquda, jibgħat stqarrija tal-liġi u l-prattika tal-Federazzjoni u l-unitajiet kostitwenti dwar xi provvediment partikolari tal-Konvenzjoni li turi sakemm ingħata effett għal dak il-provvediment b'azzjoni leġislattiva jew oħra.**

---

[2] Federal Clause
Article 41.
In the case of a Federal or non-unitary State, the following provisions shall apply:
(a) With respect to those articles of this Convention that come within the legislative jurisdiction of the federal legislative authority, the obligation of the Federal Government shall to this extent be the same as those of Parties which are not Federal States;
(b) With respect to those Articles of this Convention that come within the legislative jurisdiction of constituent states, provinces or cantons which are not, under the constitutional system of the federation, bound to take legislative action, the federal Government shall bring such Articles with a favourable recommendation to the notice of the appropriate authorities of states, provinces or cantons at the earkliest possible moment.
A Federal State Party to this Convention shall, at the request of any other Contracting State transmitted through the Secretary-General of the United Nations, supply a statement of the law and practice of the Federation and its constituent units in regard to any particular provision of the Convention showing the extent to which effect has been given to that provision by legislative or other action.

[3] Jiġifieri Stat wieħed

[4] Jiġifieri li ffirmaw il-Konvenzjoni

Meta wieħed jaqra l-Artiklu 167 tal-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea, meta wieħed jaqra l-Artiklu 41 tal-Konvenzjoni msemmija, jista' jibqa' l-iċken dubju li l-Unjoni Ewropea diġa' saret Stat Federali u diġa' qiegħda taġixxi bħala Stat Federali anki fil-konfront tal-Ġnus Magħquda?

Jista' jibqa' l-iċken dubju li l-Kostituzzjoni sejra tkun pass ieħor, jekk mhux l-aħħar pass, li l-Unjoni Ewropea pass wara pass wara pass dejjem ħadet u ħadmet biex issir Stat Federali u l-Kostituzzjoni tagħha sejra tkun l-aħħar konferma li biha jitwaqqaf l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea?

Jekk ma tindunax b'dawn l-affarijiet trid tkun mejjet, jew m'intix tgħix f'dinja, jew tant inti ffissat fl-Unjoni Ewropea li għandek għamad fuq għajnejk li ma jħallikx tara s-sewwa magħruf u dawn il-provi mill-aktar ċari dwar l-għanijiet tal-mexxejja federalisti ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea biex pass wara pass wara pass iwaqqfu l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea kif kien minn dejjem ippjanat mill-federalisti internazzjonali speċjalment mill-federalisti Ewropej.

**<u>Liġi Ewropea dwar Miżuri Komuni għar-Refuġju</u>**

**2. Għall-għanijiet tal-paragrafu 1, liġi jew liġi kwadru Ewropea għandha tistabbilixxi mizuri għal sistema Ewropea komuni dwar l-asil li tinkludi:**

**a) status uniformi ta' asil għal ċittadini ta' pajjiżi terzi, validu fl-Unjoni kollha;**

**b) status uniformi ta' protezzjoni sussidjarja għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li, mingħajr ma jiksbu asil Ewropew, jeħtieġu protezzjoni internazzjonali;**

**ċ) sistema komuni ta' protezzjoni temporanja, f'każ ta' dħul massiv, ta' persuni maqlugħa minn pajjiżhom;**

**d) proċeduri komuni biex jingħata u jiġi rtirat l-istatus uniformi ta' asil jew ta' protezzjoni sussidjarja;**

**e) kriterji u mekkaniżmi biex jiġi determinat liema Stat Membru huwa responsabbli biex jikkunsidra applikazzjoni għall-asil jew għall-protezzjoni sussidjarja;**

**f) standards li jikkonċernaw il-kondizzjonijiet biex jintlaqgħu applikanti għall-asil jew għall-protezzjoni sussidjarja;**

**g) sħubija u koperazzjoni ma' pajjiżi terzi għall-amministrazzjoni tal-proċess ta' dħul ta' nies li japplikaw għall-asil jew għall-protezzjoni sussidjarja jew temporanja.**

Issa tistgħu taraw li l-Unjoni Ewropea permezz tal-liġijiet Ewropea tagħha sejra tkun tista tordna u tikkontrolla dak kollu li jagħmlu u dak kollu li jiġri fit-territorju ta' l-Istati Membri tagħha, jew aħjar fit-territorju tagħha.

**L-Għoti tal-Kenn jew Refuġju**

Innutaw kif l-Unjoni Ewropea permezz tas-subinċiż (**a**) sejra tikkontrolla l-għoti tal-kenn mill-Istati Membri permezz ta' liġijiet Ewropej, kif ukoll twaqqaf status uniformi, jiġifieri li jkun l-istess fl-Istati Membri kollha, dwar l-għoti ta' ħarsien lil ċittadini ta' pajjiżi terzi meta ma jingħatawx il-jedd tal-kenn skond kif jingħad fis-subinċiż (**b**).

Sejra tkun tista' twaqqaf permezz tas-subinċiż (**ċ**) sistema ta' protezzjoni temporanja għal ċittadini ta' pajjiżi terzi jekk wara li jinqalgħu ħafna minnhom minn pajjiżhom jidħlu ħafna minnhom fit-territorju ta' l-Istati Membri, imma ma jingħadx jekk humiex se jinżammu f'dak l-Istat Membru li jidħlu fih jew jitqassmu fl-Istati Membri kollha.

Anki l-jedd li Stat Membru jiddeċiedi kif u jekk għandux jagħti jedd tal-kenn sejjer jispiċċa, għaliex l-Unjoni Ewropea permezz tal-liġijiet Ewropej tagħha u permezz tas-subinċiż (**d**) sejra tkun tista' tgħid x'inhuma l-kundizzjonijiet biex ċittadini ta' pajjiżi terzi jingħataw kenn u anki kif jittieħed jew aħjar jitneħħilhom dak il-jedd.

Is-subinċiż (**e**) qiegħed jagħti jedd u setgħa lill-Unjoni Ewropea biex tiddeċiedi liema Stat Membru għandu jagħti l-kenn jew ħarsien lil ċittadini ta' pajjiżi terzi, li huwa teħid ta' jedd ieħor mingħand l-Istati Membri u ma huwa xejn għajr impożizzjoni mill-Istat Federali fuq l-Istati Membri tiegħu.

Dan diġa' jeżisti fil-Konvenzjoni ta' Dublin u f'regolamenti oħra ta' l-Unjoni Ewropea, imma l-mexxejja federalisti jridu jagħmlu dan ukoll fil-Kostituzzjoni biex ma jkun hemm l-ebda dubju dwar il-jeddijiet ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ifsser ukoll li l-Unjoni Ewropea tista' tiddeċiedi, kif fil-fatt għandha f'dik imsejħa l-Konvenzjoni ta' Dublin u regolamenti oħra, li kull ċittadin ta' pajjiżi terzi li jinżel hawn Malta trid tkun Malta li tagħtih kenn, xogħol, servizzi socjali, housing soċjali, iġib il-familja kbira u numeruża tiegħu hawnhekk, u dak kollu li jkun jinħtieġ huwa u l-familja tiegħu, bil-konsegwenzi kollha li kulħadd jista' jaħseb fuqhom, inklużi l-konsegwenzi fuq ix-xogħol tal-ħaddiema Maltin u s-servizzi soċjali kollha.

L-Unjoni Ewropea tista' tiddeċiedi wkoll li tibgħat hawn Malta numru li tiddeċiedi hija ta' dawn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, u nafu kemm hemm minnhom speċjalment immigranti illegali li b'xi mod ingħataw kenn fi Stati Membri oħra.

Is-subinċiż (**f**) qiegħed jagħti jedd u setgħa lill-Unjoni Ewropea biex tgħid hija x'għandhom ikunu l-kundizzjonijet biex jiġu riċevuti, jiġifieri jintlaqgħu dawk li japplikaw għall-kenn jew ħarsien fl-Istati Membri.

L-aħħar subinċiż qiegħed jagħti jedd u setgħa lill-Unjoni Ewropea biex tkun tista' tagħmel ftehim ta' sħubija u koperazzjoni ma pajjiżi terzi, u nnutaw li hija l-Unjoni Ewropea u mhux l-Istati Membri, bil-għan li jiġi amministrat id-dħul ta' nies li japplikaw għall-kenn jew ħarsien.

B'hekk, ma tibqax Malta li tiddeciedi dwar kemm jidħlu u jiġu aċċettati nies f'Malta li jingħataw kenn jew ħarsien, imma tiddeċiedi l-Unjoni Ewropea bil-ftehim li tagħmel ma' pajjiż terzi.

Irridu niftakru dak li kien qal Silvio Berlusconi fejn kien qal li għandu jsir ċentru hawn Malta biex l-immigranti illegali jintbagħtu biex jinżammu fih.

Daqshekk jistmawna t-Taljani li jridu jitfgħu l-problema ta' l-Unjoni Ewropea kollha għandna.

Dan wara li kienu l-pajjiżi Ewropej li kellhom l-Imperi tagħhom li esplojtaw il-pajjiżi Afrikani u oħrajn minn fejn issa qiegħed ikun hemm din l-immigrazzjoni illegali kollha u webbluhom li huma u l-Ewropa huma Ġenna ta' l-art.

Għaldaqstant, għandhom ikunu l-Istati Membri l-oħra li esplojtaw dawn il-pajjiżi u ċ-ċittadini tagħhom li għandhom jerfgħu r-risponsabblita' tagħhom u mhux aħna, għaliex mhux biss ma konniex aħna li għamilna dawn l-affarijiet, imma anki aħna batejna mill-ħakma kolonjali u imperjalista tagħhom għal mijiet ta' snin.

Issa qiegħed jiġi propost ukoll mill-Ġermanja u Stati Membri oħra li għandhom isiru ċentri fil-pajjiżi ta' l-Afrika ta' fuq biex ikun hemm kontroll fuq min jitħalla jidħol fl-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, imma dan xorta waħda mhuwiex sejjer iwaqqaf id-dħul ta' l-immigranti illegali.

L-unika ħaġa li tista' twaqqaf l-immigranti illegali hija li l-ebda wieħed minnhom ma jiġi aċċettat għaliex jekk taċċetta wieħed tiftaħ xmara li ma tkunx tista' twaqqafha. Jekk ma nagħmlux hekk jibqgħu dejjem ġejjin u jinvaduna. Stennew u taraw.

Barra minn hekk, dan huwa l-uniku mod kif twaqqaf ukoll it-traffikanti tagħhom, għaliex jekk l-immigranti illegali jkunu jafu li se jintbagħtu kollha lura ma jħallsux biex jiġu.

Dan is-subartikolu bis-subinċiżi tiegħu jkompli jikxef u juri kif l-Unjoni Ewropea mhux biss qiegħda tieħu l-jeddijiet u s-setgħat mingħand l-Istati Membri tagħha, imma li pass wara pass wara pass qiegħda tkompli fil-mixja tagħha għat-twaqqif ta' Stat Federali Ewropew li din il-Kostituzzjoni tkun l-aħħar, jew kważi l-aħħar pass fit-twaqqif u l-konferma tiegħu.

**<u>Min Jiddeċiedi Dwar Emerġenza?</u>**

**3. F'każ li Stat Membru wieħed jew iktar li jkunu ikkonfrontati b'sitwazzjoni ta' emerġenza karatterizzata bi dħul f'daqqa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jadotta regolamenti jew deċiżjonijiet Ewropej li jinkludu miżuri provviżorji għall-benefiċċju ta' l-Istat(i) Membru(i) konċernat(i). Għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.**

Tajjeb li nistaqsu min sejjer jiddeċiedi jekk is-sitwazzjoni tkunx ta' emerġenza, l-Istat Membru, il-Kunsill tal-Ministri jew il-Kummissjoni?

Għalkemm il-proposta ssir mill-Kummissjoni u l-Kunsill jista' jagħmel regolamenti, ma jingħadx min jiddeċiedi jekk hemmx sitwazzjoni ta' emerġenza jew le?

U jekk tkun sitwazzjoni ta' emerġenza, kif trid toqgħod tistenna li l-Kummissjoni tagħmel proposta lill-Kunsill li min-naħa tiegħu jikkonsulta mal-Parlament Ewropew qabel jieħu deċiżjoni?

Kemm jittieħed żmien qabel isiru regolamenti?

Xi kriterji jintużaw biex jitqies jekk hemmx emerġenza jew le?

Kemm iridu jidħlu klandestini biex jitqies li hemm emerġenza?

Kif sejrin jitqiesu biex jitqies li hemm emerġenza, bħala numru jew bħala persentaġġ tal-popolazzjoni ta' dak l-Istat Membru jew Stati Membri?

F'kemm żmien iridu jidħlu?

Qed nistaqsu dawn il-mistoqsijiet għaliex ma jingħad xejn dwar dawn l-affarijet.

Fuq kollox, innutaw li jkun wara li l-Kummissjoni tkun għamlet il-proposta tagħha, u wara li l-Kunsill tal-Ministri jkun ikkonsulta mal-Parlament Ewropew, li l-istess Kunsill tal-Ministri jagħmel xi regolamenti jew deċiżjonijiet Ewropej.

Jekk qiegħed jingħad li Stat Membru jkun qiegħed jiffaċċja sitwazzjoni ta' emerġenza, u ejja ngħidu għal mument li b'xi mod xi ħadd iddeċieda li hemm emerġenza, din tkun tinħtieġ deċiżjoni minnufih, u mhux l-ewwel issr proposta mill-Kummissjoni, imbagħad il-Kunsill tal-Ministri jikkonsulta mal-Parlament Ewropew, imbagħad jagħmel xi regolament u jadotta xi deċiżjoni.

Qegħdin taraw kif l-affarijiet isiru b'tali mod li ma l-ewwel daqqa t'għajn taħseb li għandek ħafna affarijiet, imma li meta taħseb ftit tinduna li m'għandek xejn u jsiru wkoll b'tali mod li l-Unjoni Ewropea ma tkun marbuta bl-ebda żmien jew b'rabta ċoff?

Qegħdin taraw kif l-affarijiet jitwalu fl-Unjoni Ewropea biex jekk jista' jkun is-sitwazzjoni forsi jilħaq jinstab tarf tagħha mill-Istat Membru u l-Unjoni Ewropea ma jkollhiex għalfejn toqgħod tgħin lil xi Stat Membru li jkun qiegħed fi kriżi bħal dik imsemmija?

Għalhekk tistennewx li l-Unjoni Ewropea sejra tkun tiġri biex tgħin lilna meta nibdew niġu nvaduti minn eluf ta' immigranti illegali. Il quddiem taraw kemm għandna raġun ngħidu hekk għaliex kif jgħid il-qawl, "**iż-żmien għad jagħtina parir".**

Ara f'affarijiet oħra bħal meta jkun sejjer jitnaqqar xi jedd ta' l-Istati Membri malajr jittieħdu d-deċiżjonijiet.

Kif diġa' għedna aktar 'il fuq, aktar 'il quddiem għad naraw kemm l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri l-oħra jieħdu passi malajr meta l-immigranti illegali jibdew jaslu bl-eluf tagħhom hawn Malta.

Stennew u taraw kemm sejrin jitfixklu f'saqajhom biex jagħtuna l-għajnuna.

## ARTIKOLU III-267

**1. L-Unjoni għandha tiżviluppa politika komuni ta' immigrazzjoni maħsuba biex tassigura, fl-istadji kollha, l-amministrazzjoni effiċjenti tal-flussi tal-migrazzjoni, it-trattament ġust ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li joqgħodu legalment fi Stati Membri, u l-prevenzjoni ta' l-immigrazzjoni illegali u t-traffikar ta' bnedmin, u miżuri msaħħa biex jikkumbattuhom.**

**Politika Komuni ta' Immigrazzjoni**

M'hemmx dubju li kulħadd jaqbel li għandha tiġi miġġielda l-immigrazzjoni illegali u jittieħdu l-miżuri kollha meħtieġa u jkun hemm kooperazzjoni sħiħa bejn kull Stat, kemm jekk huwa membru u kemm jekk le, biex dawk li qegħdin isiru biljunarji minn fuq dahar il-klandestini u qegħdin jikkawżaw dan it-tħarbit kollu jieħdu dak li ħaqqhom.

Imma biex isir dan m'hemmx għalfejn li l-Unjoni Ewropea tindaħal f'dawn l-affarijiet u tiddeċiedi hija x'jeddijiet għandhom jingħataw il-klandestini, imma għandha tħalli f'idejn l-Istati Membri li għandu jibqalhom il-jedd li dejjem kellhom li jiddeċiedu jekk iħallux klandestini fuq it-territorju tagħhom jew jibgħatuhom lura, u mhux tiġi l-Unjoni Ewropea timponi d-deċiżjonijiet tagħha fuq l-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom.

Huwa dan l-indħil mill-Unjoni Ewropea, l-indħil minn pajjiżi oħra fosthom bl-għoti ta' l-armamenti lin-naħat kollha, l-esplojtazzjoni ta' dawn il-popli, is-serq li kien sar u għadu jsir tar-riżorsi tagħhom u l-abbuż tal-jedd tal-kenn li qiegħed iwassal biex ikun hemm dawk il-klandestini kollha.

Jekk tassew l-Unjoni Ewropea trid tara li dawn l-affarijiet jispiċċaw, għandha tara li tispiċċa l-esplojtazzjoni u s-serq tar-riżorsi ta' dawn il-popli minn kumpaniji Ewropej, kif ukoll tagħmel investiment tajjeb fil-pajjiżi li ġejjin minnhom il-klandestini biex ikollhom xogħol u ħajja diċenti f'pajjiżhom.

Innutaw li jingħad li l-Unjoni Ewropea trid tagħmel politika komuni, u b'hekk ma jibqgħux l-Istati Membri li jiddeċiedu dawn l-affarijiet, imma tiddeċiedi l-Unjoni Ewropea permezz tal-politika komuni tagħha.

Din m'hemmx l-iċken dubju li taffettwana bil-kbir għaliex aħna ninsabu fuq il-fruntiera tagħha u ninsabu f'nofs il-Mediterran u f'nofs triq bejn l-Afrika u l-Ewropa meta nafu li hemm miljuni kbar ta' Afrikani jistennew biex imorru lejn l-Ewropa.

**L-Immigrazzjoni b'Liġi Ewropea**

**2. Għall-għanijiet tal-paragrafu 1, liġi jew liġi kwadru Ewropea għandha tistabbilixxi miżuri fl-oqsma li ġejjin:**

**a) il-kondizzjonijiet ta' dħul u residenza, u standards dwar il-ħruġ minn Stati Membri ta' viżi u permessi ta' residenza għal żmien twil, inklużi dawk biex tingħaqad il-familja;**

**b) id-definizjoni tad-drittijiet ta' ċittadin ta' pajjiż terz li joqgħod legalment fi Stat Membru inklużi l-kondizzjonijiet li jirregolaw il-liberta' ta' moviment u ta' residenza fi Stati Membri oħra;**

**c) l-immigrazzjoni illegali u r-residenza mhux awtorizzata, inkluża t-tneħħija u r-ripatrijazzjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni;**

**d) il-ġlieda kontra t-traffikar ta' persuni, b'mod partikolari nisa u tfal.**

Innutaw kif kollox sejjer ikun regolat mill-Unjoni Ewropea u mhux mill-Istati Membri minkejja li jkunu huma u ċ-ċittadini tagħhom li jkunu qed ibatu mill-effetti tal-klandestini jew dawk kollha li bi skuża jew oħra jitolbu kenn fl-Istati Membri.

Innutaw kif l-Unjoni Ewropea qiegħda tingħata l-jedd u s-setgħa li tiddeċiedi permezz tal-liġijiet Ewropej dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza, il-ħruġ tal-visi, inkluż l-għaqda mill-ġdid tal-familja ta' l-immigranti.

Fi kliem ieħor, jekk immigrant ċittadin ta' pajjiż li m'huwiex membru jingħata jedd li joqgħod fl-Unjoni Ewropea, huwa jkollu jedd li jibgħat iġib lill-familja tiegħu. Tajjeb li tkunu tafu li l-maġġoranza tagħhom għandhom familji kbar li jkunu ta' piż kbir fuq is-servizzi soċjali ta' dak l-Istat Membru li jmorru fih.

Dan kollu jfisser li mhux biss l-Istati Membri qiegħed jittieħdilhom jedd u setgħa tagħhom li jiddeċiedu dwar dak kollu li jsir fit-territorju tagħhom u jikkontrollawh effettivament, imma li anki kull ċittadin ta' pajjiż terz li jingħata kenn skond l-ordnijiet ta' l-Unjoni Ewropea jingħata wkoll il-jedd li jġib ukoll il-familja tiegħu skond il-kundizzjonijiet magħmula mill-istess Unjoni Ewropea.

Innutaw ukoll kif sejra tkun l-Unjoni Ewropea li tiddeċiedi dwar il-jeddijiet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin legalment f'xi Stat Membru, u x'jeddijiet ikollhom biex imorru fi Stat Membru ieħor.

Dawn kollha huma jeddijiet oħra meħuda mingħand l-Istati Membri.

Innutaw ukoll kif sejra tkun ukoll l-Unjoni Ewropea permezz tal-liġijiet Ewropej tagħha li tiddeċiedi dwar l-immigrazzjoni illegali u residenza mhux awtorizzata, inkluża t-tneħħija u ripatrijazzjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni.

Fi kliem ieħor, jekk l-Unjoni Ewropea tiddeċiedi li minkejja li persuna tkun immigrant illegali għandha tingħata kenn, l-Istati Membri ma jkunu jistgħu jagħmlu xejn ħlief jobdu b'għajnejhom magħluqa u ċ-ċittadini tagħhom iġorru l-piżijiet mitfuha fuqhom.

L-immigranti illegali qegħdin jaffettwawna ħafna issa u dan sejjer jaffettwana ħafna aktar 'il quddiem meta l-immigranti illegali jibdew jaslu bl-eluf. Stennew u tkunu tafu kif se jinvaduna u kif jibdew jieħdu x-xogħol tal-ħaddiema Maltin u Għawdxin.

Dwar il-ġlieda kontra t-traffikar ta' persuni speċjalment nisa u tfal m'hemmx dubju li kulħadd jaqbel, u biex ma jitħalliex dan it-traffiku ma jrid jinżamm l-ebda klandestin għaliex inkella jibdew ġejjin bħal xmara.

Li jrid isir huwa li jkun hemm koperazzjoni bejn kulħadd u mhux impożizzjonijiet mill-Unjoni Ewropea permezz tal-liġijiet Ewropej tagħha, waqt li l-Unjoni Ewropea għandha tara li tagħmel kif għedna aktar qabel.

## Ftehim ma' Pajjiżi Terzi

**3. L-Unjoni tista' tikkonkludi ftehim ma' pajjiżi terzi rigward id-dħul mill-ġdid fil-pajjiż ta' l-oriġini jew ta' provenjenza minn ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx jew ma jibqgħux jissodisfaw il-kondizzjonijiet għad-dħul, għall-preżenza jew għar-residenza fit-territorju ta' wieħed mill-Istati Membri.**

Dan ifisser li l-Unjoni Ewropea qiegħda tingħata l-jedd u s-setgħa li tilħaq ftehim ma pajjiżi terzi biex dawk iċ-ċittadini tagħhom jew dawk li jkunu ġew minnhom li jinqabdu li jkunu illegalment fit-territorju ta' l-Istati Membri jkunu jistgħu jintbagħtu lura.

Fil-fatt, nistgħu nirreferu, fost oħrajn, għall-ftehim ta' Cotonou li l-Unjoni Ewropea għandha ma l-Istati ACP, jiġifieri mal-pajjiżi Afrikani, tal-Karibbew u l-Paċifiku, fejn jagħti dritt liċ-ċittadini minn dawn l-Istati biex imorru joqgħodu, jaħdmu u jintegraw fl-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea.[5]

Fil-fatt, l-Artiklu 13[6] tal-Ftehim ta' Cotonou jipprovdi biex ċittadini minn dawn l-Istati, jiġifieri dawk magħrufa bħala ACP, jingħataw l-istess trattament f'kull Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea bħal ma jingħataw l-istess ċittadini tagħhom.

Dan il-ftehim jipprovdi wkoll biex dawk l-immigranti illegali li jmorru illegalment fl-Istati Membri jintbagħtu lura lejn pajjiżhom[7] u obbligati wkoll li jagħmlu ftehim bilaterali, jiġifieri bejn żewġ pajjiżi biex jieħdu ċ-ċittadini tagħhom lura.[8]

---

[5] Artiklu 13 tal-ftehim ta' Cotonou jgħid li,
ARTICLE 13 Migration
1. The issue of migration shall be the subject of in-depth dialogue in the framework of the ACPEU Partnership.
The Parties reaffirm their existing obligations and commitments in international law to ensure respect for human rights and to eliminate all forms of discrimination based particularly on origin, sex, race, language and religion.

[6] 2. The Parties agree to consider that a partnership implies, with relation to migration, fair treatment of third country nationals who reside legally on their territories, integration policy aiming at granting them rights and obligations comparable to those of their citizens, enhancing non-discrimination in economic, social and cultural life and developing measures against racism and xenophobia.
3. The treatment accorded by each Member State to workers of ACP countries legally employed in its territory, shall be free from any discrimination based on nationality, as regards working conditions, remuneration and dismissal, relative to its own nationals. Further in this regard, each ACP State shall accord comparable non-discriminatory treatment to workers who are nationals of a Member State.

[7] 5. (a) In the framework of the political dialogue the Council of Ministers shall examine issues arising from illegal immigration with a view to establishing, where appropriate, the means for a prevention policy.
(b) In this context the Parties agree in particular to ensure that the rights and dignity of individuals are respected in any procedure initiated to return illegal immigrants to their countries of origin. In this connection the authorities concerned shall extend to them the administrative facilities necessary for their return.
(c) The Parties further agree that:
(i) each Member State of the European Union shall accept the return of and readmission of any of its nationals who are illegally present on the territory of an ACP State, at that State's request and without

Issa għad irridu naraw kemm dan il-ftehim jiġi nfurzat biex il-pajjiżi ACP jieħdu ċ-ċittadini tagħhom lura meta jibdew jaslu l-eluf ta' immigranti illegali ġewwa pajjiżna u Malta tibda tegħreq bihom. Nistennew u naraw.

Imma l-aktar li rridu niġbdu l-attenzjoni tagħkom huwa għad-differenza bejn dak li tagħmel l-Unjoni Ewropea u dak li nagħmlu aħna jew xi Stat Membru ieħor ta' l-Unjoni Ewropea.

Mela l-Unjoni Ewropea tista' tagħmel ftehim bħal dan, imma l-Italja li għamlet ftehim mal-Libja u Malta li l-aktar qegħdin ibatu mill-klandestini qalgħu kritika kbira għaliex bagħtu xi wħud minnhom lura.

Jistgħu jkunu ipokriti, qarrieqa u wiċċhom vili u agħar mill-għatba tal-Klistanija aktar minn hekk il-mexxejja federalisti ta' l-Unjoni Ewropea?

Anki dan huwa jedd ieħor meħud mingħand l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea u li normalment ikollu kull **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran**, jiġifieri li jilħaq u jagħmel ftehim jew trattat ma pajjiżi jew Stati **Sovrani** oħra.

## Iridu Jħarbtulna s-Soċjeta' Maltija bl-Integrazzjoni

**4. Liġi jew liġi kwadru Ewropea tista' tistabbilixxi miżuri biex jipprovdu inċentivi u sostenn għall-azzjoni ta' Stati Membri bl-għan li tiġi promossa l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment fit-territorji tagħhom, eskluża kull armonizzazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti ta' l-Istati Membri.**

Innutaw kif il-liġijet Ewropej jistgħu jagħmlu miżuri biex jgħinu lill-Istati Membri biex jintegraw ċittadini ta' pajjiżi terzi fit-territorju tagħhom, imma mhux li jkun hemm armonizzazzjoni tal-liġijiet.

Dwar l-armonizzazzjoni ma jfisser xejn, għaliex minħabba li l-liġijiet Ewropej, jiġifieri ta' l-Unjoni Ewropea, huma aqwa u fuq il-liġijiet ta' l-Istati Membri jgħoddu huma u mhux il-liġijiet ta' l-Istati Membri, u għalhekk ma jkunx hemm ħtieġa li l-liġijiet ta' l-Istati Membri jiġu armonizzati.

---

further formalities; each of the ACP States shall accept the return of and readmission of any of its nationals who are illegally present on the territory of a Member State of the European Union, at that Member State's request and without further formalities.
The Member States and the ACP States will provide their nationals with appropriate identity documents for such purposes.
In respect of the Member States of the European Union, the obligations in this paragraph apply only in respect of those persons who are to be considered their nationals for the Community purposes in accordance with Declaration No 2 to the Treaty establishing the European Community. In respect of ACP States, the obligations in this paragraph apply only in respect of those persons who are considered as their nationals in accordance with their respective legal system.

[8] (ii) at the request of a Party, negotiations shall be initiated with ACP States aiming at concluding in good faith and with due regard for the relevant rules of international law, bilateral agreements governing specific obligations for the readmission and return of their nationals. These agreements shall also cover, if deemed necessary by any of the Parties, arrangements for the readmission of third country nationals and stateless persons. Such agreements will lay down the details about the categories of persons covered by these arrangements as well as the modalities of their readmission and return.
Adequate assistance to implement these agreements will be provided to the ACP States.

Dwar l-integrazzjoni, tistgħu tistaqsu liċ-ċittadini ta' pajjiżi bħal ma huma l-Ingliterra, Franza, l-Italja u Stati Membri oħra u kollha jgħidulkom kemm iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi integraw fis-soċjeta' tagħhom, u jekk għandhomx inħawi sħaħ fl-ibliet tagħhom fejn joqgħodu ċittadini minn pajjiżi terzi fejn iċ-ċittadini tagħhom lanqas biss jissugraw jersqu.

Tridu li Malta niġu bħal dawn l-Istati Membri minħabba l-klandestini li qegħdin jiġu f'pajjiżna u li jkollna nżommuhom hawn u anki jġibu l-familji tagħhom minħabba r-regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea?

Jekk ma tridux li jiġrilna hekk triq waħda għandna.

Dik li nfittxu nitilqu mill-ħakma illegali, kolonjali u imperjalista ta' l-Unjoni Ewropea kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu, tgħid x'tgħid l-Unjoni Ewropea u jgħidu x'jgħidu l-**ĠUDIET** li ttradew lill-poplu Malti u l-**QUISLINGS** li lesti jmexxu skond kif jordnalhom il-barrani ta' l-Unjoni Ewropea minn Brussell.

**<u>Ħaddiema Barranin Jieħdu Xogħol il-Ħaddiema Maltin</u>**

**5. Dan l-Artikolu m'għandux jolqot d-dritt ta' Stati Membri li jiddeterminaw il-volumi ta' ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jiġu minn pajjiżi terzi fit-territorju tagħhom sabiex ifittxu impjieg, kemm jekk impjegati u kemm jekk jaħdmu għal rashom.**

Ftit zokkor biex ineħħi l-imrar tal-pillola li tkun l-Unjoni Ewropea li tieħu dawn id-deċiżjonijiet kollha fuq min għandu jedd joqgħod fit-territorju ta' l-Istati Membri.

Imma nnutaw li jingħad li dawn ikunu qegħdin ifittxu mpjieg, u mhux biex jingħataw kenn, għaliex dak tiddeċiedih l-Unjoni Ewropea.

Dan ifisser ukoll li l-ħaddiema Maltin se jibdew jikkompetu għax-xogħol f'Malta stess mhux biss ma ċittadini minn Stati Membri oħra, imma anki ma ċittadini ta' pajjizi terzi bħal ma huma l-ACP li ghandhom dritt jiġu jfittxu x-xogħol hawn Malta.

Meta taraw dawn l-affarijiet kollha, jista' jibqalkom l-iċken dubju li l-Unjoni Ewropea diġa' hija Stat Federali u qiegħda taġixxi bħala Stat Federali, u li din il-Kostituzzjoni sejra tkun wieħed mill-aħħar, jekk mhux l-aħħar pass fit-twaqqif ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea?

Se nibqgħu taħt dan il-madmad u jasar kolonjali ta' l-Unjoni Ewropea li minħabba fiha ġejna ma nikkmandaw xejn f'pajjiżna li minn fuq qiegħed jittieħed kollu mill-barranin?

Qum qawma fuq tiegħek poplu Malti u keċċi lill-barrani ħalli terġa' tieħu lura artek, l-**Indipendenza, il-Ħelsien u s-Sovranita'** tiegħek f'idejk u b'idejk minn taħt il-ħakma illegali, kolonjali u imperjalista ta' l-Unjoni Ewropea.

Aħdem magħna ħalli nerġgħu nieħdu l-Indipendenza, il-Ħelsien u s-Sovranita' tagħna minn taħt il-ħakkiem barrani arroganti kolonjalista u imperjalista ta' l-Unjoni Ewropea.

## ARTIKOLU III-268

**Il-politika ta' l-Unjoni stabbiliti f'din is-Sezzjoni u l-implimentazzjoni tagħha għandha tiġi regolata mill-principju ta' solidarjeta' u qsim ġust ta' responsabbilta' inklużi l-implikazzjonijiet finanzjarji tiegħu bejn l-Istati Membri. Kull meta jkun meħtieġ, l-atti ta' l-Unjoni adottati skond din is-Sezzjoni għandhom jinkludu l-miżuri xierqa biex jagħtu effett lil dan il-prinċipju.**

**<u>Qsim ta' Risponsabbilta' u Finanzi</u>**

Fi kliem ieħor, il-piż tar-risponsabbilta' biex titmexxa l-politika kollha li rajna f'din it-taqsima, inklużi dik finanzjarja tad-deċiżjonijiet tal-mexxejja federalisti ta' l-Unjoni Ewropea jridu jġorruh u jaqsmuh bejniethom iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri.

Din hija obbligazzjoni oħra imposta fuq l-Istati Membri mill-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

## SEZZJONI 3

## KOPERAZZJONI ĠUDIZZJARJA F'MATERJI ĊIVILI

## ARTIKOLU III-269

**1. L-Unjoni għandha tiżviluppa koperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili li jkollhom implikazzjonijiet transkonfinali, ibbażata fuq il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi u deċiżjonijiet f'każijiet ġudizzjarji u extraġudizzjarji. Din il-koperazzjoni tista' tinkludi l-adozzjoni ta' miżuri għall-approssimazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti ta' l-Istati Membri.**

**<u>Għarfien Reċiproku ta' Sentenzi</u>**

Waqt li huwa tajjeb li jkun hemm għarfien reċiproku ta' sentenzi ċivili mogħtija f'pajjiżi oħra, dan għandu jibqa' jedd u setgħa ta' l-Istati Membri li jiddeċiduh, għaliex jista' jkun hemm affarijiet li waqt li f'xi Stat Membru jkunu aċċettabbli, ma jkunux aċċettabbli fi Stat Membru ieħor.

Innutaw ukoll kif jingħad li "**L-Unjoni għandha tiżviluppa koperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili li jkollhom implikazzjonijiet <u>transkonfinali</u>".**

Tinsewx li meta nitkellmu dwar **Stati Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** nitkellmu dwar "**Fruntieri**" mhux "**Konfini**", għaliex il-"**Konfini**" nitkellmu dwarhom meta nitkellmu dwar il-Kunsilli Lokali.

Fi kliem ieħor, l-Unjoni Ewropea tistma l-Istati Membri daqs li kieku kienu, bir-rispett kollu, Kunsilli Lokali li jkollhom joqgħodu għal dak li jiddeċiedi l-Gvern Ċentrali. Xejn aktar u xejn inqas.

**<u>Liġi Ewropea Oħra għall-Infurzar</u>**

**2. Għall-għanijiet tal-paragrafu 1, liġi jew liġi kwadru Ewropea għandha tistabbilixxi miżuri, b'mod partikolari fejn ikunu meħtieġa għall-funzjonament kif suppost tas-suq intern, maħsuba biex jiżguraw:**

**a) ir-rikonoxximent reċiproku u l-infuzar bejn Stati Membri ta' sentenzi u deċiżjonijiet f'każijiet ġudizzjarji u extraġudizzjarji;**

**b) it-tifsir u n-notifika transkonfinali ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji;**

**ċ) il-kompatibilita' tar-regoli applikabbli fl-Istati Membri dwar il-kunflitt ta' liġijiet u ta' ġurisdizzjoni;**

**d) il-koperazzjoni biex jinkisbu l-provi;**

**e) aċċess effettiv għall-ġustizzja;**

**f) it-tneħħija ta' xkiel għall-funzjonament kif suppost ta' proċedimenti ċivili, jekk meħtieġ billi tkun promossa l-kompatibilita' tar-regoli dwar il-proċedura ċivili applikabbli fl-Istati Membri;**

**g) l-iżvilupp ta' metodi alternattivi biex jiġu riżolti l-kwistjonijiet;**

**h) appoġġ għat-taħriġ tal-ġudikatura u l-persunal ġudizzjarju.**

L-ewwel nett tajjeb li niġbdu l-attenzjoni li bil-Malti ma ngħidux "**riżolti**", imma "**maħlula**".

Minħabba li dan huwa subartikolu li fih ħafna teknikalitajiet, mhux sejrin noqgħodu nidħlu fid-dettalji, imma nfakkru biss li dawn dejjem kienu jeddijiet ta' kull **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran** li jieħu deċiżjoni dwarhom.

Issa l-Unjoni Ewropea qiegħda tingħata l-jedd u s-setgħa li tkun hija li permezz tal-liġijiet Ewropej tagħha tiddeċiedi dwarhom, anki jekk is-sistemi legali fl-Istati Membri huma differenti ħafna.

Tant l-Unjoni Ewropea taf li s-sistemi legali huma differenti fl-Istati Membri, li jekk tinnutaw dak li jingħad fis-subinċiż (**f**), l-Unjoni Ewropea permezz tal-liġijiet Ewropej tagħha sejra tkun tista' tagħmel dak kollu meħtieġ biex ir-regoli ta' proċeduri jkunu jaqblu fl-Istati Membri kollha.

Jidher jew ma jidhirx l-indħil mill-Unjoni Ewropea f'kollox u f'kull qasam u kif qiegħda taġixxi daqs li kieku kienet Stat Federali, u kif pass wara pass wara pass qiegħda tilħaq l-għanijiet tagħha, u kif il-Kostituzzjoni sejra tkun l-aħħar pass li tikkonferma t-twaqqif ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea?

## Probelmi Kbar b'Liġi Ewropea Dwar il-Liġi tal-Familja

**3. Minkejja l-paragrafu 2, miżuri li jikkonċernaw il-liġi tal-familja b'implikazzjonijiet transkonfinali għandhom jiġu stabbiliti f'ligi jew liġi kwadru Ewropea tal-Kunsill. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jikkonsulta mal-Parlament Ewropew.**

**Il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jadotta deċiżjoni Ewropea li tiddetermina dawk l-aspetti tal-liġi tal-familja b'implikazzjonijiet transkonfinali li jistgħu jkunu s-suġġett ta' atti adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew.**

Hawnhekk sejrin nidħlu f'qasam mill-aktar sensittiv tal-liġi tal-familja. Waqt li mhux sejrin nidħlu fil-mertu ta' x'inhuwa tajjeb jew ħażin, dan ifisser li l-Unjoni Ewropea sejra tkun tista' permezz tal-liġijiet Ewropej, tiddeċiedi x'għandha tkun il-liġi tal-familja.

Dan għaliex, biex nieħdu eżempju, jekk Stat Membru jkun jagħraf iż-żwieġ ma' aktar minn mara waħda, jew żwieġ bejn tnejn ta' l-istess sess, u dik il-familja tmur joqgħod fi Stat Membru ieħor, dak iż-żwieġ sejjer ikollu implikazzjonijiet trans-fruntieri.

Għaldaqstant, l-Unjoni Ewropea sejra tkun tista' tiddeċiedi li minkejja li l-Istat Membru li fih tkun marret dik il-familja ma jkunx jagħraf żwiġijiet bħal dawn, dak l-Istat għandu jagħraf dan iż-żwieġ bħala żwieġ validu.

Innutaw id-distinzjoni li qiegħda ssir bejn li ż-żwieġ huwa regolat mill-Istati Membri, jiġifieri ż-żwieġ li jkun sar fit-territorju ta' Stat Membru, u żwieġ li jkun sar fit-territorju ta' Stat Membru ieħor u dik il-familja imbagħad tmur toqgħod fi Stat Membru ieħor, għaliex dak jiġi żwieġ b'implikazzjonijiet trans-fruntieri.

Hawnhekk qegħdin ngħidu **trans-fruntieri** għaliex **trans-konfinali** kif qiegħda f'dan il-provvediment tfisser il-limiti tal-fruntieri ta' l-Istati Membri.

Imma anki din il-kelma turi kif il-mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea jistmaw lill-Istati Membri daqs, bir-rispett kollu, il-Kunsilli lokali, għaliex huwa meta wieħed jitkellem fuq Kunsilli Lokali li jingħad "**konfini"**, u "**transkonfini"** tfisser li jaqsmu l-"**konfini"**, waqt li meta jitkellem dwar Stati jingħad "**fruntieri"**.

Il-fatt li jingħad li l-Kunsill tal-Ministri għandu jaġixxi unanimament wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew huwa kollu bżar fl-għajnejn u żejt fil-bażwa, għaliex l-Unjoni Ewropea taf kif għandha tagħmel biex b'mod jew ieħor tgħaddi dak kollu li tkun trid.

Qegħdin taraw kif l-Unjoni Ewropea dejjem tħalli minn fejn toħroġ u tkun tista' tagħmel dak kollu li jidrilha minkejja li ma' l-ewwel daqqa t'għajn ma tagħtix każ.

L-ewwel tgħidlek li ż-żwieġ jirregolawh l-Istati Membri, imbagħad jekk ma toqgħodx attent iddaħħallek xi Artikolu bħal dan li jekk ma teżaminaħx sewwa u taħseb fuqu lanqas tinduna xi jkun ifisser u x'hemm warajh.

X'sejrin jgidulna l-awtoritajiet tal-Knisja f'Malta dwar dawn l-affarijiet?

## SEZZJONI 4

## KOPERAZZJONI ĠUDIZZJARJA F'MATERJI KRIMINALI

## ARTIKOLU III-270

**1. Il-koperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali fl-Unjoni għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi u deċiżjonijiet ġudizzjarji u għandha tinkludi l-approssimazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti ta' l-Istati Membri fl-oqsma previsti fil-paragrafu 2 u fl-Artikolu III-271.**

**Għarfien Reċiproku tas-Sentenzi fil-Kamp Kriminali**

Bħal ma għedna dwar kwistonijiet ċivili u dak li japplika fi kwistjonijiet ċivili ngħidu wkoll għall-kwistjonijiet kriminali li jissemmew f'dan l-Artikolu.

Id-differenza hija li fil-kamp kriminali, il-liġi kriminali aktar minn kull liġi oħra ta' kull Stat twassal u tiġi applikata sal-fruntieri tiegħu.

Anki dan l-ezempju juri bl-aktar mod ċar kemm l-Unjoni Ewropea hija Stat Federali u tqis it-teritorju ta' l-Istati Membri bħala territorju tagħha meta tordna r-rikonoxximent reċiproku fil-kamp kriminali u anki t-tqarrib tal-liġijiet kriminali ta' l-Istati Membri u l-għarfien tas-sentenzi u deċiżjonijiet ġudizzjarji ta Stati Membri oħra.

**Indħil fil-Kamp Kriminali**

Dan ikompli jgħid li,

**a) jistabbilixxu regoli u proċeduri biex jassiguraw ir-rikonoxximent fl-Unjoni kollha tal-forom kollha ta' sentenzi u deċiżjonijiet ġudizzjarji;**

**b) jrażżnu u jirriżolvu konflitti ta' ġurisdizzjoni bejn l-Istati Membri;**

**ċ) jiffavorixxi l-formazzjoni tal-ġudikatura u l-persunal ġudizzjarju;**

**d) tiġi ffaċilitata l-koperazzjoni bejn awtoritajiet ġudizzjarji jew ekwivalenti ta' l-Istati Membri fir-rigward ta' proċeduri f'materji kriminali u l-infurzar tad-deċiżjonijiet.**

Innutaw li bħal ma ntqal f'Artikoli oħra, l-Unjoni Ewropea qiegħda tingħata jedd u setgħa li tagħmel liġijiet Ewropej anki fil-qasam kriminali.

Tiftakru li aktar qabel konna għednilkom xi ħaġa il-***Corpus Juris*** kif persuna tista' tiġi arrestata u tinżamm għal sitt xhur mingħajr ma titressaq u tiġi akkużata quddiem il-Qorti, u li malli jgħaddu dawn is-sitt xhur tista' tibqa' arrestata għal tliet xhur oħra?

Hemm ħafna x'jingħad dwar il-***Corpus Juris***, imma hawnhekk nibqgħu fuq il-Kostituzzjoni u nnutaw li l-Unjoni Ewropew qiegħda tingħata s-setgħa biex tagħmel dak li jkun meħtieġ biex l-Istati Membri jirrikonoxxu u jinfurzaw bilfors sentenzi u

deċiżjonijiet meħuda minn qrati ta’ Stati Membri oħra u jrażżnu kull differenza li toħloq xi konflitt bejn il-liġijiet ta’ l-Istati Membri.

<u>Liġi Ewropea Dwar Rikonoxximent tas-Sentenzi Kriminali</u>

**2. Sa fejn ikun meħtieġ sabiex jiġi ffaċilitat ir-rikonoxximent reċiproku ta’ sentenzi u deċiżjonijiet ġudizzjarji u koperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja f’materji kriminali li jkollhom dimensjoni transkonfinali, liġi kwadru Ewropea tista' tistabbilixxi regoli minimi. Dawn ir-regoli għandhom jieħdu in kunsiderazzjoni d-differenzi bejn it-tradizzjonijiet u s-sistemi legali ta’ l-Istati Membri.**

**Huma ghandhom jikkonċernaw:**

**a) l-ammissibbilta’ reċiproka ta’ provi bejn l-Istati Membri;**

**b) id-drittijiet ta’ individwi fi proċedura kriminali;**

**ċ) id-drittijiet ta’ vittmi tal-kriminalita’.**

**d) kull aspett speċifiku ieħor tal-proċedura kriminali li l-Kunsill ikun identifika minn qabel b’deċiżjoni Ewropea; biex tiġi adottata din id-deċiżjoni, l-Kunsill għandu jaġixxi b’mod unanimu wara li jkun kiseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew.**

**L-adozzjoni tar-regoli minimi previsti f’dan il-paragrafu m’għandhiex iżomm lill-Istati Membri milli jżommu fis-seħħ jew idaħħlu livell ogħla ta’ protezzjoni għall-individwi.**

Jista’ jibqa’ xi dubju dwar l-indħil sfaċċat ta’ l-Istat Federali ta’ l-Unjoni Ewropea f’oqsma li dejjem kienu l-jedd u s-setgħa ta’ l-Istati Membri kif dejjem kien l-jedd u s-setgħa ta’ kull **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran**?

Imma l-aktar li jħasseb huwa li waqt li l-Istati Membri għandhom sistemi differenti dwar il-provi li jistgħu jinġiebu, u mhux kollha jaċċettaw l-istess provi jew kif jinġabru, qiegħed jingħad li liġi Ewropea sejra tkun tista tiddeċiedi li provi li jkunu nġiebu fi Stat Membru jridu jiġu aċċettati fi Stat Membru ieħor.

Mhux biss, imma l-liġi Ewropea sejra tkun tista’ tiddeċiedi wkoll anki d-drittijiet, jew aħjar bil-Malti jeddijiet, ikollha l-persuna li tkun qiegħda tgħaddi proċeduri kriminali, kif l-istess tiddeċiedi dwar il-vittma.

Is-subinċiż (**d**) imbagħad jirriserva l-jedd li l-Kunsill jista’ jidentifika kull aspett ieħor tal-liġi kriminmali li jista’ jagħmel liġi dwaru jew il jdaħħlu fil-liġi li jkun għamel.

Waqt li l-aħħar paragrafu jgħid li l-Istati Membri jistgħu jagħtu ħarsien aktar milli tkun tagħti l-liġi Ewropea, jekk il-liġi Ewropea tkun tagħti ħarsien daqs kemm kien hemm imniżżel fil-***Corpus Juris***, tassew li għandna għalfejn nitħassbu bil-kbir.

Din ma hija xejn ħlief arroganza mill-akbar mill-mexxejja federalisti ta' l-Unjoni Ewropea li b'kull mod u f'kull qasam iridu jiddeċiedu huma minflok l-Istati Membri li dejjem kellhom dawn il-jeddijiet meta kienu **Stati Indipendenti, Ħielsa u Sovrani**.

**Proċedura u Aspetti Fundamentali Milquta**

**3. Fejn membru tal-Kunsill jikkunsidra li abbozz ta' liġi kwadru Ewropea kif previst fil-paragrafu 2 jolqot xi aspetti fundamentali tas-sistema tal-ġustizzja kriminali tiegħu, jista' jitlob li l-abbozz tal-liġi kwadru jiġi mressaq quddiem il-Kunsill Ewropew. F'dan il-każ, il-proċedura prevista fl-Artikolu III-396 għandha tiġi sospiża. Wara diskussjoni, il-Kunsill Ewropew għandu, fi żmien 4 xhur minn din is-suspensjoni:**

**a) jirreferi lura l-abbozz lill-Kunsill, li għandu jwaqqaf is-sospensjoni tal-proċedura prevista fl-Artikolu III-396, jew**

**b) jitlob lill-Kummissjoni jew lill-grupp ta' Stati Membri li jkunu taw bidu għall-abbozz biex iressqu wieħed ġdid; f'dak il-kaz, l-att li kien propost oriġinarjament għandu jitqies li ma jkunx gie adottat.**

Innutaw kif jingħad li Stat Membru li jgħid li l-abbozz **"jolqot xi aspetti fundamentali tas-sistema tal-ġustizzja kriminali tiegħu"** mhux jista' jwaqqaf dak l-abbozz, imma jista' biss jitlob lill-Kunsill tal-Ministri biex jibgħat l-abbozz quddiem il-Kunsill Ewropew u l-proċedura fl-msemmija fl-Artikolu III-396 tiġi mwaqqfa.

Fi żmien 4 xhur il-Kunsill Ewropew għandu jew jibgħat l-abbozz lura lill-Kunsill tal-Ministri li għandu jwaqqaf is-sospensjoni msemmija, jew jitlob lil-Kummissjoni jew lill-grupp ta' Stati Membri li jkunu ressqu l-abbozz biex iressqu wieħed ġdid.

Fil-każ li l-Kunsill tal-Ministri jwaqqaf is-sospensjoni msemmija, dan ifisser li l-abbozz jibqa' għaddej biex jiġi approvat minkejja li jkun qiegħed "**jolqot xi aspetti fundamentali tas-sistema tal-ġustizzja kriminali"** ta' dak l-Istat Membru li jkun qajjem il-kwistjoni.

Dan ifisser li l-Istati Membri lanqas fil-kamp kriminali ma jibqalhom jedd li jiddeċiedu, u minkejja li dik il-liġi Ewropea tkun tolqot "**aspetti fundamentali tal-ġustizzja kriminali**" ta' dak l-Istat Membru, u tolqothom ħażin għaliex kieku ma kienx iqajjem il-kwistjoni, dak l-Istat Membru xorta waħda jkollu jobdi bilfors il-liġi Ewropea.

Hawnhekk niftakru fil-***Corpus Juris***, li kien abbozz ta' liġi kriminali ta' l-Unjoni Ewropea, fejn insibu ħniżrijiet u inġustizzji mill-akbar bl-iskuża biex jitħarsu l-interessi finanzjari ta' l-Unjoni Ewropea.

Infakkru li fost oħrajn din riedet li tispiċċa s-sistema tal-Ġuri, isir spjunaġġ fuq iċ-ċittadini, persuna tista' tiġi arrestata u tinżamm għal sitt xhur li jistgħu jiġu miżjuda bi tliet xhur oħra mingħajr ma l-persuna suspettata tiġi akkużata quddiem il-Qorti, persuna tiġi mibgħuta fi Stat Membru ieħor mingħajr ma jsiru l-ebda proċeduri ta' estradizzjoni, u ħniżrijiet oħra li jiksru d-drittijiet fundamentali tal-bniedem.

Dawn huma l-ħniżrijiet li trid tagħmel l-Unjoni Ewropea u r-rispett li l-mexxejja federalisti, kolonjalisti, imperjalisti ta' qalb ħadra u xierfa u mingħajr kuxjenza tagħha għandhom għad-drittijiet fundamentali tal-bniedem

Fil-każ li l-Kunsill tal-Ministri jitlob lill-Kummissjoni jew lil dawk l-Istati Membri li jkunu ressqu l-abbozz biex iressqu abbozz ieħor, l-abbozz li tressaq qabel ma jitqiesx li jkun ġie approvat.

Dwar l-Artikolu III-396 li jissemma f'dan l-Artikolu, dan huwa twil ħafna u fih 15-il subartikolu, huwa Artikolu ta' proċedura, u narawh aktar 'il quddiem. Is-subartikolu li jmiss ta' l-Artikolu li qegħdin naraw, jgħid x'għandu jsir wara li l-abbozz ikun tressaq quddiem il-Kunsill Ewropew.

**<u>Koperazzjoni Msaħħa</u>**

**4. Jekk, sa l-aħħar tal-perijodu previst fil-paragrafu 3, il-Kunsill Ewropew ma jkunx aġixxa jew ma tkunx ittieħdet azzjoni mill-Kunsill Ewropew jew inkella jekk, fi zmien 12-il xahar wara li jkun ġie mressaq abbozz ġdid taħt il-paragrafu 3(b), il-liġi kwadru Ewropea ma tkunx ġiet adottata, u mill-inqas terz ta' l-Istati Membri jixtiequ jistabbilixxu koperazzjoni msaħħa fuq bażi ta' l-abbozz tal-liġi kwadru konċernat, huma għandhom jinnotifikaw lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni b'dan.**

**F'dan il-każ, l-awtorizzazzjoni biex jipproċedu bil-koperazzjoni msaħħa prevista fl-Artikoli I-44(2) u III-419(1) għandha titqies li ngħatat u d-disposizzjonijiet dwar koperazzjoni msaħħa għandhom japplikaw.**

Hawnhekk irridu ninnutaw żewġ affarijiet.

L-ewwel li jekk il-Kunsill Ewropew ma jaġixxix jew jieħu azzjoni fi żmien 12-il xahar, u terz mill-Istati Membri jkunu jridu jimxu 'l quddiem u jwaqqfu koperazzjoni msaħħa fuq il-bażi ta' dak l-abbozz, huma għandhom jinnotifikaw lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni b'dan.

It-tieni huwa li jekk fi żmien 12-il xahar wara li jkun tressaq abbozz ġdid ma tkunx saret il-liġi kwadru Ewropea isir jew jiġri l-istess.

Fi kliem ieħor, ma jkunux daħlu mill-bieb ikunu daħlu mit-tieqa, għaliex skond it-tieni paragrafu innutaw li jingħad li l-approvazzjoni għal dak l-abbozz jitqies li tkun ingħatat.

Qegħdin taraw kif il-jedd tal-veto spiċċa anki f'dan il-qasam, għaliex minkejja li l-Istati Membri l-oħra li ma jkunux qablu ma' l-abbozz ma jkunux marbuta bih, jekk aktar tard xi Stat Membru minnhom jidħol f'dik il-koperazzjoni msaħħa, forsi għaliex jiġi sfurzat, huwa jkun marbut anki b'dak li jkunu ddeċiedew l-Istati Membri l-oħra minkejja li qabel ikun oppona għal dak l-abbozz għaliex ikun **"jolqot xi aspetti fundamentali tas-sistema tal-ġustizzja kriminali tiegħu".**

Dawn huma l-ħniżrijiet li qablu magħhom dawk kollha li marru jirrappreżentawkom meta kienu qed ifasslu din il-Kostituzzjoni li l-Unjoni Ewropea trid li jkollha ħalli

aktar tikkonferma li hija Stat Federali u li din il-Kostituzzjoni tkun l-aħħar pass biex issir hekk.

Jekk ma qablux għandhom jgħidu ħalli l-poplu jkun jaf.

Jakk qablu, issa l-poplu Malti jaf ma liema ħniżrijiet qablu dawk li jippretendu li jkunu l-mexxejja tiegħu.

Jekk ma qablux jidher ċar kemm l-Unjoni Ewropea tagħti każhom.

## ARTIKOLU III-271

**1. Liġi kwadru Ewropea tista' tistabbilixxi regoli minimi dwar id-definizjoni ta' reati kriminali u ta' sanzjonijiet fiż-żoni ta' kriminalita' partikolarment serji b'dimensjonijiet trans-konfini li jirriżultaw minn natura jew mill-impatt ta' dawn ir-reati jew minn ħtieġa speċjali li jiġu kumbattuti fuq bażi komuni.**

### Indħil Perikoluż fil-Qasam Kriminali

Minħabba li dan l-Artikolu huwa twil mhux ħażin u huwa wkoll mill-aktar importanti, sejrin narawh biċċa biċċa.

L-ewwel ma tridu tinnutaw li l-Unjoni Ewropea trid li tingħata s-setgħa biex tagħmel ukoll liġijiet fil-qasam kriminali.

Dan huwa qasam li minn dejjem kien il-jedd u s-setgħa ta' kull **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran li** jagħmel liġijiet fih.

Tant dan huwa minnu, li kull Stat għandu liġijiet kriminali differenti minn Stat ieħor, fejn hemm differenzi, kemm żgħar u kemm kbar, li joħorġu mill-karatteristriċi ta' dik is-soċjeta' li tkun tgħammar f'dak l-Istat fi żmien partikolari.

Biex nieħdu eżempju prattiku u li jista' jifhem kulħadd, hemm Stati fejn il-piena tal-mewt spiċċat u hemm Stati fejn tingħata l-piena tal-mewt.

Fil-fatt, ġieli tisimgħu aħbarijiet fejn persuna ma tiġix mibgħuta lejn l-Istati Uniti ta' Amerika minkejja li tkun għamlet reat serju ħafna minħabba li fl-Istati Uniti ta' l-Amerika għad hemm il-piena tal-mewt.

Issa li qiegħed isir bl-ewwel parti ta' dan l-Artikolu huwa li l-Unjoni Ewropea trid u jekk tiġi approvata din il-Kostituzzjoni tingħata, il-jedd u setgħa li tagħmel liġijiet biex tgħid x'għandu jitqies bħala reat kriminali u x'għandhom ikunu l-pieni għalih.

Din hija ħaġa mill-aktar serja, għaliex dak li f'Malta jista' jitqies bħala reat jista' ma jitqiesx hekk mill-Unjoni Ewropea u, bl-istess mod, dak li jista' ma jitqiesx bħala reat f'Malta jista jitqies bħala reat mill-Unjoni Ewropea.

Biex nagħtukom eżempju, fl-Olanda hemm ħwienet bil-permess li jbiegħu l-ħaxixa, jiġifieri d-droga cannabis sativa, waqt li f'Malta dan huwa pprojbit u hemm pieni ħorox għal min jinqabad jittraffika d-droga.

Għalhekk jista' jiġri li jekk l-Unjoni Ewropea tiddeċiedi li l-bejgħ tal-ħaxixa huwa reat kriminali il-Gvern Olandiż ikollu jibdel il-liġi biex anki hemmhekk issir reat kriminali u ma jħallix li tinbiegħ aktar.

Min-naħa l-oħra, jekk l-Unjoni Ewropea tiddeċiedi l-kontra, jiġifieri li m'huwiex reat kriminali li tinbiegħ il-ħaxixa, il-Gvern Malti jkollu jibdel il-liġi u jħalli li l-ħaxixa tinbiegħ.

Hawnhekk irridu niġbdu l-attenzjoni tagħkom kif għamilna kemm-il darba, li fil-paragrafu jingħad li dawn huma reati b'dimensjonijiet trans-konfinali jew, fi kliem ieħor, li l-effetti tagħhom jinħassu minn Stat Membru għal Stat Membru ieħor.

Issa kif tafu, meta nitkellmu dwar Stati nitkellmu dwar trans-fruntieri u mhux trans-konfini, għaliex il-fruntieri huma l-limiti ta' Stat waqt li konfini huma limiti ta' kunsilli lokali.

Fi kliem ieħor, l-Istati Membri huma stmati mill-Unjoni Ewropea daqs, bir-rispett kollu, kunsilli lokali.

Barra minn hekk, hemm ċerti kriterji u regoli fil-liġi internazzjonali dwar dawn l-affarijiet, jiġifieri min ikollu ġurisdizzjoni fuq każ partikolari li minkejja li r-reat ikun ippjanat fi Stat, jista' jkun inbeda fi Stat ieħor, jiġi esegwit fi Stat ieħor, u l-effetti tiegħu jinħassu fi Stat ieħor.

F'dan il-każ ikunu mdaħħla erba' Stati li kollha sar xi ħaġa gewwa fihom biex sar ir-reat, waqt li kull Stat minnhom għandu l-liġi kriminali partikolari tiegħu. Min ikollu l-ewwel, it-tieni ġurisdizzjoni eċċ hija kwistjoni ta' liġi internazzjonali li tirregola dawn l-affarijiet.

Madankollu, kif tistgħu taraw, l-Unjoni Ewropea trid li tingħata l-jedd u s-setgħa biex tkun hija, jew aħjar il-mexxejja federalisti arroganti tagħha li jiddeċiedu dwar dawn l-affarijiet minkejja li dejjem kienu l-jedd u s-setgħa ta' kull **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran** li jagħmel il-liġi kriminali tiegħu u l-piena li kull reat iġorr miegħu.

**<u>L-Oqsma Msemmija</u>**

**Dawn l-oqsma ta' kriminalita' huma li ġejjin: it-terroriżmu, it-traffikar ta' bnedmin u l-isfruttament sesswali ta' nisa u tfal, it-traffikar illeċitu ta' droga, it-traffiku illeċitu ta' armi, il-money laundering, il-korruzzjoni, il-falsifikazzjoni ta' mezzi ta' ħlas, il-kriminalita' fl-informatika u kriminalità organizzata.**

**Fuq bażi ta' l-iżviluppi fil-kriminalita' il-Kunsill jista' jadotta deċiżjoni Ewropea li tidentifika oqsma ohra ta' kriminalita' li jissodisfaw il-kriterji indikati f'dan il-paragrafu. Għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jkollu l-kunsens tal-Parlament Ewropew.**

Ħalli nieħdu dawn l-oqsma wieħed wieħed.

**It-Terroriżmu**

L-ewwel ma jissemma huwa t-terroriżmu. Waqt li ħadd ma jieħu pjaċir li jkun hemm it-terroriżmu, hemm differenzi kbar dwar dawn l-affarijiet.

Dan għaliex waqt li jista' jkun hemm ġellieda li jkunu qegħdin jiġġieldu biex art twelidhom u huma jieħdu **l-Indipendenza u l-Ħelsien** minn taħt ħakma kolonjali, huma jkunu meqjusa bħala patrijotti min nieshom waqt li l-ħakkiem kolonjali jqishom bħala terroristi.

Hawnhekk nistgħu nġibu l-eżempju tal-ġellieda tar-reżistenza fil-pajjiżi maħkuma mill-Ġermanja Nazista fl-aħħar gwerra. Nieshom u l-allejati kienu jqishom bħala patrijotti u ġellieda għall-ħelsien, waqt li issa dawk l-istess pajjiżi qegħdin iqisu lil min qiegħed jiġġieled għall-**Indipendenza u l-Ħelsien** ta' art twelidu bħala terrorista.

Għaldaqstant, dak li jitqies bħala terrorista mill-Unjoni Ewropea jista' jitqies bħala ġellied għall-ħelsien ta' pajjiżu minn oħrajn.

Minħabba f'hekk, Malta jkollha timxi bilfors skond ma tiddeċiedi l-Unjoni Ewropea minkejja li nistgħu nkunu naqblu ma min ikun qiegħed jiġġieled għall-ħelsien ta' pajjiżu.

**It-Traffikar ta' Bnedmin**

Dwar it-trafikar ta' bniedmin m'għandniex dubju li kulħadd jaqbel li dan m'għandux jitħalla jsir, ħlief it-traffikanti u dawk li jħaddmu l-bnedmin bħala lsiera tagħhom.

Hawn Malta diġa' qegħdin inħossu l-effetti tiegħu bl-eluf ta' immigranti illegali li qegħdin jaslu Malta u li se jkomplu jiżdiedu bl-eluf kbar aktar ma jgħaddi ż-żmien minħabba li sirna membri ta' l-Unjoni Ewropea.

Hawnhekk infakkru li ma kienx hemm għalfejn tiġi l-Unjoni Ewropea tgħidilna x'għandna nagħmlu, għaliex għandna l-liġijiet tagħna dwar dawn l-affarijiet.

Infakkru li t-traffikar tal-bniedmin ma jsirx biss biex jitħaddmu bħala lsiera b'paga miżerja jew mingħajr paga u b'kundizzjonijiet tax-xogħol tal-bhejjem, imma t-traffiku jsir anki biex jiġu esplojtati sesswalment fil-prostituzzjoni. Fil-fatt, dan huwa msemmi u se nitkellmu fuqu fil-paragrafu li jmiss.

**L-Isfruttament Sesswali ta' Nisa u Tfal**

Dwar l-isfruttament sesswali ta' nisa u tfal m'ghandniex dubju li l-maġġoranza assoluta jaqblu li din hija prattika mill-aktar moqżieża u degradanti għal kull min ikun qiegħed jiġi sfruttat. In-nisa u tfal isiru biss biċċa għodda li tintuża skond kif irid sidha.

Għaldaqstant, m'hemmx l-iċken dubju li naqblu li kull sfruttament sesswali ta' nisa u tfal għandu jkun ikkundannat bl-akbar qawwa u kull min jisfruttahom għandu jingħata kastig aħrax ħalli jservi ta' deterrent tajjeb.

Hawnhekk tajjeb li nosservaw li waqt li l-Unjoni Ewropea tgħid li trid l-ugwaljanza sesswali, semmiet biss in-nisa u tfal. Huwa veru li n-nisa u tfal huma l-aktar dgħajfa u jinħtieġu ħarsien, imma jista' jkun hemm anki rġiel li jistgħu jiġu esplojtati għall-prostituzzjoni.

Għaldaqstant, konna nistennew li l-Unjoni Ewropea ma tagħmilx diskriminazzjoni sesswali u kellha tgħid "**l-isfruttament sesswali tal-bnedmin**" u mhux biss "**l-isfruttament sesswali ta' nisa u tfal**"

Hawnhekk intennu li waqt li naqblu li min jagħmel dawn l-affarijiet għandu jkun ikkastigat bl-aħrax, li ma naqblux huwa li dan għandu jiġi deċiż mill-Unjoni Ewropea, għaliex Malta ilna żmien twil ħafna li kellna provvedimenti fil-Kodiċi Kriminali tagħna dwar dawn l-affarijiet, u ma kienx hemm bżonn li tiġi l-Unjoni Ewropea biex tgħidilna x'għandna nagħmlu.

Anki hawnhekk għandna ċerti riservi, għaliex waqt li l-prostituzzjoni f'Malta hija kontra l-liġi, f'numru ta' Stati Membri hija permessa. X'jista' jiġri aktar 'il quddiem u kif issir taħsiba l-Unjoni Ewropea u jekk tordnax li l-prostituzzjoni tiġi legalizzata ma nistgħux nafu.

## <u>It-Traffikar Illeċitu ta' Droga</u>

Hawnhekk huwa mportanti li tinnutaw li jingħad it-traffikar "illeċitu" ta' droga u mhux it-taffikar ta' droga.

Din malajr tistgħu tifmuha għaliex ftit qabel għadna kif semmejna li l-ħaxixa tista' tinbiegh fl-Olanda.

Madankollu, it-traffiku ta' kull kwalita' ta' droga jwassal għall-qerda ta' min jeħodha, serq, u forsi anki qtil, biex min ikun ivvizzjat isostni l-vizzju tiegħu sakemm jinqered.

Anki hawnhekk ma kellniex ħtieġa li tiġi l-Unjoni Ewropea tgħidilna x'għandna nagħmlu.

Mhux biss, imma minħabba t-tolleranza laxka f'ċerti Stati Membri kellna innaqqsu s-sentenzi bħal meta kienet inqabdet dik il-barranija iddaħħal id-droga u kienet weħlet xi xhur il-ħabs.

Barra minn hekk, aħna naraw inkonsistenza kbira bejn dak li tgħid u dak li tagħmel l-Unjoni Ewropea. Hawnhekk infakkru fil-każ magħruf bħala Calfa, fejn fil-qosor din Calfa kienet inqabdet bid-droga fil-Greċja.

Minħabba li fil-Greċja kien hemm liġi li barrani li jinqabad bid-droga kien jitkeċċa għal għomru mill-Greċja, Calfa fetħet kawża fejn qalet li ma setgħetx titkeċċa għal għomorha.

Ir-riżultat kien li l-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea kienet iddeċidiet li l-Greċja ma setgħetx tkeċċi barrani li jinqabad bid-droga bħal ma kienet inqabdet Calfa għal għomru, u l-Greċja kellha tbiddel il-liġi tagħha.

Mhux ta' b'xejn hemm miljuni ta' drogati u traffikar enormi ta' droga fl-Unjoni Ewropea jekk lanqas ma tista' tkeċċi barrani għal għomru mit-territorju tiegħek meta jkun inqabad bid-droga

Imma bil-ħaqq, l-Istati Membri m'għadx għadhom territorju tagħhom, għaliex dan ittieħed u sar territorju ta' l-Unjoni Ewropea.

Din m'hijiex kollha ipokrezija mill-akbar mill-mexxejja arroganti ta' Unjoni Ewropea?

**<u>It-Traffiku Illeċitu ta' Armi</u>**

Hawnhekk nerġgħu niġbdu l-attenzjoni tagħkom li huwa t-traffiku illeċitu ta' armi li huwa qasam fejn dan it-traffiku jitqies bħala reat mill-Unjoni Ewropea. Dan għaliex hemm ukoll it-traffiku legali ta' armi, bħal ma huma snieter u armi oħra li jistgħu jiġu esportati.

Mhux biss, imma hemm armi u armamenti militari li t-traffiku tagħhom iġib biljuni ta' ewros lil ċerti Stati Membri li għandhom suq kbir fl-armi u armamenti militari.

Fil-fatt, l-Italja kienet waħda mill-aktar esportaturi ta' miljuni kbar ta' mini kontra l-persuna, li ħafna minnhom ma kienux magħmula biex joqtlu, imma biex iferu serjament lil min jirfishom.

Dan kien isir apposta biex il-feruti jkunu ta' piż fuq pajjiżhom mhux biss waqt il-gwerra, imma anki wara minħabba li ma jkunux jistgħu jaħdmu u jkunu ta' piż fuq is-servizzi soċjali.

Ara għal dawn ma hemmx problemi minkejja li dawn l-armi u armamenti joqtlu eluf kbar ta' nies minħabba li jinbiegħu anki lil dittaturi li jkunu favur l-Unjoni Ewropea.

Min-naħa l-oħra, naqblu li t-traffiku ta' l-armi u armamenti għandu jieqaf għaliex aktar ma jkun hemm minnhom aktar ikun hemm instabbilita' u periklu għal kulħadd.

Madankollu nerġgħu ntennu li ma kienx hemm ħtieġa li tiġi l-Unjoni Ewropea tgħid x'għandu jsir għaliex irid jiġi minn kull Stat li jwaqqaf dan it-traffiku ta' armi u armamenti, illeċitu u mhux.

**<u>Il-Money Laundering</u>**

L-ewwel ma rridu ngħidu li t-tradutturi li qalbu l-Kostituzzjoni bil-Malti setgħu ħabblu ftit rashom, għalkemm m'hemmm għalfejn, għaliex bil-Malti ngħidu "**ħasil tal-flus**" u mhux "**money laundering**" li hija bl-ilsien Ingliż.

Biex niġu għas-suġġett, il-ħasil tal-flus ifisser li dawk il-flus li jkunu daħlu minn attivitajiet illegali jiġu nvestiti f'affarijiet legali biex b'hekk jidhru li saru b'mezzi leċiti.

Biex nieħdu eżempju, flus li jkunu daħlu mill-prostituzzjoni jew bejgħ ta' droga jiġu nvestiti f'bini, f'azjendi, bonds u affarijet oħra biex jidhru li daħlu mill-bejgħ jew kiri tal-bini jew mill-bejgħ tal-prodotti minn dawk l-azjendi eċċ.

Dawn l-affarijiet isiru ħafna barra minn Malta u ma niskantawx li jsiru wkoll f'Malta meta wieħed jara kif ċerti nies ma jkunux qegħdin jgħixu skond il-mezzi li jidher li suppost ikollhom.

Biex nieħdu eżempju, wieħed li ma jaħdimx jew ikollu xogħol b'paga baxxa ma jistax ikun li jibdel karozza f'karozza, jkollu jott jew aktar minn wieħed, imur fuq safra wara safra u affarijiet oħra bħal dawn.

Madankollu, lanqas hawnhekk ma kellha għalfejn tiġi l-Unjoni Ewropea tgħidilna x'għandna nagħmlu, għaliex il-pulizija għandha s-setgħa, anzi wkoll dmir għaliex hija obbligata bil-liġi, li tara u tinvestiga kif persuna tkun qegħda tgħix f'ċertu lussu meta skond il-mezzi dikjarati mhux suppost li tkun tista' tgħix hekk.

**<u>Il-Korruzzjoni</u>**

Dwar il-korruzzjoni kulħadd jaqbel, ħlief dawk korrotti, li l-koruzzjoni hija kankru li wieħed għandu jagħmel minn kollox biex jeqirdu.

Madankollu, hawnhekk naraw l-ipokrezija ta' l-Unjoni Ewropea, għaliex waqt li trid li tqis il-korruzzjoni bħala reat kriminali biex tirregolah hija, hemm ħafna li jaħsbu li l-korruzzjoni teżisti u hija istituzzjonalizzata fl-istituzzjonijiet tagħha.

Hemm min isemmi kif kellha tirriżenja l-Kummissjoni minħabba akkużi ta' korruzzjoni u nepotiżmu, waqt li kulħadd jaf li l-kontijiet tal-Kummissjoni ilhom snin twal ma jiġi approvati mill-Qorti ta' l-Awdituri minħabba nuqqasijiet fil-kontijiet u mijiet ta' miljuni ta' liri jew aħjar ewros li jisparixxu kull sena.

Anki hawn Malta suppost għandna liġijiet kontra l-korruzzjoni u ma kellhiex għalfejn tiġi l-Unjoni Ewropea tgħidilna x'għandna nagħmlu.

Jidher li l-mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea ma jafux il-qawl Malti li jgħid li "**biex tiskonġra trid tkun pur**".

**<u>Il-Falsifikazzjoni ta' Mezzi ta' Ħlas</u>**

Il-falsifikazzjoni ta' mezzi ta' ħlas tfisser, biex nieħdu eżempju, dawk il-karti, bħal ma huma ċekkijiet imma mhux biss, li permezz tagħhom persuna tirċievi ħlas li ma jkunx dovut lilha, ħlas aktar milli suppost, jew li tħallas bihom meta taf li jew m'għandhiex flus x'jagħmlu tajjeb jew ikunu, bħala eżempju, ta' ħaddieħor għaliex ikunu nsterqu.

Hemm ħafna aktar eżempji, imma dawn huma biżżejjed biex wieħed jifhem x'irridu ngħidu.

M'hemmx dubju li reati bħal dawn għandhom ikunu kkundannati, imma bħal fl-affarijiet l-oħra, ma kienx hemm għalfejn tiġi l-Unjoni Ewropea tgħidilna x'għandna nagħmlu għaliex kellna liġijiet għal kontra dawn l-abbużi.

**<u>Il-Kriminalita' fl-Informatika</u>**

Il-kriminalita' fl-informatika hija xi ħaġa li ma ilhiex wisq, u kull pajjiż għadu relattivament fil-bidu biex jikkumbatti din it-tip ta' kriminalita'. Anki f'Malta għandna liġijiet kontra din it-tip ta' kriminalita' u ma kienx hemm għalfejn tiġi l-Unjoni Ewropea tgħidilna x'nagħmlu.

Barra minn hekk, dan huwa eżerċizzju ta' setgħa federali fejn l-Istat Federali li f'dan il-każ hija l-Unjoni Ewropea, tordna x'għandu jsir u l-Istati Membri jkollhom jobdu sa' l-inqas punt u virgola.

**<u>Kriminalità Organizzata</u>**

Il-kriminalita' organizzata hija wkoll qasam li jinħtieġ li jiġi attakkat mingħajr l-iċken ħniena. Il-kriminalita' organizzata tidħol f'kull qasam, fil-prostituzzjoni, fis-serq, qtil, drogi, traffikar ta' nies, u kull qasam immaġinabbli.

Għaldaqstant, il-kriminalita' organizzata hija kankru tas-soċjeta' li wieħed irid jara kif jagħmel u kemm jista' jkun jeqridha.

Madankollu, anki f'dan il-qasam ma kienx hemm u ma hemmx ħtieġa li tiġi l-Unjoni Ewropea tgħid x'għandu jsir, għaliex kull Stat għandu l-liġijiet tiegħu u ħafna stati jikkoperaw ma xulxin biex jiġġieldu kontra l-kriminalita' organizzata.

**<u>Armonizzazzjoni</u>**

**2. Jekk jidher li l-approssimazzjoni tad-disposizzjonijiet leġislattivi u regolatorji ta' l-Istat Membru fil-qasam kriminali tkun indispensabbli sabiex tiġi assigurata l-implimentazzjoni effettiva ta' politika ta' l-Unjoni f'qasam li kien soġġett għall-miżuri ta' armonizzazzjoni, liġi kwadru Ewropea tista' tistabbilixxi regoli minimi fir-rigward tad-definizzjoni ta' reati kriminali u ta' sanzjonijiet fil-qasam konċernat. Din il-liġi kwadru għandha tiġi adottata bl-istess proċedura li kienet użata għall-adozzjoni tal-miżuri ta' armonizzazzjoni in kwistjoni, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu III-264.**

Hawnhekk naraw aktar indħil fil-qasam kriminali ta' l-Istati Membri. Jekk tgħaddi din il-Kostituzzjoni l-Unjoni Ewropea sejra tkun tista' tgħid x'inhuwa reat, jiġifieri tagħti definizzjoni tiegħu, kif ukoll tagħmel il-pieni li jkunu applikabbli għalih.

Hawnhekk infakkru li dak li jista' jitqies bħala reat fi Stat Membu jista' ma jkunx jitqies bħala reat fi Stat Membru ieħor. Hawnhekk infakkru fl-eżempju li ġibna aktar qabel dwar li l-bejgħ tal-ħaxixa fl-Olanda m'huwiex reat waqt li f'Malta huwa. Issa se tkun l-Unjoni Ewropea li tiddeċiedi x'jitqies bħala reat.

Fi kliem ieħor, tkun ħadet il-jedd u s-setgħa fil-kamp kriminali mingħand l-Istati Membri li jkollhom joqgħodu għal dak li jiddeċiedi l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dwar l-Artikolu 264, infakkru li dan jgħid li l-liġijiet f'dawk l-oqsma jsiru fuq proposta tal-Kummissjoni jew fuq l-inizjattiva ta' kwart mill-Istati Membri.

**Jekk Jintlaqat xi Aspett Fundamentali ta' Stat Membru**

**3. Fejn membru tal-Kunsill jikkunsidra li abbozz ta' liġi kwadru Ewropea kif previst fil-paragrafu 2 jolqot xi aspetti fundamentali tas-sistema tal--ġustizzja kriminali tiegħu, jista' jitlob li l-abbozz tal-liġi kwadru jiġi mressaq quddiem il-Kunsill Ewropew. F'dan il-każ, il-proċedura prevista fl-Artikolu III-396 għandha tiġi sospiża. Wara diskussjoni, il-Kunsill Ewropew għandu, fi zmien 4 xhur minn din is-suspensjoni:**

**a) jirreferi lura l-abbozz lill-Kunsill, li għandu jwaqqaf is-sospensjoni tal-proċedura prevista fl-Artikolu III-396 jekk applikabbli, jew**

**b) jitlob lill-Kummissjoni jew lill-grupp ta' Stati Membri li jkunu taw bidu għall-abbozz, biex iressqu wieħed ġdid; f'dak il-każ, l-att li kien propost oriġinarjament għandu jitqies li ma jkunx ġie adottat.**

Hawnhekk għandna bl-iswed fuq l-abjad u bl-aktar mod ċar li l-liġijiet li tagħmel l-Unjoni Ewropea fil-kamp kriminali jista' jolqot aspett fundamentali tas-ssitema ġudizzjarja ta' xi Stat Membru.

Biex nagħtu eżempju, l-Unjoni Ewropea għamlet liġi kriminali tagħha li sejħitilha liġi embrijonika, jiġifieri bħal tarbija fil-ġuf t'ommha li tkun għadha qed tiżviluppa.

Wieħed mill-provvedimenti tagħha huwa li r-reati msemmija fiha ma jiġux ġudikati minn ġuri, imma minn dawk imsejħin bħal imħallfin professjonali.

Dan m'hemmx dubju li joħloq problemi u jolqot aspett fundamentali tal-ġustizzja tagħna u tar-Renju Unit, għaliex għal ċerti reati kemm Malta kif ukoll ir-Renju Unit għandna s-sistema tal-ġuri.

L-Artikolu III-396 huwa dwar il-proċedura ordinarja ta' kif isiru l-liġijiet ta' l-Unjoni Ewropea u din narawha meta neżaminaw danl-Artikolu aktar 'il quddiem.

Madankollu, innutaw li subinċiż (**a**) jgħid li l-Kunsill Ewropew jista' jwaqqaf is-sospensjoni at' din il-proċedura u jibgħat lura l-abbozz tal-liġi lejn il-Kunsill.

Fi kliem ieħor, minkejja l-oġġezzjoni ta' xi Stat Membru li dak li jkun qiegħed jiġi propost ikun sejjer jolqot aspett fundamentali tas-sistema tal-ġustizzja tiegħu, il-Kunsill Ewropew jibqa' għaddej minn fuqu u jibgħat l-abbozz lura lill-Kunsill biex il-liġi ssir xorta waħda.

Il-Kunsill Ewropea jista' wkoll skond subinċiż (**b**) jibgħat lura l-abbozz lill-Kummissjoni jew lill-Istati Membri beix iressqu abbozz ġdid.

Issa sta għalikom liema waħda minnhom taħsbu li l-Kunsill Ewropew jagħmel u jekk l-azzjoni li jieħu tkunx tiddependi liema Stat Membru jkun qiegħed joġġezzjona, għaliex ngħiduha kif inhi, li joġġezzjoni r-Renju Unit jew il-Ġermanja mod, u li toġġezzjoni Malta huwa mod ieħor.

**Koperazzjoni Msaħħa**

**4. Jekk, sa l-aħħar tal-perijodu previst fil-paragrafu 3, il-Kunsill Ewropew ma jkunx aġixxa jew ma tkunx ittieħdet azzjoni mill-Kunsill Ewropew jew inkella jekk, fi żmien 12-il xahar wara li jkun ġie mressaq abbozz ġdid taħt il-paragrafu 3(b), il-liġi kwadru Ewropea ma tkunx ġiet adottata, u mill-inqas terz ta' l-Istati Membri jixtiequ jistabbilixxu koperazzjoni msaħħa fuq bażi ta' l-abbozz tal-liġi kwadru konċernat, huma għandhom jinnotifikaw lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni b'dan.**

**F'dan il-każ, l-awtorizzazzjoni biex jipproċedu bil-koperazzjoni msaħħa prevista fl-Artikoli I-44(2) u III-419(1) għandha titqies li ngħatat u d-disposizzjonijiet dwar koperazzjoni msaħħa għandhom japplikaw.**

Hawnhekk għandna eżempju ieħor mill-aktar ċar kif il-jedd tal-veto spiċċa għal dejjem, għaliex jekk terz mill-Istati Membri jkunu jridu jistabbilixxu koperazzjoni msaħħa msejsa fuq l-abbozz oriġinali jew wieħed emendat huma sempliċiment jgħarrfu lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni u jitqiesu li ingħataw l-approvazzjoni meħtieġa.

Tridu li nibqgħu f'das-saram, madmad u jasar tal-kolonjaliżmu at' l-Unjoni Ewropea?

**ARTIKOLU III-272**

**Liġi jew liġi kwadru Ewropea tista' tistabbilixxi miżuri għall-promozzjoni u l-appoġġ ta' l-azzjoni ta' l-Istati Membri fil-qasam tal-prevenzjoni tal-kriminalita' bl-esklużjoni ta' kull armonizzazzjoni tal-liġijiet u regolamenti ta' l-Istati Membri.**

**Miżuri ta' Appoġġ**

Hawnhekk xi ħadd jista' jaħseb li dan l-Artikolu żgħir ma tantx jaffettwa lill-Istati Membri, imma jekk nifluh bir-reqqa ninnutaw li dan m'huwiex hekk.

Dan għaliex permezz ta' dan l-Artikolu, sejra tkun tista' ssir liġi Ewropea biex twaqqaf, jiġifieri tagħmel miżuri għall-promozzjoni ta' appoġġ ta' l-azzjoni ta' l-Istati Membri fil-qasam tal-prevenzjoni tal-kriminalita'.

Ħadd ma jista' jgħid li ma jaqbilx li għandha titwaqqaf milli ssir il-kriminalita', imma dan dejjem jiddependi mill-azzjonijiet li jittieħdu biex jintlaħaq dan il-għan u jekk ikunx jaqbel mal-liġijiet ta' kull pajjiż, speċjalment ta' l-Istati Membri.

L-aktar meta tiftakar li xi Stati Membri għandhom liġijiet li b'dak li jipprovdu nqisuhom bħala li jkażbru l-jeddijiet taċ-ċittadini skond il-liġi Maltija.

Hawnhekk nistgħu nieħdu eżempju u nsemmu li hawn Malta, persuna ma tistax tinżamm arrestata aktar minn 48 siegħa mingħajr ma titressaq quddiem il-Qorti u tiġi akkużata, jew trid tinħeles. Fl-Ingliterra din trid titressaq fi żmien 24 siegħa.

Fi Stati Membri oħra din ma teżistix, u nies jistgħu jintefgħu l-ħabs u jagħmlu x-xhur arrestati jistennew sakemm isiru l-investigazzjonijiet mingħajr lanqas biss ma jitressqu quddiem xi Qorti biex forsi jinħarġu fuq pleġġ.

Għalkemm jingħad li huwa eskluż kull armnonizzazzjoni tal-liġijiet u regolamenti ta' l-Istati Membri, liġi Ewropea bħall-***Corpus Juris***, tista' tkun tipprovdi li Stat Membru jrid bilfors jgħin lil kull Stat Membru ieħor billi, bħala eżempju, nies investigati jintbagħtu mingħajr il-ħarsien li jkun jipprovdi l-Istat Membru li jkun ġej minnu.

Dan ikun ifisser li minkejja li Stat Membru ma jkunx qabel ma koperazzjoni msaħħa minħabba li kif rajna aktar qabel dak li jkun propost ikun **"jolqot xi aspetti fundamentali tas-sistema tal-ġustizzja kriminali tiegħu",** xorta jkun irid jgħin lil dawk l-Istati Membri li jkunu fis-sistema.

Għal daqshekk ma jkunx hemm ħtieġa ta' armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri, għaliex il-liġi Ewropea tkun 'il fuq mil-liġijiet ta' l-Istati Membri li minkejja dak li jkunu jgħid l-liġijiet tagħhom xorta waħda jkunu jridu jobdu dak li tgħid il-liġi Ewropea.

Qegħdin taraw kif il-mexxejja qarrieqa, federalisti, imperjalisti Ewropej ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea li huma mingħajr kuxjenza, arroganti, wiċċhom mingħajr l-iċken qatra żejt u agħar mill-għatba tal-Klistanija jekk ma jgħaddux mill-bieb jippruvaw jgħaddi mit-tieqa biex jilħqu l-għanijiet moqżieża tagħhom?

## ARTIKOLU III-273

**1. Il-missjoni tal-*Eurojust* għandha tkun li ssostni u ssaħħah il-kordinazzjoni u l-koperazzjoni bejn awtoritajiet nazzjonali ta' investigazzjoni u prosekuzzjoni fir-rigward ta' kriminalita' serja li tolqot żewġ Stati Membri jew aktar jew li teħtieġ prosekuzzjoni fuq sisien komuni, fuq bażi ta' operazzjonijiet immexxija u tagħrif mogħti mill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri u mill-*Europol*.**

### L-Ewrojust jew il-Prosekutur Pubbliku Ewropew

Tajjeb li niġbdu l-attenzjoni li bil-Malti tajjeb ma niktbux "***tal-Eurojust***" imma "***ta' l-Eurojust***"

L-ewwel ma rridu ngħidu huwa li l-Ewrojust hija sistema tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew kif kien maħsub fil-liġi kriminali ta' l-Unjoni Ewropea magħrufa bħala ***Corpus Juris***.

Dan il-Prosekutur huwa nkarigat biex imexxi l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni fl-Istati Membri għal dak li għandu x'jaqsam ma xi kriminalita' li fiha jkun hemm aktar minn Stat Membru wieħed jew frodi kontra l-interessi finanzjarji ta' l-Unjoni Ewropea.

Tajjeb li jingħad ukoll li huwa maħsub li l-Prosekutur Pubbliku Ewropew ikollu jgħinuh f'kull Stat Membru Prosekutur Pubbliku Ewropew Delegat jew aktar u l-awtoritajiet ta' Stati Membri huma marbuta li jgħinuh f'dak kollu li jkun jinħtieġ. Aktar tard naraw ftit mill-poteri tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew.

**<u>Liġi Ewropea Dwar l-Ewrojust</u>**

Dan is-subartikolu jkompli jgħid li,
**F'dan il-kuntest, il-liġi Ewropea għandha tiddetermina l-istruttura, l-funzjonament, il-kamp ta' azzjoni u l-kompiti tal-*Eurojust*. Dawk il-kompiti jistgħu jinkludu:**

**a) il-bidu ta' investigazzjonijiet kriminali, kif ukoll proposta għall-bidu ta' prosekuzzjonijiet, immexxija minn awtoritajiet nazzjonali kompetenti, b'mod partikolari dawk relatati ma' reati kontra l-interessi finanzjarji ta' l-Unjoni;**

**b) il-kordinazzjoni ta' investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet previsti fil-punt (a);**

**ċ) it-tisħiħ ta' koperazzjoni ġudizzjarja, inkluża bir-rizoluzzjoni tal-kunflitti dwar il-ġurisdizzjoni u b'koperazzjoni mill-qrib mar-Rettikolat ġudizzjarju Ewropew.**

**Din il-liġi Ewropea għandha wkoll tiddetermina arrangamenti biex il-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali jkunu nvoluti fil-valutazzjoni ta' l-attivitajiet tal-Eurojust.**

Dan huwa ċar, imma tajjeb li nfakkru li dan huwa dak kollu li jinsab f'dak li kien propost bħala liġi kriminali ta' l-Unjoni Ewropea, jiġifieri dik magħrufa bħala ***"Corpus Juris***".

Innutaw kif is-sistema ta' l-Ewrojust, permezz tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew li narawh aktar tard, jista' jordna li tinbeda kull investigazzjoni u prosekuzzjoni fl-Istati Membri, li għalkemm titmexxa mill-Prosekutur Pubbliku nazzjonali ta' dak l-Istat Membru, fil-każ tagħna, Malta, dejjem ikunu taħt it-tmexxija tiegħu jew anki jista' jmexxi l-prosekuzzjoni huwa stess.

Innutaw ukoll li fost il-jeddijiet u setgħat li qiegħed jingħata l-Ewrojust u permezz ta' hekk il-Prosekutur Pubbliku Ewropew, hemm "**it-tisħiħ ta' koperazzjoni ġudizzjarja, inkluża bir-rizoluzzjoni tal-kunflitti dwar il-ġurisdizzjoni".**

Kunflitti dwar ġurisdizzjoni jiġifieri fejn żewġ Stati jew iżjed li jkunu ntlaqtu minn delitt wieħed ikunu jridu jmexxu kontra l-persuna jew persuni akkużati b'dak id-delitt it-tnejn.

Għalkemm hemm regoli dwar min għandu l-ewwel jedd li jeżerċita ġurisdizzjoni, jista' jkun hemm kunflitt ta' interessi, u għalhekk il-Prosekutur Pubbliku Ewropew qiegħed jingħata s-setgħa biex iħoll dawn il-kunflitti jew problemi.

Qegħdin taraw kif l-Unjoni Ewropea qiegħda tidħol fl-oqsma kollha li skond il-liġi internazzjonali huma kollha jeddijiet u setgħat ta' Stati li huma **Indipendenti, Ħielsa u Sovrani**?

Tajjeb li tinnutaw li l-fatt li hemm dan l-uffiċċju ta' l-***Ewrojust***, il-**Prosekutur Pubbliku Ewropew**, l-***Ewropol***, li hija sistema li għadha qiegħda tiġi żviluppata fuq is-sistema tal-FBI Amerikana ifisser li l-Unjoni Ewropea għandha l-istrutturi kollha li jkollu Stat Federali bħal ma hija l-Istati Uniti ta' l-Amerika.

Għad baqa' xi ħadd li għad għandu xi dubju li l-Unjoni Ewropa hija diġa' Stat Federali u li l-Kostituzzjoni li qiegħda titressaq għall-approvazzjoni ta' l-Istati Membri hija l-aħħar pass fit-twaqqif tiegħu?

Tajjeb li nerġgħu niġbdu l-attenzjoni dwar il-kelma "**rettikolat**", li bil-Malti ma teżistix, u l-kelma Maltija riedet tkun jew "**Xibka**", jew "**Qasam**", f'dan il-każ, "**Il-Qasam Ġudizzjarju Ewropew**"

**<u>L-Uffiċċjali Nazzjonali Jobdu</u>**

**2. Fil-prosekuzzjonijiet previsti fil-paragrafu 1, u bla preġudizzju għall-Artikolu III-274, atti formali ta' proċedura ġudizzjarja għandhom jitwettqu mill-uffiċjali nazzjonali kompetenti.**

Fi kliem ieħor, dak li għedna aktar qabel, jiġifieri li l-Prosekutur Pubbliku Ewropew jordna u l-uffiċjali nazzjonali jagħmlu dak kollu li jkun ordnalhom għal dak li għandu x'jaqsam mal-proċedura ġudizzjarja. L-Unjoni Ewropea tordna u l-Istati Membri jobdu u jħallsu.

## ARTIKOLU III-274

**1. Sabiex tiġi kumbattuta l-kriminalita' li thedded l-interessi finanzjarji ta' l-Unjoni, liġi Ewropea tal-Kunsill tista' tistabbilixxi Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew mill-Eurojust. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jikseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew.**

**<u>L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew b'Liġi Ewropea</u>**

Rajtu kif dak li għedna dwar it-twaqqif tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew biex iħares l-interessi finanzjarji ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea kien kollu minnhu?

Infakkru li dan huwa l-Prosekutur Pubbliku Ewropew li jissemma wkoll fil-***Corpus Juris***, il-liġi kriminali nfami ta' l-Unjoni Ewropea li titfa' l-ħabs nies li jkunu għadhom biss issuspettati li jistgħu jkunu għamlu jew bi ħsiebhom jagħmlu xi ħaġa kontra l-interessi finanzjarji ta' l-Unjoni Ewropea.

**<u>Kompetenzi</u>**

**2. L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew għandu jkun responsabbli għall-investigazzjoni, l-prosekuzzjoni u t-tkomplija tal-kawża sad-deċiżjoni, fejn**

**xieraq flimkien ma' l-Europol, ta' l-awturi ta' reati u l-kompliċi tagħhom li jolqtu l-interessi finanzjarji ta' l-Unjoni, kif determinat mil-liġi Ewropea prevista fil-paragrafu 1. Għandu jwettaq il-funzjonijiet ta' prosekutur fil-qrati kompetenti ta' l-Istati Membri fir-rigward ta' dawn ir-reati.**

Hawnhekk għandna konferma oħra dwar kemm l-Unjoni Ewropea hija diġa' Stat Federali, għaliex kieku ma kienx hekk, l-ebda Stat li jkun **Indipendenti, Ħieles u Sovran** ma jħalli li prosekutur minn Stat ieħor imexxi l-prosekuzzjoni fit-territorju tiegħu.

Dan ifisser ukoll u jikkonferma li dak li ngħidu li l-Unjoni Ewropea tqis it-territorju ta' l-Istati Membri bħala territorju tagħha huwa kollu minnhu, għaliex kieku ma kienx hekk il-Prosekutur Pubbliku Ewropew ma kienx ikollu l-ebda jedd u setgħa li jagħmilha ta' prosekutur fil-qrati ta' l-Istati Membri.

Qegħdin taraw kif l-Unjoni Ewropea dejjem tibda' bil-mod il-mod, imbagħad pass wara pass wara pass tidħol dejjem aktar fil-fond sakemm tieħu l-jeddijiet u s-setgħat kollha mingħand l-Istati Membri?

Tridu li nibqgħu taħt din il-ħakma illegali, il-madmad u jasar kolonjali, imperjalista u federalista ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea?

L-unika triq hija li nibgħatu lill-barrani ta' l-Unjoni Ewropea u l-qaddejja servili tiegħu jixxejjru u nitilqu mill-Unjoni Ewropea l-lejla qabel għada kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu.

**<u>Is-Sistema Akkużatorja u s-Sistema Inkwiżitorja</u>**

**3. Il-liġi Ewropea prevista fil-paragrafu 1 għandha tiddetermina r-regoli ġenerali applikabbli għall-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, il-kondizzjonijiet li jirregolaw it-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu, ir-regoli ta' proċedura applikabbli għall-attivitajiet tiegħu, kif ukoll dawk li jirregolaw l-ammissibilita' tal-provi, u r-regoli applikabbli għall-istħarriġ ġudizzjarju tal-miżuri proċedurali meħuda minnu fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu.**

Waqt li għandkom tinnutaw kif kollox isir permezz ta' liġi Ewropea, innutaw ukoll li fost ir-regoli li l-liġi Ewropea tiddetermina hemm dawk li jirregolaw l-ammissibilita' tal-provi.

Fi kliem ieħor, xi provi jistgħu jiġu aċċettati meta xi persuna titressaq u tiġi akkużata quddiem il-Qorti dwar xi ħaġa li tkun akkużata li għamlet. Hawnhekk tajjeb li ngħidu li dan huwa suġġett delikat ħafna u m'għandniex spazju u mhux il-post li nittrattawh.

Madankollu, tajjeb li tkunu tafu li kull Stat għandu regoli dwar il-provi, u hemm affarijiet li l-liġi Maltija ma taċċettahomx, waqt li pajjiżi u Stati Membri oħra jaċċettawhom.

M'hemmx dubju li l-Unjoni Ewropea li l-maġġoranza ta' l-Istati Membri tagħha jimxu fuq is-sistema "**inkwiżitorja**" u mhux is-sistema "**akkużatorja**" jdaħħlu

prinċipji li l-liġi Maltija ma taċċettahomx, imma la jkun hemm il-liġi Ewropea tkun tgħodd il-liġi Ewropea u mhux il-liġi Maltija.

Biex infissru x'inhuma s-sistemi li semmejna, is-sistema "**akkużatorja**" hija s-sistema li tintuża hawn Malta u fl-Ingliterra, fejn il-prosekuzzjoni li tkun qiegħda takkuża trid tipprova l-akkużi tagħha, jiġifieri li l-akkużat huwa ħati ta' dak li tkun qiegħda takkużah bih sa dak il-grad li trid il-liġi.

Fis-sistema "**inkwiżitorja**", u innutaw l-isem tagħha li huwa mnissel mill-"**Inkwiżituri**" u l-"**Inkwiżizzjoni**", m'hijiex il-prosekuzzjoni li tkun qegħda takkuża li trid tipprova li l-akkużat huwa ħati, imma huwa l-akkużat li jrid jipprova li m'huwiex ħati u huwa innoċenti.

Għalhekk tissejjaħ sistema inkwiżitorja, għaliex qisek qiegħed fi żmien l-inkwiżizzjoni fejn inti tiġi akkużat u tkun inti li trid tipprova li m'intix ħati u mhux jipprova li inti ħati min jakkużak.

Għaldaqstant, kulħadd jista' jgħid li l-Unjoni Ewropea hija Stat Federali fejn l-istituzzjonijiet tagħha, fosthom dawk li qegħdin naraw issa, huma inkwiżituri li jinfurzaw l-inkwiżizzjoni fuq iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri.

Forsi mhux bit-torturi fuq il-ġisem taċ-ċittadini kif kienu jagħmlu l-inkwiżituri qabel, imma m'hemmx dubju li ċ-ċittadini qegħdin jiġu ttorturati bit-taxxi u b'elf ħaġa'oħra ordnata mill-istituzzjonijiet inkwiżituri ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

Qegħdin taraw xi tfisser is-sħubija fl-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea? Ara dawn l-affarijiet ħadd ma qalhom liċ-ċittadini Maltin qabel ir-referendum u l-elezzjoni għaliex kieku addio s-sħubija.

Madankollu xorta waħda għadna nistgħu nitilqu l-lejla qabel għada. L-ewwel nett għaliex kif għedna fid-Dikjarazzjoni Solenni tagħna l-Unjoni Ewropea ħatfet illegalment lil Malta, u t-tieni, il-Kostituzzjoni stess tagħraf li Stat Membru jista' jitlaq.

Infakkru li s-**Sovranita'** hija tal-poplu u mhux tal-politiċi. Jekk il-poplu jiddeċiedi li jitlaq mill-Unjoni Ewropea kif għandu l-jedd u s-setgħa li jagħmel ħadd u xejn ma jista' jżommu.

Anzi l-politiċi hhuma obbligati jerġgħu jikkonsultaw lill-poplu jekk iridx jibqa' f'dan il-jasar li ġew imdaħħla fih bil-qerq u bl-ingann tal-politiċi.

**Aktar Setgħat Jingħataw Mill-Kunsill Ewropew**

**4. Il-Kunsill Ewropew jista' fl-istess ħin jew wara, jadotta deċiżjoni Ewropea li temenda l-paragrafu 1 sabiex twessa' l-poteri ta' l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew biex jinkludu l-kriminalità serja b'dimensjoni transkonfinali u li temenda b'dan il-mod il-paragrafu 2 fir-rigward ta' l-awturi u l-kompliċi ta' kriminalita' serja li tolqot iktar minn Stat Membru wieħed. Il-Kunsill Ewropew għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jikseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew u wara li jikkonsulta l-Kummissjoni.**

Innutaw kif il-Kunsill Ewropew qiegħed jingħata l-jedd u s-setgħa biex mhux biss l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew jingħata dawk il-jeddijiet u setgħat imsemmija f'din il-Kostituzzjoni, imma jista' permezz ta' liġi Ewropea jagħti aktar jeddijiet u setgħat lil dan l-Uffiċċju.

Dawn ukoll huma affarijiet li kienu ssemmew fil-liġi kriminali ta' l-Unjoni Ewropea, l-infami ***Corpus Juris***. Mhux biss, imma aħna għandna wkoll konferma ta' dak li kien intqal dwar il-***Corpus Juris***, li kien ingħad li din kienet liġi embrijonika li trid tiġi żviluppata biex tkopri l-oqsma kollha kriminali.

Tant il-mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea għandhom wiċċhom vili, li lanqas talbu li għallinqas il-Prosekutur Pubbliku Ewropew ikun jista' jidħol fejn jintlaqtu l-interessi tagħha, imma li jindaħal anki fejn l-allegati reati jkunu jaffettwaw aktar minn Stat Membru wieħed.

Bħal li kieku l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tagħhom m'għandhomx ħila jmexxu l-affarijiet tagħhom kif dejjem għamlu sa mit-twaqqif tagħhom. Imma r-raġuni hija li l-Unjoni Ewropea ma tafdax lill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri u trid li kollox ikun taħt għajnejn u idejn l-awtoritajiet u l-istituzzjonijiet tagħha.

Qegħdin taraw li kif dejjem għedna l-Unjoni Ewropea mis-subgħa tieħu l-id?

Tridu li l-Membri Parlamentari tagħna u aħna nkunu kompliċi f'dawn il-ħniżrijiet li hawn f'din il-Kostituzzjoni ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea?

Jekk le, nfittxu nitilqu mill-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea l-lejla qabel għada kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu, tgħid x'tgħid l-Unjoni Ewropea u l-qaddejja mixtrija tagħha hawn Malta.

## SEZZJONI 5

## KOPERAZZJONI TAL-PULIZIJA

## ARTIKOLU III-275

**1. L-Unjoni għandha tistabbilixxi koperazzjoni tal-pulizija li tinvolvi l-awtoritajiet kompetenti kollha ta’ l-Istati Membri, inkluża l-pulizija, s-servizzi tad-dwana u servizzi oħrajn ripressivi speċjalizzati fil-qasam tal-prevenzjoni jew tal-kxif ta’ reati u ta’ l-investigazzjonijiet tagħhom.**

**Servizzi Ripressivi**

Waqt li koperazzjoni bejn il-pulizija ta’ kull Stat u pajjiż hija dejjem tajba, innutaw li l-ewwel nett dan l-Artikolu jorbot lill-istituzzjonijiet ta’ l-Istati Membri li jkunu jridu bilfors jagħmlu dak li jkun ordnat lilhom, għaliex l-Unjoni Ewropea qiegħda tingħata l-jedd u s-setgħa li tistabbilixxi din il-koperazzjoni.

Barra minn hekk, innutaw kif anki jissemmew is-servizzi tad-dwana, u hawnhekk tajjeb li niftakru dak li allegatament intqal minn uffiċjal tad-dwana li issa l-gwardjani tad-dwana jridu jħarsu l-interessi ta’ l-Unjoni Ewropea.

Imma l-aktar li jrid jiġi nnutat huwa dwar **is-servizzi ripressivi**, jew fi kliem ieħor li jagħmlu ripressjoni.

Għalkemm jista’ jiftiehem li dawn huma dawk is-servizzi bħall-pulizija li ma jħallux li jsiru ċerti affarijiet, jekk ikun hemm kwistjoni dwar ripressjoni ta’ cittadini bl-iskuża biex jitħarsu l-jeddijiet ta’ l-Unjoni Ewropea, kull servizz ta’ ripressjoni sejjer ikun jista’ jsib kenn f’dan l-Artikolu.

Dan l-Artikolu qiegħed ifakkarna fil-proposta tal-liġi kriminali moqżieża ta’ l-Unjoni Ewropea, il-***Corpus Juris***, fejn isir spjunaġġ fuq iċ-ċittadini ta’ l-Istati Membri barra l-ħafna oxxenitajiet li kienu proposti fiha.

**Spjunaġġ fuq iċ-Ċittadini**

**2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej jistgħu jistabbilixxu miżuri li jikkonċernaw:**

**a) il-ġabra, l-ħażna, l-ipproċessar, l-analiżi u l-iskambju ta’ tagħrif rilevanti;**

**b) sostenn għat-taħriġ tal-persunal, u koperazzjoni dwar l-iskambju tal-persunal, dwar tagħmir u dwar ir-riċerka fil-kriminalita’;**

**ċ) tekniċi investigattivi komuni biex jinkixfu forom serji ta’ kriminalit’ organizzata.**

Hekk sewwa hux? Liġi Ewropea sejra tkun tista’ tordna kif għandha tinġabar, tinħażen, tiġi pproċessata, analizzata u mibdula l-informazzjoni u tagħrif li jkollu

x'jaqsam ma' l-investigazzjonijiet fuq ċittadini ta' l-Istati Membri, fosthom ċittadini Maltin.

Dan iwaqqa għal kollox dak li tgħid il-liġi Maltija dwar il-protezzjoni ta' l-informazzjoni, għaliex minħabba li kull liġi Ewropea hija fuq il-liġijiet ta' l-Istati Membri, dak li tgħid il-liġi Ewropea jkun jgħodd u mhux il-liġi Maltija jew ta' xi Stat Membru ieħor.

Barra l-affarijiet l-oħra li jingħadu, innutaw kif sejjer ikun hemm tekniċi investigattivi komuni biex jikxfu forom serji ta' kriminalita' organizzata.

Tekniċi komuni jfisser li dawn ikunu komuni għall-Istati Membri, jew fi kliem ieħor, ikollhom jedd u setgħa li jmorru jinvestigaw fl-Istati Membri kollha.

Hija jew le sistema bħal ma hija l-FBI Amerikana li l-membri tagħha jistgħu jinvestigaw f'kull Stat Amerikan, anzi kif kriminal jaqsam minn Stat għall-ieħor issir kwistjoni federali fejn l-FBI awtomatikament għanda l-jedd u s-setgħa li tagħmel l-investigazzjonijiet tagħha?

Hawnhekk nerġgħu nirreferu għal-liġi kriminali moqżieża li kienet ġiet proposta għall-Unjoni Ewropea, jiġifieri l-***Corpus Juris***.

Din kienet proposta li tagħti l-jedd u s-setgħa li jiġu ttappjati t-telefons, l-internet, faxes, il-mezzi kollha ta' komunikazzjoni, li jittieħdu kompjuters, u dak kollu li l-Prosekutur Pubbliku Ewropew u l-awtoritajiet ta' l-Unjoni Ewropea jidrilhom biex jaraw jekk xi persuna tkunx għamlet jew tkunx bi ħsiebha tagħmel xi ħaġa kontra l-interessi finanzjarji ta' l-Unjoni Ewropea.

Dawk huma l-ħniżrijiet u l-qerq li wieħed isib fl-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea u li kollha nħbew mill-poplu Malti, kemm mill-istess Unjoni Ewropea u kemm mill-**ĠUDIET** tal-poplu Malti u l-qaddejja servili **QUISLINGS** tagħha hawn Malta.

**Koperazzjoni b'Liġi Ewropea**

**3. Liġi jew liġi kwadru Ewropea tal-Kunsill tista' tistabbilixxi miżuri li jikkonċernaw il-koperazzjoni fil-ħidma bejn l-awtoritajiet previsti f'dan l-Artikolu. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew.**

Dan ifisser li l-awtoritajiet imsemmija, jiġifieri l-pulizija u servizzi oħra ta' kull Stat Membru, sejrin jkunu kkontrollati kif jkkoperaw flimkien bilfors permezz ta' liġi ta' l-Unjoni Ewropea.

Qegħdin taraw kif kollox isir b'liġijiet Ewropej, jew aħjar ta' l-Unjoni Ewropea, u b'hekk awtomatikament ikunu fuq kull liġi nazzjonali ta' l-Istati Membri?

Jista' Stat Membru jibqa' jkollu l-jedd skond il-liġi internazzjonali li jissejjaħ Stat jekk huwa jkun tilef il-jeddijiet u s-setgħat kollha mogħtija lilu mil-liġi internazzjonali kif inhuma mogħtija lil kull **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran**?

## ARTIKOLU III-276

**1. Il-missjoni tal-Europol għandha tkun li ssostni u ssaħħah azzjoni mill-awtoritajiet tal-pulizija u servizzi oħrajn ta' ripressivi ta' l-Istati Membri u l-koperazzjoni reċiproka tagħhom fit-trażżin u l-ġlieda kontra l-kriminalita' serja li tolqot żewġ Stati Membri jew iktar, it-terroriżmu u l-forom ta' kriminalita' li jolqtu interess komuni kopert minn politika ta' l-Unjoni.**

### L-Ewropol hija l-FBI ta' l-Unjoni Ewropea

L-ewwel nett naħsbu li hemm xi żball f'dan l-Artikolu, għaliex bil-Malti ma ngħidux "**servizzi oħrajn ta' ripressivi**", imma jew "**servizzi oħrajn ripressivi**" jew "**servizzi oħrajn ta' ripressjoni**".

Anki l-kliem użat "**ripressjoni**" jew "**ripressivi**" jagħtu l-ħsieb tal-mexxejja Ewropej li jridu jagħmlu ripressjoni mhux kif jingħad fuq il-kriminalita', imma fuq l-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom. Biex taraw id-differenza u t-traduzzjoni bażwija, bħala nota[9] qegħdin inġibu dan il-paragrafu kif jidher fit-test Ingliż.

Kif tistgħu tinnutaw, minflok "**servizzi oħra ta' nfurzar tal-liġi**", it-tradutturi kitbu "**servizzi ta' ripressivi**", li anki kieku kitbu "**servizzi ripressivi**" xorta waħda juru li dak l-Istat jagħmel "**ripressjoni**", jiġifieri ma jħallix liċ-ċittadini fil-liberta' li jitkellmu u jaġixxu b'mod ħieles.

Tinsewx li bl-iskuża biex tħares Stat Membru kontra attakk terroristiku, aktar qabel rajna li l-Unjoni Ewropea tista' tibgħat it-truppi tagħha f'dak l-Istat Membru, u rajna wkoll li ma jingħadx li dan isir fuq talba ta' dak l-Istat Membru.

### L-Ewropol bil-Liġi Ewropea

**2. Il-liġi Ewropea għandha tiddetermina l-istruttura, l-funzjonament, il-kamp ta' azzjoni u l-kompiti tal-Europol. Dawn il-kompiti jistgħu jinkludu:**

**a) il-ġabra, l-ħażna, l-ipproċessar, l-analiżi u l-iskambju ta' taghrif mgħoddi partikolarment mill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri jew ta' pajjiżi jew korpi terzi;**

**b) il-kordinazzjoni, l-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni ta' azzjoni investigattiva u operattiva mwettqa flimkien ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri jew fil-kuntest ta' gruppi investigattivi konġunti, meta xieraq flimkien mal-Eurojust.**

**Din il-liġi għandha wkoll tistabbilixxi l-proċeduri għal skrutinju ta' l-attivitajiet tal-Europol mill-Parlament Ewropew, flimkien mal-Parlamenti nazzjonali.**

---

[9] 1. Europol's mission shall be to support and strengthen action by the Member States' police authorities and other law enforcement services and their mutual cooperation in preventing and combating serious crime affecting two or more Member States, terrorism and forms of crime which affect a common interest covered by a Union policy.

Innutaw kif waqt li f'din il-Kostituzzjoni qegħdin jingħataw ħafna jeddijiet u setgħat, ħafna mill-affarijiet li għandhom x'jaqsma ma' l-istruttura, funzjonament, kamp ta' azzjoni u kompiti ta' istituzzjonijiet ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea jsiru permezz ta' liġijiet Ewropej, jew aħjar, liġijiet ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan biex issa l-Unjoni Ewropea tingħata l-jedd u s-setgħa li tagħmel dawn il-liġijiet, imbagħad tkun tista', b'mod jew ieħor, tagħmel dak li trid u tagħti lill-istituzzjonijiet tagħha dak li jkun jidrilhom il-mexxejja tagħhom.

Innutaw kif din il-parti qiegħda twessa' l-kompiti, għaliex qiegħda ddaħħal ukoll kull informazzjoni miġbura minn pajjiżi terzi, jiġifieri dawk li ma jkunux Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea.

Mhux biss, imma nnutaw kif liġi Ewropea sejra tipprovdi dwar il-ġabra, ħażna, l-ipproċessar, l-analiżi u l-bdil ta' tagħrif.

Mogħti kif inhu mogħti, dan huwa tagħrif dwar nies li, jekk wieħed jaqta' l-kriminali, ikun qiegħed jinġabar fuq kull min jidrilhom il-mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea.

Innutaw kif imkien ma qiegħed jingħad f'dan is-subartiklu li l-informazzjoni tinġabar trid tkun fuq affarijiet kriminali, u għalhekk, il-mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea sejjer ikollhom jedd u setgħa li jiġbru l-informazzjoni kolha li jidrilhom fuq kull ċittadin ta' kull Stat Membru, inkluż it-twemmin, is-sħubija u l-attivita' politika taċ-ċittadini, reliġjon, u kull informazzjoni li l-mexxejja arroganti federalisti ta' l-Unjoni Ewropea jkun jidrilhom li għandhom jiġbru.

Imbagħad kienu jitkażaw bl-Unjoni Sovjetika u Stati oħra kommunisti għaliex kienu jiġbru l-informazzjoni u jispjunaw fuq iċ-ċittadini tagħhom meta l-Unjoni Ewropea mhux biss tagħmel l-istess jew agħar minnhom, imma saħansitra qiegħda ddaħħal dan il-jedd u setgħa tagħha fil-Kostituzzjoni.

Ara tassew li l-mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea wiċċhom ma jistħix, m'għandhomx qatra żejt f'wiċċhom u wiċċhom agħar mill-għatba tal-Klistanija.

Tidher jew le l-Unjoni Ewropea li qiegħda taġixxi bħala Stat Federali **TOTALITARJU** u din il-Kostituzzjoni li qiegħda tipproponi hija l-aħħar jew wieħed mill-aħħar passi biex issir mingħajr l-iċken dubju Stat Federali ta' l-Istati Uniti ta' l-Ewropa?

**<u>L-Ewropol Tordna u l-Forza Jużawha l-Istati Membri</u>**

**3. Kull azzjoni operattiva mill-Europol għandha titwettaq flimkien u bi ftehim ma' l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri li t-territorju tagħhom huwa konċernat. L-applikazzjoni ta' miżuri ta' forza għandha tkun ir-responsabbilta' esklużiva ta' l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.**

Innutaw kif kull azzjoni operattiva titwettaq mill-Ewropol fit-territorju ta' l-Istati Membri, għalkemm bi ftehim magħhom. Taħsbu li jekk ma jiftehmux magħhom ma jagħmlux azzjonijiet sigrieti xorta' waħda? U b'liema jedd l-Ewropol twettaq azzjonijiet fl-Istati Membri?

Mela tassew li kif għedna li din hija bħal ma hija l-FBI Amerikana, bid-differenza biss, sakemm ikun twaqqaf għal kollox l-Istat Federali Ewropew ta' l-Unjoni Ewropea, li l-operazzjonijiet jitwettqu bi ftehim ma' l-awtoritajet nazzjonali.

Fl-istess waqt, innutaw li kull applikazzjoni ta' forza tkun ir-risponsabbilta' esklussiva ta' l-awtoritajiet nazzjonali.

Dan biex waqt li l-Ewropol tkun xorta waħda waslet għal dak li riedet, kull azzjoni ta' forza jkunu risponsabbli għaliha l-awtoritajiet nazzjonali, biex jekk xi ħaġa tmur ħażin jew anki jmutu xi nies, jew jekk jagħmlu xi ħaġa li mhux suppost ikunu għamlu, ikunu l-awtoritajiet nazzjonali li jkunu risponsabbli u mhux l-Ewropol, għaliex ikunu huma li jkunu wżaw il-forza jew għamlu dak li mhux suppost għamlu.

Qegħdin taraw kemm huma makakki u jilħqilhom il-mexxejja arroganti federalisti ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea?

## ARTIKOLU III-277

**Liġi jew liġi kwadru Ewropea tal-Kunsill għandha tistabbilixxi l-kondizzjonijiet u l-limitazzjonijiet li taħthom l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri previsti fl-Artikoli III-270 u III-275 jistgħu joperaw fit-territorju ta' Stat Membru ieħor flimkien, u bi ftehim ma' l-awtoritajiet ta' dak l-Istat. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew.**

### Awtoritajiet ta' Stat Membru Joperaw fi Stat Membru Ieħor

Innutaw l-arroganza ta' l-Unjoni Ewropea li mhux biss tindaħal kif għandhom isiru l-affarijiet, imma anki kif u kemm għandhom jaħdmu flimkien l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri fit-territorju ta' Stat Membru ieħor.

Tgħid dan qiegħed jingħad għaliex jekk jaħdmu wisq flimkien jistgħu jikxfu xi ħaġa li ma jkunx tajjeb għall-Unjoni Ewropea jew għall-Europol li tinkixef u għalhekk qiegħda ssir din il-limitazzjoni?

Għaliex jekk diversi Stati jiftehmu li jistgħu jagħmlu ċerti investigazzjonijiet flimkien, x'jedd għandha l-Unjoni Ewropea li tindaħal u permezz ta' liġi Ewropea tiddeċiedi sakemm għandu jkun hemm ftehim u kooperazzjoni bejniethom li jista' jkun anqas milli dak li jkunu ftehemu jew ikunu bi ħsiebhom jiftehmu dawk l-Istati Membri?

Fuq kollox, b'liema jedd tiġi l-Unjoni Ewropea tordna li Stati Membri għandhom jedd li jagħmlu investigazzjonijiet fit-territorju ta' Stat Membru ieħor?

Forsi dak l-Istat Membru ma jkunx irid investigaturi barranini fit-territorju tiegħu.

Imma bilħaqq, it-territorju m'għadux territorju ta' l-Istati Membri, imma sar territorju ta' l-Unjoni Ewropea.

Qegħdin taraw l-arroganza u l-wiċċ mingħajr żejt u agħar mil-għatba tal-Klistanija li għandhom il-mexxejja arroganti, federalisti, imperjalisti, kolonjalisti, ta' qalb ħadra u xierfa u mingħajr kuxjenza ta' l-Unjoni Ewropea?

Tridu li nibqgħu f'dan il-jasar ta' kolonjaliżmu li daħħluna l-**ĠUDIET** ta' Malta u tal-poplu Malti u l-**QUISLINGS** li lesti jmexxu skond ma jordnalhom il-barrani ta' l-Unjoni Ewropea minn Brussell?

Jekk le triq waħda għandna.

Dik li nitilqu mill-Unjoni Ewropea kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu jgħidu x'jgħidu l-**ĠUDIET** u l-**QUISLINGS** mixtrija ta' l-Unjoni Ewropea.

## KAPITOLU V

## OQSMA FEJN L-UNJONI TISTA’ TIDDEĊIEDI LI TIEĦU AZZJONI TA’ SOSTENN, TA' KORDINAZZJONI JEW KUMPLIMENTARI

## SEZZJONI 1

## SAĦĦA PUBBLIKA

## ARTIKOLU III-278

**1. Għandu jiġi żgurat livell għoli ta’ protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem fid-definizjoni u fl-implimentazzjoni tal-politika u l-attivitajiet kollha ta’ l-Unjoni.**

**Azzjoni mill-Unjoni, li għandha tikkumplimenta l-politika nazzjonali, għandha l-għan li ttejjeb is-saħħa pubblika, kif ukoll trażżan il-mard u l-infezzjonijiet tal-bniedem u l-kawżi ta’ perikolu għas-saħħa fiżika u mentali. Din l-azzjoni għandha tkopri wkoll:**

**a) il-ġlieda kontra l-ikbar flaġelli għas-saħħa, billi tippromwovi riċerka dwar il-kawzi tagħhom, it-trasmissjoni tagħhom u l-prevenzjoni tagħhom, kif ukoll l-informazzjoni u l-edukazzjoni dwar is-saħħa;**

**b) il-kontroll ta’ theddid transkonfinali serju għas-saħħa, l-allert fuq dan it-theddid u l-ġlieda kontrihom. L-Unjoni għandha tikkumplimenta l-azzjoni ta’ l-Istati Membri fit-tnaqqis ta’ l-effetti ta’ ħsara għas-saħħa mid-droga, inklużi t-tagħrif u l-prevenzjoni.**

**<u>Indħil fil-Qasam tas-Saħħa</u>**

Hawnhekk naraw li anki fil-qasam tas-saħħa tindaħal l-Unjoni Ewropea. Waqt li huwa tajjeb li l-Unjoni Ewropea tagħti l-għajnuna tagħha biex kull Stat Membru jkollu l-aħjar servizz tas-saħħa u jitneħħa kull periklu kif ukoll issir ir-riċerka dwar is-saħħa u l-mard, ma nistgħux ma nikkummentawx dwar id-drogi.

Hawnhekk infakkru li minħabba li l-Unjoni Ewropea ordnat it-tneħħija ta’ kull kontroll fuq il-fruntieri bejn l-Istati Membri, il-kriminalita’ splodiet ‘il fuq għaliex kull kriminal jista’ jmur fejn irid mingħajr l-ebda kontroll, kif jistgħu jixhdu l-awtoritajiet ta’ l-Istati Membri.

Mhux biss, imma fejn kien hemm każi ta’ droga, bħal ma kien hemm fil-Greċja fejn persuna li nqabdet bid-droga ġiet ordnata li ma tidħolx fit-territorju Griek għal għomorha kif kienet tgħid il-liġi Grieka, Il-Qorti ta’ l-Unjoni Ewropea qalet li l-liġi Grieka kienet tikser il-jeddijiet mogħtija mill-Unjoni Ewropea li wieħed imur joqgħod fejn irid fit-territorju ta’ kull Stat Membru.

Kif tista’ għalhekk titwemmen l-Unjoni Ewropea li tassew trid tikkontrolla d-droga?

Bl-istess mod, kif jista' jinżamm kontroll fuq is-saħħa jekk l-Unjoni Ewropea tordna li jkun hemm moviment ħieles tan-nies bejn l-Istati Membri kollha bit-tixrid tal-mard kollu li dan il-moviment iġib miegħu?

Kif jista' jinżamm livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa jekk l-Unjoni Ewropea trid li jekk jista' jkun kollox ikun tal-privat u mmexxi mill-privat li għas-servizzi tiegħu trid tħallas il-belli liri?

Jista' għalhekk ikun hemm livell għoli tas-saħħa jekk ħafna nies ma jkunux jistgħu jieħdu s-servizz li jkunu jinħtieġu għaliex ma jkollhomx il-mezzi finanzjarji bizzejjed biex jixtru s-servizzi tas-saħħa?

Hawnhekk neġġħu niġbdu l-attenzjoni tagħkom li s-subinċiż (b) jitkellem dwar **"il-kontroll ta' theddid transkonfinali serju għas-saħħa".**

Kif għedna aktar qabel, titkellem dwar konfini u transkonfini, jiġifieri li jmorru minn konfini għall-oħra, huwa meta titkellem dwar Kunsilli Lokali u mhux dwar Stati fejn titkellem dwar fruntieri jew trans-fruntieri.

Għaldaqstant, bir-rispett kollu lejn il-Kunsilli Lokali, l-Unjoni Ewropea tqis lill-Istati Membri u l-Parlamenti nazzjonali tagħhom biss bħala Kunsilli Lokali li jistgħu jagħmlu biss dak li jtihom permess jew iħallihom jagħmlu l-Gvern Ċentrali.

Fil-każ li qegħdin insemmu, l-Istati Membri u l-Parlamenti nazzjonali jitħallew jagħmlu biss dak li jippermettilhom jew iħallihom jagħmlu l-Istat Federali, jiġifieri l-Unjoni Ewropea.

<u>**Aktar Indħil mill-Unjoni Ewropea**</u>

**2. L-Unjoni għandha tħeġġeġ koperazzjoni bejn l-Istati Membri fl-oqsma previsti f'dan l-Artikolu u, jekk meħtieġ, tagħti sostenn għall-azzjoni tagħhom. B'mod partikolari għandha tħeġġeġ koperazzjoni bejn l-Istati Membri sabiex titjieb il-komplimentarita' tas-servizzi tas-saħħa tagħhom fir-reġjuni ta' fruntiera.**

**L-Istati Membri għandhom, flimkien mal-Kummissjoni, jikkordinaw bejniethom il-politika u programmi tagħhom fl-oqsma previsti fil-paragrafu 1. Il-Kummissjoni tista' f'kuntatt mill-qrib ma' l-Istati Membri, tieħu kull inizjattiva utli biex tippromwovi din il-kordinazzjoni, b'mod partikolari inizjattivi maħsuba għall-istabbiliment ta' linji gwida u indikaturi, l-organizzazzjoni ta' l-iskambju ta' l-aħjar prattika, u t-tħejjija ta' l-elementi meħtieġa għall-kontroll u l-valutazzjoni perjodiċi. Il-Parlament Ewropew għandu jinżamm kompletament infurmat.**

Waqt li huwa tajjeb li l-Unjoni Ewropea tinkoraġġixxi l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-qasam tas-saħħa u l-oħra msemmija, ma tantx tista' titwemmen li tħeġġiġhom meta fil-qasam tad-droga meta tgħid mod u tagħmel ieħor kif urejna aktar qabel.

Madankollu, l-aktar li rridu niġbdu l-attenzjoni għalih huwa fejn jingħad li l-Kummissjoni tista', f'kuntatt mill-qrib ma l-Istati Membri, tieħu kull inizjattiva "**siewja**", għaliex bil-Malti ngħidu "**siewja**" u mhux "**utli**", sabiex tippromwovi din il-koperazzjoni, "**b'mod partikolari inizjattivi maħsuba għall-istabbiliment ta' linji gwida u indikaturi".**

Madankollu, l-aktar li rridu niġbdu l-attenzjoni għalih huwa li kif jingħad, "**Il-Kummissjoni tista' f'kuntatt mill-qrib ma' l-Istati Membri, tieħu kull inizjattiva utli biex tippromwovi din il-kordinazzjoni".**

Dan ifisser li l-Unjoni Ewropea bi skuża ta' "**kull inizjativa**", sejra tkun tista' tagħmel anki liġijiet Ewropej sabiex tippromwovi din il-kordinazzjoni.

Qegħdin taraw kif jekk ma tagħmilx liġijiet Ewropej, regolamenti, linji gwida, jew tieħu deċiżjonijiet Ewopej ma tkunx Unjoni Ewropea? Kollox regolat mill-Unjoni Ewropea, kollox kif tgħid hija.

**<u>Koperazzjoni Ordnata ma' Pajjiżi Terzi</u>**

**3. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jiffavorixxu l-koperazzjoni ma' pajjiżi terzi u ma' l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti fil-qasam tas-saħħa pubblika.**

Huwa tajjeb li kulħadd jikkopera ma' xulxin biex titħares is-saħħa tal-poplu, imma kien hemm ħtieġa li jitniżżel fil-Kostituzzjoni u tiġi l-Unjoni Ewropea biex tgħid lill-Istati Membri biex jikkoperaw ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijet fil-qasam tas-saħħa pubblika, bħal li kieku dawn qatt ma għamlu hekk?

Dan huwa eżempju ieħor ta' l-ordnijiet ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

**<u>Liġi Ewropea u Miżuri fil-Qasam tas-Saħħa</u>**

**4. B'deroga mill-Artikolu I-12(5) u l-Artikolu I-17(a) u skond l-Artikolu I-14(2)(k), liġi jew liġi kwadru Ewropea għandha tikkontribwixxi sabiex jinkisbu l-għanijiet previsti f'dan l-Artikolu billi tistabbilixxi l-miżuri li ġejjin sabiex jiġu affrontati l-problemi komuni dwar is-sigurta':**

**a) miżuri li joħolqu standards għolja ta' kwalita' u sigurta' fir-rigward ta' organi u sustanzi ta' oriġini umana, demm u derivati tad-demm; dawn il-miżuri għandhomx jimpedixxu l-ebda Stat Membru milli jżomm fis-seħħ jew idaħħal miżuri protettivi aktar stretti;**

**b) miżuri fl-oqsma veterinarji u fitosanitarji li għandhom bħala l-għan dirett tagħhom il-protezzjoni tas-saħħa pubblika;**

**ċ) miżuri li jistabbilixxu standards għolja ta' kwalita' u sigurta' għall-prodotti mediċinali u t-tagħmir għall-użu mediku;**

**d) miżuri dwar il-kontroll, l-allert u l-ġlieda kontra theddid serju transkonfinali għas-saħħa.**

**Din il-liġi jew liġi kwadru Ewropea għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni u mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.**

Waqt li huwa tajjeb li jkun hemm l-aqwa livelli ta' ħarsien għas-saħħa pubblika speċjalment minħabba t-tixrid tal-mard, speċjalment dak qerriedi, huwa tajjeb ukoll li jkun hemm l-inqas livelli li kulħadd għandu jkun konformi magħhom kif huwa tajjeb ukoll li Stat Membru jista' jagħmel livelli aktar għolja minn dawk magħmula minn xi liġi Ewropea.

Madankollu, u speċjalment dwar subiniċiż (**b**), aktar 'il quddiem irridu naraw kemm dan ikun jista' jsir, għaliex jekk niftakru fil-każ tal-baqra l-miġnuna meta Franza ma rieditx timporta laħam mill-Ingliterra, wara xi żmien l-Unjoni Ewropea ddeċiediet li dan il-laħam għandu jibda jiġi mpurtat u kienu ttieħdu passi kontra Franza għaliex ma rieditx li timporta minn dan il-laħam.

Naqblu wkoll li jkun hemm miżuri li jħarsu s-saħħa billi jkun hemm livelli għoljin ta' kwalita' tal-mediċini, imma ma naqblux mal-Gvern li għamel bilfors ir-reġistrazzjoni tal-mediċini bi ħlasijiet kbar u bi ħlasijiet ħafna akbar jekk ma jkunux ġejjin minn Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea, tant li l-poplu Malti sejjer jispiċċa mingħajr eluf ta' mediċini li kien imdorri bihom.

Bl-istess mod naqblu ma "**miżuri dwar il-kontroll, l-allert u l-ġlieda kontra theddid serju transkonfinali għas-saħħa"** msemmija fis-subinċiż (**d**), imma hawn irridu niġbdu l-attenzjoni dwar il-kelma "**transkonfinali**". Din tfisser bejn il-konfini, jew aħjar li jaqbżu l-konfini ta' l-Istati Membri, u din il-kelma għandha tifsira kbira.

Tinsewx li ġbidna l-attenzjoni tagħkom kemm-il darba li l-Unjoni Ewropea tqis it-territorju ta' l-Istati Membri bħala territorju tagħha. Il-kelma "**transkonfinali**" tkompli tikkonferma dan, għaliex kieku t-territorju ta' l-Istati Membri għadu jitqies tagħhom, ma kienx jingħad "**transkonfinali**", jiġifieri li taqsam il-konfini jew limiti, imma "**transfruntieri**", jiġifieri li taqsam il-fruntieri.

Għaldaqstant, din hija konferma oħra li t-territorju ta' l-Istati Membri spiċċa u l-Istati Membri spiċċaw, bir-rispett kollu, qishom Kunsilli Lokali, għaliex huwa meta wieħed jitkellem fuq Kunsilli Lokali li jitkellem dwar "**konfini**", waqt li jitkellem dwar "**fruntieri**" meta jitkellem dwar Stati.

Nerġgħu nfakkru wkoll li għalkemm naqblu ma' ċerti provvedimenti tal-Kostituzzjoni għaliex huma tajbin, ma nistgħux naqblu mal-Kostituzzjoni, għaliex il-fatt li l-Unjoni Ewropea jkollha Kostituzzjoni jfisser li dan huwa l-aħħar, jew kważi l-aħħar pass biex jitwaqqaf l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea kif dejjem kien ippjanat mill-federalisti Ewropej.

**<u>Aktar Indħil u Liġijiet</u>**

**5. Liġi jew liġi kwadru Ewropea tista' wkoll tistabbilixxi miżuri għal inċentivi maħsuba biex iħarsu s-saħħa umana u b'mod partikolari għall-ġlieda kontra l-ikbar flagelli transkonfinali għas-saħħa, kif ukoll miżuri li għandhom bħala għan dirett il-protezzjoni tas-saħħa pubblika fir-rigward tat-tabakk u l-abbuż ta' l-alkoħol, eskluża kull armonizzazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti ta' l-Istati**

**Membri. Għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.**

Waqt li huwa tajjeb li jkun hemm liġijiet biex titħares is-saħħa pubblika, ma rridux ninsew li l-Istati Membri żgur li jieħdu l-passi kollha biex jitħarsu ċ-ċittadini u kull min ikun hemm fit-territorju tagħhom.

Kif ma rridux ninsew li meta Franza ma ħallietx li jidħol laħam taċ-ċanga mill-Ingliterra minħabba l-marda tal-baqra l-miġnuna kienu ttieħdu passi kontriha mill-Unjoni Ewropea għaliex l-Unjoni Ewropea kienet iddeċidiet li l-periklu kien spiċċa.

Kif tista' l-Unjoni Ewropea titwemmen li trid tagħmel il-liġijiet Ewropew biex kull Stat Membru jħares is-saħħa pubblika jekk meta kien hemm Stat jew Stati Membri li għamlu hekk ħadet passi kontrihom għaliex qalet li l-periklu kien spiċċa?

Dan sar biss għaliex l-Unjoni Ewropea mhux tassew li għandha għal qalbha s-saħħa pubblika, imma għaliex dan kien ifixkel il-prinċipju tas-suq ħieles mingħajr ebda rażan li huwa l-Alla falz tagħha li jiġi qabel is-saħħa taċ-ċittadini ta' l-Istati Membri.

Nerġgħu niġbdu l-attenzjoni tagħkom li billi jingħad li hija esklużа l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati mebri ma tfisser xejn, għaliex kull liġi ta' l-Unjoni Ewropea tkun aqwa u fuq kull liġi nazzjonali u għalhekk ma jkunx hemm ħtieġa ta' armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri.

**<u>Rakkomandazzjonijiet mill-Kunsill</u>**

**6. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' wkoll jadotta rakkomandazzjonijiet.**

Dan is-subartikolu qiegħed biex jgħaddi ż-żmien bin-nies għax jistgħu jaħsbu li l-Unjoni Ewropea tieqaf meta tagħmel rakkomandazzjoni meta l-fatti juru, kif anki jingħad aktar 'il fuq, li l-Unjoni Ewropea tista' tagħmel liġijiet imsejħa Ewropej jew kwadri Ewropej biex tilħaq l-għanijiet tagħha.

Tinsewx li wara r-rakkomandazzjonijiet jiġu r-regolamenti u l-liġijiet Ewropej jekk l-Unjoni Ewropea tara li l-Istati Membru ma mxewx mar-rakkomandazzjonijiet tagħha u huwa għalhekk li dan is-subartikolu huwa maħsub mill-mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea biex iqarrqu bin-nies.

**<u>Azzjoni ta' l-Unjoni</u>**

**7. Azzjoni ta' l-Unjoni għandha tirrispetta ir-responsabbiltajiet ta' l-Istati Membri għad-definizjoni tal-politika tagħhom tas-saħħa u għall-organizzazzjoni u l-forniment ta' servizzi tas-saħħa u tal-kura medika. Ir-responsabbiltajiet ta' l-Istati Membri għandhom jinkludu l-amministrazzjoni tas-servizzi tas-saħħa u tal-kura medika u l-allokazzjoni tar-riżorsi assenjati lilhom. Dawn il-miżuri previsti fil-paragrafu 4(a) m'għandhomx jolqtu disposizzjonijiet nazzjonali dwar id-donazzjoni jew l-użu ta' organi u demm għal skop mediku.**

Suppost li dak li tagħmel l-Unjoni Ewropea jirrispetta dak li l-Istati Membri jistgħu jagħmlu fil-qasam tas-saħħa pubblika, imma kulħadd jaf kemm il-mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea jirrispettaw lill-Istati Membri.

Hawnhekk infakkru dak li għedna dwar Franza u l-baqra l-miġnuna li huwa eżempju wieħed biss, għalkemm kien hemm okkażjonijiet oħra fejn l-Unjoni Ewropea ordnat li prodotti minn Stati Membri jitħallew jidħlu minkejja l-oppożizzjoni ta' Stati Membri oħra għaliex ingħad li l-passi li kienu ħadu l-Istati Membri biex iwaqqfuhom kienu biss biex isir ostaklu għal dawk il-prodotti.

Min-naħa l-oħra, għalmenu l-Istati Membri għadhom s'issa jirregolaw id-donazzjoni, jew aħjar l-għoti u l-użu ta' organi u demm għal għan mediku, imma ma nafux kemm dan idum.

Għedna s'issa minħabba li l-Unjoni Ewropea, kif stajtu taraw bl-aktar mod ċar anki minn din il-Kostituzzjoni, tindaħal f'kollox u kullimkien, u ma trid xejn biex tindaħal anki f'dan il-qasam u f'oqsma oħra li jistgħu jkunu sensittivi moralment għall-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom.

Ma niskantaw b'xejn għaliex għall-mexxejja federalisti, imperjalisti u kolonjalisti ta' l-Unjoni Ewropea, ta' qalb ħadra u xierfa, li m'għandhomx kuxjenza u li wiċċhom mingħajr qatra żejt u agħar mill-għatba tal-Klistanija l-uniku Alla falz tagħhom huwa s-suq ħieles mingħajr l-ebda rażan u ma għandhom l-ebda morali.

## SEZZJONI 2

## INDUSTRIJA

## ARTIKOLU III-279

**1. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jassiguraw li jeżistu l-kondizzjonijiet meħtieġa ghall-kompetittività ta' l-industrija ta' l-Unjoni.**

**Għal dak il-għan, skond sistema ta' swieq miftuħa u kompetittivi, l-azzjoni tagħhom għandha tkun immirata lejn:**

**a) li jitħaffef l-aġġustament ta' l-industrija għal bidliet strutturali;**

**b) l-inkoraġġiment ta' ambjent favorevoli għall-inizjattiva u għall-iżvilupp ta' intrapriżi fl-Unjoni kollha, partikolarment intrapriżi zgħar u ta' daqs medju;**

**c) l-inkoraġġiment ta' ambjent favorevoli għal koperazzjoni bejn intrapriżi;**

**d) li jiffavorixxu l-aħjar sfruttament tal-potenzjal industrijali tal-politika ta' innovazzjoni, riċerka u żvilupp teknoloġiku.**

**<u>L-Alla Falz ta' l-Unjoni Ewropea</u>**

Jista' jibqa' l-iċken dubju li s-suq ħieles mingħajr l-ebda rażan huwa l-Alla falz ta' l-Unjoni Ewropea?

Innutaw ukoll kif ma jingħadx "**l-industrija ta' l-Istati Membri**", imma jingħad "**l-industrija ta' l-Unjoni**". Jista' jibqa' l-iċken dubju li lanqas l-industrija m'għadhiex titqies li hija ta' l-Istati Membri, imma hija meqjusa li hija ta' l-Unjoni Ewropea?

Jista' jibqa' l-iċken dubju li l-Unjoni Ewropea diġa' tqis lilha nfisha Stat Federali meta anki l-industrija tqisha bħala li hija tagħha u mhux ta' l-Istati Membri?

**<u>Konsultazzjoni u Kordinament ta' l-Azzjoni</u>**

**2. L-Istati Membri għandhom jikkonsultaw lil xulxin flimkien mal-Kummissjoni u, meta meħtieġ, għandhom jikkordinaw l-azzjoni tagħhom. Il-Kummissjoni tista' tieħu kull inizjattiva utli sabiex tippromwovi din il-kordinazzjoni, b'mod partikolari inizjattivi li jimmiraw għall-istabbiliment ta' linji gwida u indikaturi, l-organizzazzjoni ta' skambju ta' l-aħjar prattika, u t-tħejjija ta' l-elementi meħtieġa għall-kontroll u l-valutazzjonijiet perjodiċi. Il-Parlament Ewropew għandu jinżamm kompletament infurmat.**

Qegħdin taraw kif anki f'dan il-qasam il-Kummissjoni qiegħda tingħata l-jedd u s-setgħa li tieħu kull inizjattiva u tagħmel linji ta' gwida, li kif għedna aktar qabel ma huma linji gwida għaliex trid timxi magħhom bilfors?

Innutaw kif l-Istati Membri jridu jikkonsultaw lil xulxin u mal-Kummissjoni u jikkordinaw l-azzjoni tagħhom flimkien u għaldaqstant Stat Membru ma jistax jieħu azzjonijiet individwali li tkun taqbel għalih biex iġib 'il quddiem l-industrija tiegħu.

Innutaw kif il-Kummissjoni tħejji l-elementi meħtieġa għall-kontroll u l-valutazzjonijiet perjodiċi.

Dan ifisser mhux biss li l-kontroll se jkun għand il-Kummissjoni u mhux għand l-Istati Membri, imma li l-Istati Membri jridu jibgħatu l-informazzjoni kollha dwar l-industrija tagħhom biex ikunu jistgħu jsiru l-valutazzjonijiet perjodiċi.

Innutaw kif anki l-Parlament Ewropew huwa njorat, għaliex kieku ma kienx jingħad li għandu jinżamm infurmat għal kollox, imma li jiġi kkonsultat ukoll biex jaraw xi tkun l-opinjoni tal-membri tiegħu.

Qegħdin taraw kemm il-Kummissjoni qegħda tingħata saħħa aktar mill-Istati Membri u anki minn istituzzjonijiet oħra ta' l-istess Unjoni Ewropea? Jidher it-tħaddim fil-prattika ta' istituzzjonijiet ta' Stat Federali kif dejjem kien maħsub li tkun l-Unjoni Ewropea?

<u>**Liġijiet Oħra Ewropej**</u>

**3. L-Unjoni għandha tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 permezz tal-politika u l-attivitajiet li twettaq taħt disposizzjonijiet oħra tal-Kostituzzjoni. Liġi jew liġi kwadru Ewropea tista' tistabbilixxi miżuri speċifiċi bħala sostenn għall-azzjoni meħuda fl-Istati Membri sabiex jintlaħqu l-miri stabbiliti fil-paragrafu 1, bl-esklużjoni ta' kull armonizzazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti ta' l-Istati Membri. Għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.**

**Din is-Sezzjoni m'għandhiex tipprovdi bażi biex l-Unjoni ddaħħal xi miżura li tista' twassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni jew li jkun fiha disposizzjonijiet tat-taxxa jew disposizzjonijiet dwar id-drittijiet u l-interessi ta' ħaddiema impjegati.**

Innutaw kif kollox f'kull qasam isir permezz ta' liġi jew liġi kwadru Ewropea ħalli l-Istati Membri ma jibqalhom l-ebda għażla.

Innutaw kif l-ebda miżura ma tista' tittieħed jekk din tkun tista' twassal għal tgħawwiġ tal-kompetizzjoni.

Barra minn hekk, ma nistgħux ma ninnutawx li taħt din is-sezzjoni, l-Unjoni Ewropea ma tistax tagħmel miżuri dwar id-drittijiet u l-interessi ta' ħaddiema mpjegati.

Kieku l-Unjoni Ewropea kellha tassew il-ħaddiema għal qalbha ma kienx jingħad hekk meta nafu li hemm Stati Membri fejn il-ħaddiema għandhom kundizzjonijiet ħżiena u pagi baxxi.

Il-mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea jagħmlu hekk apposta ħalli l-kapitalisti tagħha jkunu jistgħu jisfruttaw lill-ħaddiema billi jneħħu l-fabbriki u l-industriji tagħhom

minn Stati Membri lejn Stati Membri oħra fejn il-ħaddiema jkollhom kundizzjonijiet tax-xogħol u pagi agħar minn dawk ta' Stati Membri oħra.

Ftakru wkoll li l-mexxejja ta' qalb hadra u xierfa u mingħajr kuxjenza ta' l-Unjoni Ewropea għalhekk ukoll iridu li jkun hemm moviment ħieles tal-ħaddiema ħalli l-ħaddiema li jmorru fi Stat Membru ieħor jkomplu jkissru l-ħaddiema ta' dak l-Istat Membru li jkunu marru fih għaliex jaċċettaw kundizzjonijiet u pagi inqas milli jkunu jistgħu jaċċettaw il-ħaddiema ta' dak l-Istat Membru.

Dwar li tiġi maqtuha barra kull armonizzazzjoni ma jfisser xejn, għaliex il-liġi Ewropea tista' tagħmel dawk il-provvedimenti li l-mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea jkun jidrilhom u b'hekk ma jkunx hemm ħtieġa li l-liġijiet nazzjonali jiġu armonizzati.

## KULTURA
## ARTIKOLU III-280

**1. L-Unjoni għandha tikkontribwixxi għall-fjoritura tal-kulturi ta' l-Istati Membri, waqt li tirrispetta d-diversita' nazzjonali u reġjonali tagħhom u fl-istess ħin tirriżalta l-patrimonju kulturali komuni.**

**Fl-Unjoni Ewropea Jikbru Fjuri?**

Indħil mill-Unjoni Ewropea anki fil-qasam tal-kultura. Imma kif tista' tirrispetta l-kulturi differenti u d-diversita' nazzjonali u reġjonali ta' l-Istati Membri jekk inti trid li kollox ikun l-istess fl-Istati Membri kollha?

Tajjeb li nieħdu l-okkażjoni biex infakkru li bil-Malti ma ngħidux '**fjoritura**", imma "**jwarrdu**", għalkemm jista' jkun li ma ntqalx hekk għaliex tinsewx li skond ma nkiteb, fil-Parlament tagħna ma jikbrux fjuri u fl-Unjoni Ewropea ma jikbrux ward, u għalhekk ma jwarrdux.

Anki l-kelma "**tirriżalta**" ma nafux minn fejn ġabuha t-tradduturi li qalbu l-Kostituzzjoni għall-ilsien Malti.

Fit-test Ingliż jingħad "**and at the same time bringing the common cultural heritage to the fore**", li bil-Malti ssir "**u fl-istess ħin iġġib il-wirt kulturali komuni 'l quddiem**".

Imma jekk ma jsirx hekk u jippruvaw iħawwdu lil min ma jifhimx il-kliem tqil u mħawwad ivvintat minnhom ma jkunux jistgħu jiġġustifikaw il-ħlas enormi li ħadu biex qalbu din il-Kostituzzjoni għall-ilsien Malti.

**Il-Mira ta' l-Azzjoni**

**2. L-azzjoni mill-Unjoni għandha tkun immirata biex tħeġġeġ koperazzjoni bejn Stati Membri u, jekk ikun meħtieġ, biex tappoġġa u biex tikkumplimenta l-azzjoni tagħhom fl-oqsma li ġejjin:**

**a) it-titjib ta' l-għarfien u t-tixrid tal-kultura u l-istorja tal-popli Ewropej;**

**b) il-konservazzjoni u s-salvagwardja tal-patrimonju kulturali ta' importanza Ewropea;**

**ċ) l-iskambji kulturali mhux kummerċjali;**

**d) il-ħolqien artistiku u litterarju, inkluż is-settur awdjoviziv.**

Min sejjer jiddeċidi jekk ikunx hemm ħtieġa li l-Unjoni Ewropea tieħu azzjoni biex jintlaħqu l-għanijiet imsemmija fl-oqsma msemmija? M'hemmx dubju li tkun l-Unjoni Ewopea stess.

Infakkru wkoll li bil-Malti ma ngħidux "**skambji**", imma "**bdil**". Ma ngħidux "**patrimonju**" imma "**wirt**". Ma ngħidux "**salvagwardja**" imma "**ħarsien**"

Innutaw li fis-subinċiż (ċ) jingħad li għandu jkun hemm "**il-konservazzjoni u s-salvagwardja tal-patrimonju kulturali ta' importanza Ewropea"**. Għalfejn ta' mportanza Ewropea u mhux "**ta' l-Istati Membri".** Għalfejn m'għandux ikun ta' l-Istati Membri?

Qegħdin taraw kif l-Istati Membri dejjem qegħdin jintefgħu lura biex jintnesew u kollox jiġi maħsub li huwa Ewropew biex dak li jkun jibda' jaħseb biss fl-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea u jinsa l-Istati Membri?

B'hekk trid tmexxi 'l quddiem il-kultura, il-patrimonju u l-istorja tal-popli differenti Ewropej?

**<u>Għanijiet</u>**

**3. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu koperazzjoni ma' pajjiżi terzi u l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti fil-qasam tal-kultura, b'mod partikolari l-Kunsill ta' l-Ewropa.**

**4. L-Unjoni għandha tieħu in kunsiderazzjoni l-aspetti kulturali fl-azzjoni tagħha taħt disposizzjonijiet oħra tal-Kostituzzjoni, b'mod partikolari sabiex tirrispetta u tippromwovi d-diversità tal-kulturi tagħha.**

L-ewwel nett dawn huma għanijiet sbieħ, imma hemm għalfejn jiddaħħlu fil-Kostituzzjoni u l-Unjoni Ewropea tingħata jeddijiet u setgħat fuq l-Istati Membri anki f'dan il-qasam?

Barra minn hekk, innutaw li l-Unjoni tgħid li tirrispetta u tippromwovi d-diversita' kulturali "**tagħha**" u mhux ta' l-Istati Membri. U kif tista' tirrispetta d-diversita' kulturali meta trid li kollox ikun l-istess kullimkien fl-Unjoni Ewropea?

Dan ukoll huwa attentat ieħor biex jintnesew l-Istati Membri u tidher biss l-Unjoni Ewropea.

Dan għaliex il-federalisti Ewropew u internazzjonali ma jemmnux fl-Istat nazzjon bħala **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran**, inmma jridu li jkun hemm Stat Federali li jmexxi lill-Istati Membri.

L-għan aħħari tal-federalisti internazzjonali huwa li ma jkun hemm l-ebda **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran,** imma li jkun hemm Gvern Dinji li jkun jikkmanda lil kulħadd kullimkien.

M'hemmx tridx tkun mort l-Universita' biex tinduna li l-federalisti jridu l-qerda ta' l-**Istat Nazzjon Indiipendenti, Ħieles u Sovran** u minn liema Stati jkun immexxi Gvern Dinji.

**<u>Anki l-Kultura bil-Liġi Ewropea u l-Armonizzazzjoni</u>**

**5. Sabiex tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-miri previsti f'dan l-Artikolu:**

**a) Liġi jew liġi kwadru Ewropea għandha tistabbilixxi miżuri ta' inċentiv, bl-esklużjoni ta' kull armonizzazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti ta' l-Istati Membri. Għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni;**

**b) il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta rakkomandazzjonijiet.**

Aħna nistaqsu jekk kienx hemm għalfejn, u x'inhija r-raġuni li anki f'dan il-qasam tal-kultura l-Unjoni Ewropea mhux biss trid tindaħal, imma saħansitra trid tagħmel ukoll liġijiet Ewropej?

Qegħdin taraw kif minn "**tikkontribwixxi**" fl-ewwel subartikolu ta' dan l-Artikolu, issa fil-ħames subartikolu qiegħed jingħad li għandha ssir liġi u liġi kwadru Ewropea biex kollox ikun skond ma tordna l-Unjoni Ewropea?

Qegħdin taraw kif is-swaba tal-qarnita ta' l-Unjoni Ewropea jridu jaħfnu kollox u ma jħallu xejn biex jiġi regolat skond ma jidrilhom l-Istati Membri li jkun jaqbel għalihom u għaċ-ċittadini tagħhom?

Dwar li m'hemmx għalfejn ikun hemm armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri nfakkru li din m'hemmx ħtieġa għaliha għaliex il-liġi jew liġi kwadru Ewropea tkun fuq kull liġi ta' l-Istati Membri u għalhekk ma jkollhomx ħtieġa li jarmonizzawhom, jiġifieri li jagħmluhom kollha l-istess.

## SEZZJONI 4

## TURIŻMU

## ARTIKOLU III-281

**1. L-Unjoni għandha tikkumplimenta l-azzjoni ta' l-Istati Membri fil-qasam tat-turiżmu, b'mod partikolari billi tippromwovi l-kompetittivita' ta' l-impriżi ta' l-Unjoni f'dak is-settur.**

**Għal dan il-għan, l-azzjoni ta' l-Unjoni għandha timmira biex:**

**a) tinkoraġġixxi l-ħolqien ta' ambjent favorevoli għall-iżvilupp ta' impriżi f'dan is-settur;**

**b) tippromwovi l-koperazzjoni bejn l-Istati Membri, b'mod partikolari bl-iskambju ta' prattika tajba.**

**<u>Lanqas it-Turiżmu ma Jeħlisha</u>**

Qegħdin taraw kif il-qarnita Unjoni Ewropea trid tifrex is-swaba tagħha f'kull qasam immaġinabbli?

Aħna qegħdin tajjeb, liġijiet u regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea aktar milli għandha s'issa f'dan il-qasam ikun jonqosna biex inkomplu niġu ottu.

Innutaw li bħal ma jingħad f'setturi oħra, l-Unjoni Ewropea permezz ta' dan l-Artikolu ma titkellimx dwar "**l-impriżi ta' l-Istati Membri**", imma dwar "**l-impriżi ta' l-Unjoni".**

Qed taraw kemm l-Unjoni Ewropea diġa' tqis lilha nfisha bħala Stat Federali li kollox huwa tiegħu u xejn ma huwa ta' l-Istati Membri?

Tridu li nibqgħu f'din l-oxxenita' u ħniżrijiet fejn kollox huwa meqjuż ta' l-Unjoni Ewropea u xejn ma għadu tagħna?

Jekk le triq waħda għandna.

Dik li nitilqu mill-Unjoni Ewropea il-lejla qabel għada kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu jgħidu x'jgħidu l-Ġeremija, il-**ĠUDIET** u l-**QUISLINGS** ta' l-Unjoni Ewropea li lesti jmexxu lil Malta u lilna skond ma jordnalhom il-barrani ta' l-Unjoni Ewropea minn Brussell.

**<u>Liġijiet Ewropej fil-Qasam tat-Turiżmu</u>**

**2. Liġi jew liġi kwadru Ewropea għandha tistabbilixxi miżuri partikolari sabiex jikkumplimentaw l-azzjonijiet fl-Istati Membri sabiex jintlaħqu l-miri previsti f'dan l-Artikolu, bl-esklużjoni ta' kull armonizzazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti ta' l-Istati Membri.**

Qegħdin taraw kif ma hemmx settur wieħed li fih l-Unjoni Ewropea m'hijiex qiegħda tippretendi li għandha tingħata l-jedd u s-setgħa li tkun tista' tindaħal fih, tagħmel liġijiet Ewropej u regolament u dak kollu li jkun jidrilha biex tilħaq il-miri tagħha?

Tnsewx. Il-miri tagħha u mhux il-miri ta' l-Istati Membri.

Kif ġbidna l-attenzjoni kemm-il darba, billi ma jkunx hemm armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri ma jfisser xejn, għaliex il-liġijiet Ewropej ikunu fuq il-liġijiet ta' l-Istati Membri, u jkunu xi jkunu jgħidu l-liġijiet u r-regolamenti ta' l-Istati Membri ma jkunx jgħodd imma jgħodd biss dak li jgħidu l-liġijiet u regolamenti Ewropej.

## SEZZJONI 5

## EDUKAZZJONI, ŻGĦAŻAGĦ, SPORT U FORMAZZJONI PROFESSJONALI

## ARTIKOLU III-282

**1. L-Unjoni għandha tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' edukazzjoni ta' kwalita' billi tinkoraġġixxi koperazzjoni bejn Stati Membri u, jekk meħtieġ, billi ssostni u tikkumplimenta l-azzjoni tagħhom. Għandha tirrispetta bis-sħiħ ir-responsabbilta' ta' l-Istati Membri għall-kontenut tat-tagħlim u l-organizzazzjoni ta' sistemi edukattivi u d-diversita' kulturali u lingwistika tagħhom.**

**L-Unjoni għandha tikkontribwixxi għall-promozzjoni ta' materji sportivi Ewropej, waqt li tieħu in kunsiderazzjoni n-natura speċjali tagħhom, l-istrutturi tagħhom bbażati fuq attivita' volontarja u l-funzjoni soċjali u edukattiva tagħhom.**

**<u>L-Unjoni Tindaħal fl-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Sport</u>**

Oqsma oħra li huma l-edukazzjoni, żgħażagħ u sport fejn l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea jrid jifrex is-swaba tal-qarnita tiegħu biex jikkontrolla kollox.

Naħsbu li issa ndunajtu li m'hemmx qasam wieħed li l-Unjoni Ewropea ma tindaħalx fih, kif tistgħu tindunaw ukoll minn dan l-Artikolu.

Imma l-azzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea ma jieqfux billi tinkuraġġixxi l-koperazzjoni bejn l-Istati Membri u tikkumplimenta l-azzjonijiet tagħhom, imma billi bħas-soltu tagħmel liġijiet Ewropej.

Dan tistgħu tarawh jekk taqraw is-subartikolu 3, fejn qiegħed jingħad bl-iktar mod ċar li l-Unjoni Ewropea għandha tagħmel liġijiet biex jintlaħqu l-għanijiet imsemmija.

Dwar l-edukazzjoni nfakkru biss li kull Stat Membru huwa marbut bir-regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea li mhux biss irid jagħti edukazzjoni lit-tfal taċ-ċittadini minn Stati Membri oħra li jmorru joqgħodu għandu, imma jrid jipprovdilhom ukoll tagħlim fl-ilsien u l-kultura ta' pajjiżhom, b'xejn, mingħajr ħlas, jew aħjar iħallsu għaliha ċ-ċittadini ta' dak l-Istat Membru.

**<u>L-Unjoni Timmira u Tindaħal</u>**

Innutaw kif ikompli jingħad li l-Unjoni Ewropea għandha tieħu azzjoni biex,

**L-azzjoni ta' l-Unjoni għandha timmira għal:**

**a) l-iżvilupp tad-dimensjoni Ewropea fl-edukazzjoni, b'mod partikolari permezz tat-tagħlim u t-tixrid tal-lingwi ta' l-Istati Membri;**

**b) l-inkoraġġiment tal-mobilita' ta' studenti u għalliema, *inter alia* billi jiġi mħeġġeġ ir-rikonoxximent akkademiku ta' diplomi u perijodi ta' studju;**

**ċ) il-promozzjoni ta' koperazzjoni bejn stabbilimenti edukattivi;**

**d) l-izvilupp ta' skambji ta' informazzjoni u esperjenza dwar kwistjonijiet komuni għas-sistemi edukattivi ta' l-Istati Membri;**

**e) l-inkoraġġiment ta' l-iżvilupp ta' skambji ta' żgħażagħ u ta' skambji ta' animaturi soċjoedukattivi u l-inkoraġġiment tal-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-ħajja demokratika Ewropea;**

**f) l-inkoraġġiment ta' l-iżvilupp ta' edukazzjoni mill-bogħod;**

**g) l-iżvilupp tad-dimensjoni Ewropea fl-isport, billi tkun promossa l-ekwita' u t-trasparenza fil-kompetizzjonijiet sportivi u l-koperazzjoni bejn il-korpi responsabbli għall-isport, u billi tkun protetta l-integrita' fiżika u morali ta' l-isportivi, speċjalment ta' l-isportivi żgħażagħ.**

Innutaw kif f'kollox jiddaħħal il-prinċipju Ewropew u d-dimensjoni Ewropea biex jintnesew l-Istati Membri u kulħadd jibda' jaħseb biss bħala Ewropew u mhux bħala ċittadin ta' xi Stat Membru.

Dan għaliex s'issa minkejja li l-Unjoni Ewropea permezz tat-Trattati ta' qabel ilha mwaqqfa aktar minn ħamsin sena, iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri għadhom ma jħossuhomx ċittadini tagħha, imma ċittadini ta' pajjiżhom.

Innutaw kif l-Unjoni Ewropea trid tidħol ukoll fil-qasam ta' l-edukazzjoni għaliex kif jingħad fil-qawl Malti, "**min jitgħammed meta bis-snien jerġa' lura imnejn kien**".

Dan ifisser li l-kbar ma tgħaddihomx minn għajn il-labra kif ġieb u laħaq kif tista' tgħaddi liż-żgħar, għaliex il-kbar jindunaw anki jekk għall-ewwel jirnexxilek tgħaddihom biż-żmien, u jiċħdu dak li tkun bellajtilhom.

Huwa għalhekk li l-Unjoni Ewropea trid tidħol fil-qasam ta' l-edukazzjoni biex tkun tista' tiddotrina liż-żgħar kif trid għaliex ma jkollhomx l-esperjenza tal-ħajja.

Tinsewx li Platun, dak l-għaref filosofu Griek, darba kien qal "**agħtuni t-tfal u nagħġinhom kif irrid**", għaliex it-tfal u ż-żgħażagħ ma jkollhomx l-esperjenza tal-ħajja.

Huwa għalhekk li l-Unjoni Ewropea tibda minn meta jkunu għadhom tfal tiddotrinahom fil-ħsieb u l-kunċett Ewropew u mhux fil-ħsieb u l-kunċett nazzjonali ta' l-Istati Membri, għaliex b'hekk ma jkunux jafu xejn ħlief il-kunċett ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

<u>Koperazzjoni bil-Liġi Ewropea</u>

**2. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu l-koperazzjoni ma' pajjiżi terzi u ma' l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti fil-qasam ta' l-edukazzjoni u l-isport, b'mod partikolari l-Kunsill ta' l-Ewropa.**

**3. Sabiex jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-miri previsti f'dan l-Artikolu:**

**a) liġi jew liġi kwadru Ewropea għandha tistabbilixxi miżuri ta' inċentiv, bl-esklużjoni ta' kull armonizzazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti ta' l-Istati Membri. Għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni u mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali;**

**b) il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta rakkomandazzjonijiet.**

Qegħdin taraw kif kollox huwa regolat mill-Unjoni Ewropea bil-liġijiet tagħha, anki l-edukazzjoni li trid tużaha kif għedna aktar qabel biex tiddotrina lit-tfal u żgħażagħ favur l-Unjoni Ewropea biex taqtagħhom mill-kunċett nazzjonali ta' l-Istat nazzjon?

Tinsewx li minkejja li jingħad li l-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni għandu jadotta rakkomandazzjonijiet, jekk ir-rakkomandazzjonijiet ma jiswew għal xejn malajr jinħarġu liġijiet biex ikunu obduti bilfors.

Hekk jirraġunaw il-mexxejja arroganti federalisti kolonjalisti ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

**ARTIKOLU III-283**

**1. L-Unjoni għandha timplimenta politika ta' formazzjoni professjonali li għandha ssostni u tikkumplimenta l-azzjoni ta' l-Istati Membri, waqt li tirrispetta kompletament ir-responsabbilta' ta' l-Istati Membri għall-kontenut u l-organizzazzjoni ta' formazzjoni professjonali.**

**L-azzjoni ta' l-Unjoni għandha timmira biex:**

**a) tiffaċilita l-adattament għall-bidla industrijali, b'mod partikolari permezz ta' formazzjoni professjonali u taħriġ mill-ġdid;**

**b) ittejjeb il-formazzjoni professjonali tal-bidu u li jkompli sabiex tiffaċilita l-integrazzjoni professjonali u l-integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xogħol;**

**ċ) tiffaċilita l-aċċess għall-formazzjoni professjonali u tinkoraġġixxi l-mobilita' ta' min iħarreġ u dawk li qed jitħarrġu, partikolarment żgħażagħ;**

**d) tistimola koperazzjoni fuq it-taħriġ bejn stabbilimenti u intraprizi ta' tagħlim u ta' formazzjoni professjonali;**

**e) tiżviluppa skambji ta' informazzjoni u esperjenza dwar kwistjonijiet komuni għas-sistemi ta' taħriġ ta' l-Istati Membri.**

**2. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu koperazzjoni ma' pajjiżi terzi u l-organizzazzjonijiet kompetenti internazzjonali fl-isfera tal-formazzjoni professjonali.**

**3. Sabiex jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-miri previsti f'dan l-Artikolu:**

**a) liġi jew liġi kwadru Ewropea għandha tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa, bl-esklużjoni ta' kull armonizzazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti ta' l-Istati Membri. Għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni u mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali;**

**b) il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta rakkomandazzjonijiet.**

**Il-Formazzjoni Professjonali bil-Liġi Ewropea**

Qegħdin taraw kif anki fit-taħriġ professjonali tindaħal l-Unjoni Ewropea permezz tal-liġijiet tagħha?

Mhux biss tordna li kull Stat Membru jrid jagħraf professjonisti minn Stati Membri oħra, imma jrid iħallihom jipprattikaw il-professjoni tagħhom fit-territorju tiegħu daqs iċ-ċittadini tiegħu u b'kompetizzjoni magħhom.

Qegħdin taraw kif kull settur, professjonali u m'huwiex, huwa suġġett għal liġijiet ta' l-Unjoni Ewropea biex ikun hemm moviment ħieles ħalli l-ħaddiema u professjonisti f'kull settur ikunu jistgħu jfarrku ħaddiema u professjonisti fi Stati Membri oħra ħalli l-kapitalisti tagħha aktar iħaxxnu bwiethom minn fuq demm il-ħaddiema?

## SEZZJONI 6

## PROTEZZJONI ĊIVILI

## ARTIKOLU III-284

**1. L-Unjoni għandha tinkoraġġixxi koperazzjoni bejn l-Istati Membri sabiex ittejjeb l-effikaċja ta' sistemi għall-prevenzjoni ta' diżastri naturali jew ikkaġunati mill-bniedem u l-protezzjoni minnhom.**

**L-azzjoni ta' l-Unjoni għandha timmira biex:**

**a) tappoġġa u tikkumplimenta l-azzjoni ta' l-Istati Membri fuq livell nazzjonali, reġjonali u lokali fil-prevenzjoni ta' riskju, fil-preparazzjoni tal-persunal tagħhom tal-protezzjoni ċivili u fl-intervenzjoni f'każ ta' diżastri naturali jew ikkaġunati mill-bniedem fl-Unjoni;**

**b) tippromwovi koperazzjoni operazzjonali svelta u effettiva fl-Unjoni bejn servizzi nazzjonali ta' protezzjoni ċivili;**

**ċ) tippromwovi l-koerenza fil-ħidma internazzjonali ta' protezzjoni ċivili.**

**2. Liġi jew liġi kwadru Ewropea għandhom tistabbilixxi l-miżuri neċessarji li jikkontribwixxu għall-kisba tal-miri previsti fil-paragrafu 1, bl-esklużjoni ta' kull armonizzazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti ta' l-Istati Membri.**

### X'Inhuwa Diżastru Ikkaġunat mill-Bniedem?

Koperazzjoni speċjalment fil-qasam tal-protezzjoni ċivili dejjem tajba waqt xi diżastru naturali, imma ma jingħadx xi tfisser diżastri kkaġunati mill-bniedem.

Hemm differenza bejn diżastru kkaġunat minn xi ħaġa li tkun marret ħażin jew ma kinitx maħduma tajjeb, bħala eżempju jekk tinfaqa' diga u l-ilma jagħmel ħerba, u hemm differenza meta jiġi kkawżat diżastru minħabba attakk terroristiku minħabba l-indħil ta' xi Stat fl-affarijiet interni ta' pajjiż ieħor.

### Anki l-Protezzjoni Ċivili b'Liġi Ewropea

L-aktar li jrid jiġi nnutat huwa li anki f'dan il-qasam l-Unjoni Ewropea qiegħda tingħata l-jedd u s-setgħa li tagħmel il-liġijiet Ewropej biex jintlaħqu l-għanijiet tagħha.

Kif tistgħu tindunaw, ma hemm l-ebda qasam li fih ma tindaħalx l-Unjoni Ewropea bil-liġijiet Ewropej tagħha ħalli bihom torbot sewwa lill-Istati Membri u liċ-ċittadini tagħhom.

Dwar il-kelma "**intervenzjoni**", din hija maqluba direttament mil-ilsien Ingliż, imma bil-Malti ngħidu "**l-indħil**" jew "**id-daħla**" tagħhom biex, fil-każ tal-paragrafu, jidħlu biex isalvaw in-nies. Għallinqas kellhom jgħidu "**fl-intervent**", u mhux "**fl-intervenzjoni**". Dwar "**prevenzjoni**" għandna l-kelma "**jwaqqfu**" jew "**ma jħallux**".

Anki dwar il-kelma "**svelta**" bil-Malti ngħidu "**fuq tagħha**" jew "**malajr**", jiġifieri fil-każ tal-paragrafu hawn fuq, il-koperazzjoni sseħħ malajr, mingħajr dewmien.

Dwar il-kelma "**protezzjoni**" għedna kemm-il darba li bil-Malti ngħidu "**ħarsien**", dwar "**tippromwovi**" għandna l-kelma "**tħajjar**" jew "**tmexxi 'l quddiem**", waqt li minflok "**jikkontribwixxu**" ngħidu "**jagħtu sehemhom**" jew "**jgħinu**".

Tinsewx li dawn tħallsu u qegħdin jitħallsu eluf kbar ta' liri minn fuq it-taxxi tagħhna u qegħdin jagħmlu dawn il-ħniżrijiet ta' traduzzjoni.

## SEZZJONI 7

## KOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA

## ARTIKOLU III-285

**1. L-implimentazzjoni effikaċi nazzjonali tad-dritt ta' l-Unjoni mill-Istati Membri, li hija essenzjali għall-funzjonament tajjeb ta' l-Unjoni, għandha titqies bħala kwistjoni ta' interess komuni.**

**2. L-Unjoni tista' ssostni l-isforzi ta' l-Istati Membri biex ittejbu l-kapacita' amministrattiva tagħhom fl-implimentazzjoni tad-dritt ta' l-Unjoni. Din l-azzjoni tista' tinkludi li l-iskambju ta' informazzjoni u tal-impjegati fis-servizz ċivili jkun faċilitat kif ukoll skemi ta' appoġġ għal taħriġ.**

**L-ebda Stat Membru ma hu marbut li jagħmel użu minn dan l-appoġġ. Il-liġi Ewropea għandha tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għal dan l-iskop, bl-esklużjoni ta' kull armonizzazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti ta' l-Istati Membri.**

### Liġi biex l-Istati Membri Jinfurzaw il-Liġi ta' l-Unjoni

Innutaw li l-ewwel nett il-liġi ta' l-Unjoni Ewropea trid bilfors tiddaħħal u tiġi nfurzata fl-Istati Membri kollha, kif ukoll li tant l-Unjoni Ewropea taf li l-liġijiet tagħha joħolqu diffikultajiet u problemi, li ħasset li fis-subartikolu 2 għandu jingħad li hija tista' ssostni l-isforzi tagħhom.

Kieku kien faċli li jiddaħħlu l-liġijiet u jiġu nfurzati ma kienx ikun hemm għalfejn li l-Istati Membri jagħmlu sforz jew li l-Unjoni Ewropea jkollha ssostnihom, jiġifieri tgħinhom, mhux hekk? Tinsewx ukoll li l-kelma dritt tfisser liġi

Dwar il-Malti, minflok "**il-funzjonament tajjeb ta' l-Unjoni**" setgħu qalu "**biex l-Unjoni taħdem tajjeb**", waqt li minflok "**skambju**" bil-Malti ngħidu "**bdil**" kif ukoll "**ta' l-impjegati**", mhux "**tal-impjegati**".

### L-Istati Membri Obbligati

**3. Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta' l-Istati Membri li jimplimentaw id-dritt ta' l-Unjoni jew għall-prerogattivi u d-dmirijiet tal-Kummissjoni. Għandu wkoll ikun mingħajr preġudizzju għal disposizzjonijiet oħra tal-Kostituzzjoni li jipprovdu għal koperazzjoni amministrattiva fost l-Istati Membri u bejnhom u l-Unjoni.**

Innutaw kif jingħad li dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta' l-Istati Membri biex idaħħlu u jinfurzaw il-liġijiet ta' l-Unjoni Ewropea. Mhux biss, imma nnutaw li dan huwa wkoll mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi u d-dmirijiet tal-Kummissjoni.

Fi kliem ieħor, dan l-Artikolu bl-ebda mod ma jnaqqas xi jedd li għandha l-Kummissjoni kif ukoll fejn il-Kostituzzjoni tipprovdi għal koperazzjoni

amministrattiva kemm bejn l-Istati Membri kif ukoll ma' l-Unjoni Ewropea. Piżijiet u piżijiet biss fuq l-Istati Membri.

Dan huwa dak li qablu fuqu l-mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea u r-rappreżentanti Maltin li marru jieħdu sehem fit-tfassil ta' din il-Kostituzzjoni ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea bħala l-Istati Uniti ta' l-Ewropa.

Jekk ma qablux miegħu għandhom jgħidu ħalli l-poplu Malti jkun jaf.

Jekk qablu juri l-ħniżrijiet u l-oxxenitajiet li qablu magħhom.

Jekk ma qablux juri kemm l-Unjoni Ewropea tistmahom u tistma lilna għaliex huma kienu r-rappreżentanti tagħna.

Tista' tafda lil min qabel ma' dawn il-ħniżrijiet li fiha din il-Kostituzzjoni li l-mexxejja arroganti federalisti kolonjali ta' l-Unjoni Ewropea jridu li tiġi approvata?

## TITOLU IV

## ASSOĊJAZZJONI TAL-PAJJIŻI U T-TERRITORJI EXTRA-EWROPEJ

## ARTIKOLU III-286

**1. Il-pajjiżi u t-territorji mhux Ewropej li għandhom relazzjonijiet speċjali mad-Danimarka, Franza, l-Olanda u r-Renju Unit għandhom ikunu assoċjati ma' l-Unjoni. Dawn il-pajjiżi u t-territorji (minn hawn il-quddiem imsejħa "l-pajjiżi u t-territorji") huma elenkati fl-Anness II.**

**Dan it-titolu għandu japplika għall-Groenlandja, bla ħsara għad-disposizzjonijiet partikolari tal-Protokoll dwar arranġamenti speċjali għall-Groenlandja.**

**2. L-iskop ta' assoċjazzjoni għandu jkun li jippromwovi l-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-pajjiżi u t-territorji u sabiex jiġu stabbiliti relazzjonijiet ekonomiċi mill-qrib bejniethom u l-Unjoni.**

**L-assoċjazzjoni għandha sservi primarjament sabiex tiffavorixxi l-interessi ta' l-abitanti ta' dawn il-pajjiżi u t-territorji u l-prosperita' tagħhom sabiex twassalhom għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u kulturali li jaspiraw għalih.**

<u>**It-Territorji Extra-Ewropej**</u>

Dan huwa Artikolu dwar it-territorji li ċerti Stati Membri għandhom barra mill-Istat tagħhom, bħal ma huma l-gżejjer Balearići, Kanarji u t-territorji Franċiżi w Ingliżi barra mill-pajjiż, u għalkemm huwa Artikolu li huwa ġenerali ħafna, tajjeb li tkunu tafu li xi territorji minnhom għandhom relazzjonijiet speċjali u anki jingħataw għajnuna aktar minn territorji u inħawi li qegħdin fl-Ewropa.

Ara lilna minkejja li ninsabu fit-truf ta' l-Unjoni Ewropa, aħna gżira jew gżejjer żgħar, u għandna dawn id-diffikultajiet kollha li l-pajjiżi Ewropej m'għandhomx ma tawna l-ebda trattament speċjali bħal ma taw lil dawn it-territorji.

Aħna nistaqsu minn fejn ġabu l-isem ta' Groenlandja, għaliex bl-Ingliż Greenland tfisser l-art il-ħadra, u jekk kellha tinqaleb għall-ilsien Malti m'hemm xejn ħażin li nsejħulha l-art il-ħadra, jew jekk niġu f'dan aħjar ħallewha Greenland jew Greenlandja, u mhux jivvintaw l-isem Groenlandja.

Hawnhekk tajjeb li nfakkru li Greenland, jew l-art il-ħadra, kienet membru ta' l-Unjoni Ewropea minħabba li kienet tagħmel parti mid-Danimarka, imma mbagħad ma baqgħetx aktar membru u kien hemm ftehim speċjali għaliha.

Dan huwa eżempju ieħor għal dawk kollha li jgħidu li ma nistgħux nitilqu mill-Unjoni Ewropea.

Tinsewx li min jgħidilkom hekk jew li ma jaqblilniex huwa giddieb u jew qiegħed igawdi issa jew jista' jgawdi aktar 'il quddiem, imma aħna nibqgħu nħallsu biss it-taxxi ordnati mill-Unjoni Ewropea biex jistagħnew huma.

## ARTIKOLU III-287

**L-assoċjazzjoni għandha l-miri li ġejjin:**

**a) Stati Membri għandhom japplikaw għall-kummerċ tagħhom ma' pajjiżi u territorji l-istess trattament li jagħtu lil xulxin skond il-Kostituzzjoni;**

**b) kull pajjiż jew territorju għandu japplika għall-kummerċ tiegħu ma' Stati Membri u mal-pajjiżi u t-territorji l-oħrajn l-istess trattament bħal dak li japplika għall-Istat Ewropew li miegħu għandu relazzjonijiet speċjali;**

**ċ) Stati Membri għandhom jikkontribwixxu għall-investimenti meħtieġa għall-iżvilupp progressiv ta' dawn il-pajjiżi u t-territorji;**

**d) Għal investimenti ffinanzjati mill-Unjoni, parteċipazzjoni f'offerti u provvisti għandha tkun miftuħa fuq kondizzjonijiet ugwali għall-persuni kollha fiżiċi u ġuridiċi li huma ċittadini ta' Stat Membru jew ta' wieħed mill-pajjiżi u t-territorji;**

**e) fir-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi u t-territorji, id-dritt ta' stabbiliment ta' ċittadini u kumpanniji jew ditti għandu jkun irregolat skond id-disposizzjonijiet tas-Subsezzjoni 2 tas-Sezzjoni 2 tal-Kapitolu I tat-Titolu III dwar id-dritt ta' stabbiliment u billi jiġu applikati l-proċeduri previsti f'dik is-Subsezzjoni, kif ukoll fuq bażi mhux diskriminatorja, bla ħsara għal kwalunkwe att adottat skond l-Artikolu III-291.**

**<u>Trattament l-Istess u Trattament Speċjali</u>**

Dan huwa Artikolu li huwa wkoll ġenerali li kif tistgħu tindunaw, it-territorji msemmija, jiġifieri dawk assoċjati, għandhom jiġu ttrattati l-istess daqs li kieku kienu l-Istati Membri nfushom.

Madankollu, huma jingħataw ukoll trattament speċjali billi jingħataw aktar għajnuna milli jingħataw Stati Membri li qegħdin fil-kontinent Ewropew, imma lilna ma tawna xejn aktar milli taw lill-Istati Membri li jinsabu fuq il-Kontinent Ewropew minkejja d-diffikulatajiet kbar li ghandna għaliex aħna numru ta' gżejjer maqtuha mill-kontinent.

## ARTIKOLU III-288

**1. Dazji doganali fuq importazzjonijiet fl-Istati Membri ta' merkanzija li toriġina fil-pajjiżi u t-territorji għandhom jiġu pprojbiti bi qbil mal-projbizzjoni ta' dazji doganali bejn l-Istati Membri previsti mill-Kostituzzjoni.**

**2. Dazji doganali fuq importazzjonijiet f'kull pajjiż jew territorju mill-Istati Membri jew mill-pajjiżi jew it-territorji oħra għandhom jiġu pprojbiti skond l-Artikolu III-151(4).**

**3. Il-pajjiżi u t-territorji jistgħu, madanakollu, jimponu dazji doganali li jissodisfaw il-ħtiġiet ta' l-iżvilupp u l-industrijalizzazzjoni tagħhom jew li jipproduċu dħul għall-budgets tagħhom.**

**Id-dazji previsti fl-ewwel subparagrafu ma jistgħux jeċċedu l-livell ta' dawk imposti fuq importazzjonijiet ta' prodotti mill-Istat Membru li miegħu kull pajjiż jew territorju għandu relazzjonijiet speċjali.**

**4. Il-paragrafu 2 m'għandux japplika għal pajjiżi u territorji li, għar-raġuni ta' l-obbligi internazzjonali partikolari li huma marbuta bihom, diġa' japplikaw tariffa doganali mhux diskriminatorja.**

**5. L-introduzzjoni ta' jew kull bidla fid-dazji doganali imposti fuq merkanzija importata fil-pajjiżi u t-territorji m'għandhiex, jew fil-liġi jew bil-fatt, toħloq xi diskriminazzjoni diretta jew indiretta bejn importazzjonijiet mid-diversi Stati Membri.**

**Diskriminazzjoni fid-Dazji**

Artikolu li fih qiegħed jintagħmel bl-aktar mod ċar li ma tistax issir xi diskriminazzjoni ma' dawn it-territorji ta' Stati Membri minkejja li m'humiex fl-Ewropa, imma huma territorji ta' l-Istati Membri.

Innutaw ukol li dawn it-territorji jistgħu jagħmlu dazju doganali li jista' jiddaħħal fiċ-ċirkostanzi msemmija, imma ma jistax jikkawża xi diskriminazzjoni ma xi Stat jew Stati Membri oħra. Fi kliem ieħor, id-dazju jkun jgħodd l-istess għall-Istati Membri kollha.

Ara lilna ma ħallewniex inżommu d-dazji li kellna biex il-gvern ikollu dħul mid-dazji, imma l-Istati Membri li għandhom dawn it-territorji jiġġieldu tassew u mhux bħal ma għamel il-Gvern Malti li qal li jrid isir membru jkunu xi jkunu ċ-ċirkostanzi.

Kif tista' tassew tinnegozja tajjeb jekk inti tgħid lil min tkun qiegħed tinnegozja miegħu li jkun xi jkun il-prezz li jitolbok inti lest li tħallas għaliex inti trid tixtri u sejjer tixtri mingħandu biss?

Irridu niġbdu l-attenzjoni tagħkom li bil-Malti tajjeb ma ngħidux "**dazji doganali**", għaliex din hija mnissla mill-ilsien Taljan dogana, imma għallinqas nistgħu ngħidu "**dazji tad-dwana**" għaliex aktar hija Maltija. Aħna sejrin nibqgħu nużaw l-istess kelma biex ma nkomplux inħawwdu din il-Kostituzzjoni aktar milli hija mħawwda.

## ARTIKOLU III-289

**Jekk il-livell tad-dazji applikabbli fuq merkanzija minn pajjiż terz mad-dħul f'pajjiż jew territorju, huwa ta' natura tali li, meta jiġi applikat l-Artikolu III-288(1), jipprovoka devjazzjoni tal-kummerċ għad-detriment ta' xi Stat Membru, dan ta' l-aħħar jista' jitlob lill-Kummissjoni biex tipproponi lill-Istati Membri l-oħra li jieħdu l-miżuri neċessarji biex jirrimedjaw is-sitwazzjoni.**

**L-Istati Membri Jkollhom Jittallbu**

Dan l-Artikolu qiegħed jipprovdi biex Stat Membru jkun jista' jitlob lill-Kummissjoni tordna li jittieħdu passi minħabba li xi Stat Membru ieħor ikun qiegħed juża t-

territorju li jkollu x'imkien ieħor biex affarijiet li jidħlu minn dan it-territorju jħallsu anqas dazju.

B'hekk, dak l-Istat Membru jkun qiegħed jiffranka d-dazju u jkun qiegħed juża t-territorju tiegħu biex idur mar-regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea dwar it-tariffa doganali komuni, u fl-istess waqt ikun qiegħed idawwar il-kummerċ mingħand l-Istati Membri l-oħra għat-territorju tiegħu. Hawnhekk tajjeb li nagħtu eżempju biex tifhmu aħjar.

Il-pajjiżi msemmija għandhom territorji barra minn pajjiżhom, bħal ma huma l-Gżejjer Kanarji, il-Gżejjer Bleariċi, it-Territorji Barranin Franċiżi li huma msejħa overseas territories, l-Olanda, id-Danimarka u anki l-Ingliterra li għandha l-Ġibilta' u l-bażi militari f'Ċipru li ma taqax taħt ir-regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea.

Għaldaqstant, jekk dawn l-Istati Membri jħallu affarijiet jidħlu mingħajr dazju jew b'dazju anqas milli jitħallas kieku daħlu direttament fit-territorju tagħhom jew f'xi Stat Membru ieħor, huma jkunu qegħdin idawwru l-Kummerċ għal dawn it-territorji tagħhom mingħand l-Istati Membri l-oħra.

Huwa għalhekk li l-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni, u nnutaw li **jitolbu** mhux jieħdu xi azzjoni huma, biex din jekk jidrilha tkun tista' tordna li huma jieħdu xi azzjoni.

Qegħdin taraw kif l-Istati Membri ma jistgħu jagħmlu xejn jekk ma jitolbux permess mingħand xi istituzzjoni ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea? Tridu li nibqgħu f'din is-sitwazzjoni tal-mistħija?

## ARTIKOLU III-290

**Bla ħsara għad-disposizzjonijiet rigward is-saħħa pubblika, is-sigurta' pubblika jew l-ordni pubbliku, il-liberta' ta' moviment fl-Istati Membri ta' haddiema mill-pajjiżi u t-territorji, u fil-pajjiżi u t-territorji ta' ħaddiema minn Stati Membri, għandha tiġi regolata b'atti adottati skond l-Artikolu III-291.**

**<u>Liberta' tal-Moviment b'Liġi Ewropea</u>**

Dan ifisser li ma jkunux l-Istati Membri li jiddeċiedu jekk ħaddiema minn Stati Membri jmorrux fit-territorji li qegħdin insemmu, jew ħaddiema minn dawn it-territorji jmorrux fi Stati Membri oħra, imma skond ma tiddeċiedi l-Unjoni Ewropea bil-miżuri li sejrin naraw fl-Artikolu li jmiss.

Madankollu ftakru li aktar ma jkun hemm moviment liberu tal-ħaddiema aktar il-kapitalisti jkunu jistgħu jnaqqsu l-pagi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema ta' l-Istati Membri.

Il-ħaddiema Maltin u Għawdxin jistgħu jlestu ruħhom biex jitnaqqsulhom il-pagi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom u jkomplu jitilfu aktar xogħol li jittieħed mill-ħaddiema barranin, inklużi dawk minn dawn it-territorji extra-Ewropej flimkien ma' l-immigranti illegali li se jinvaduna bl-eluf tagħhom.

Tajjeb li niġbdu l-attenzjoni tagħkom li bil-Malti ma ngħidux "**rigward**", imma "**dwar**".

**ARTIKOLU III-291**

**Il-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni, għandu jadotta b'mod unanimu, fuq bażi ta' l-esperjenza miksuba taħt l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji ma' l-Unjoni, liġijiet, liġijiet kwadru, regolamenti u deċiżjonijiet Ewropej fir-rigward tar-regoli dettaljati u l-proċedura għall-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji ma' l-Unjoni. Dawn il-liġijiet u l-liġijiet kwadru għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.**

**Anki Hawnhekk bil-Liġijiet Ewropej**

Huwa ċar daqs il-kristall li ma jkunux l-Istati Membri li għandhom dawn it-territorji li jieħdu d-deċiżjonijet li semmejna fl-Artikolu ta' qabel, imma kif jingħad f'dan l-Artikolu, se jkun il-Kunsill tal-Ministri li jiddeċiedi kollox.

Mhux biss, imma waqt li issa din il-Kostituzzjoni trid tiġi approvata mill-Membri Parlamentari ta' l-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom fejn sejjer isir referendum għaliex il-Membri Parlamentari tagħhom m'humiex arroganti, din l-istess Kostituzzjni qegħda tagħti jedd u setgħa lill-Kunsill li jagħmel il-liġijiet u dak kollu li jkun jidhirlu kif huwa msemmi f'dan l-Artikolu.

Qegħdin taraw kif l-Unjoni Ewropea permezz ta' din il-Kostituzzjoni qiegħda tieħu jeddijiet biex tagħmel affarijiet li m'humiex miktuba f'din il-Kostituzzjoni, fis-sens li l-Kunsill jista' jagħmel liġijiet u dak li jkun jidhirlu biex jintlaħqu l-għanijiet ta' dan l-Artiklu liema liġijiet m'humiex miktuba f'din il-Kostituzzjoni?

Tridu li nibqgħu f'din l-arroganza federalista, kolonjali u imperjalista ta' l-Unjoni Ewropea li daħluna fiha l-**ĠUDIET** li ttradew lill-poplu Malti u l-**QUISLINGS** li lesti li jibqgħu jmexxu lil Malta u lilna skond ma jordnalhom il-barrani ta' l-Unjoni Ewropea minn Brussell?

## TITOLU V

## AZZJONI ESTERNA TA' L-UNJONI

## KAPITOLU I

## DISPOSIZZJONIJIET TA' APPLIKAZZJONI ĠENERALI

## ARTIKOLU III-292

**1. L-azzjoni ta' l-Unjoni fix-xena internazzjonali għandha tiġi ggwidata mill-prinċipji li jispiraw il-ħolqien, l-iżvilupp u t-tkabbir tagħha u li tfittex li tavvanza fil-bqija tad-dinja: d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-universalita' u l-indiviżibbilta' tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, ir-rispett għad-dinjita' tal-bniedem, il-prinċipji ta' l-ugwaljanza u s-solidarjeta' u r-rispett għall-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u d-dritt internazzjonali.**

**L-Unjoni għandha tfittex li tiżviluppa relazzjonijiet u tibni sħubija ma' pajjiżi terzi, u organizzazzjonijiet reġjonali jew globali internazzjonali, li jaqsmu l-prinċipji previsti fl-ewwel subparagrafu. għandha tippromwovi soluzzjonijiet multilaterali għal problemi komuni, b'mod partikolari fil-qafas tan-Nazzjonijiet Uniti.**

<u>**L-Unjoni fix-Xena Internazzjonali**</u>

L-ewwel nett bil-Malti ma ngħidux "**esterna**", imma "**barranija**", kif ma ngħidux "**Nazzjonijet Uniti**" imma "**Ġnus Magħquda"**, waqt li minflok "**previsti**" ngħidu "**msemmija**" jew "**magħmula**" jew "**maħsuba**" jew "**maħsuba minn qabel**".

Dwar dan l-Artikolu, il-kummenti tagħna huma li l-ewwel nett huwa tassew li l-Unjoni Ewropea tagħmel ħilitha kollha biex tkompli tikber, għaliex rajna kemm sar qerq u gideb biex daħħlu lill-poplu Malti fix-xibka, waqt li għall-kumplament, meta tara l-kontradizzjonijiet bejn dak li tgħid u dak li tagħmel l-Unjoni Ewropea, il-kumment tagħna huwa "**l-isbaħ l-indafa, tgħid maħmuġa**".

Innutaw ukoll kif jingħad li "**L-azzjoni ta' l-Unjoni fix-xena internazzjonali għandha tiġi ggwidata mill-prinċipji li jispiraw il-ħolqien, l-iżvilupp u t-tkabbir <u>tagħha u li tfittex li tavvanza fil-bqija tad-dinja</u>",** u mhux **"l-Istati Membri**"

Dan bħal dejjem hija l-politika tal-mexxejja arroganti federalisti ta' l-Unjoni Ewropea beix jitnessew l-Istati Membri u jitmexxa dejjem il-ħsieb li hija l-Unjoni bħala Stat Federali u bħala l-Istati Uniti ta' l-Ewropa li hija importanti u tmexxi kollox u mhux l-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom.

<u>**Politika u Azzjonijiet Komuni**</u>

**2. L-Unjoni għandha tiddefinixxi u twettaq politika u azzjonijiet komuni, u għandha taħdem għal grad għoli ta' koperazzjoni fl-oqsma kollha ta' relazzjonijiet internazzjonali, sabiex:**

**a) tissalvagwardja l-valuri tagħha, l-interessi fundamentali, s-sigurta', l-indipendenza u l-integrita';**

**Il-Valuri Tagħha**

M'hemmx dubju li huwa tajjeb li kulħadd jaħdem biex ikun hemm koperazzjoni fl-oqsma tar-relazzjonijiet internazzjonali, għaliex kieku tassew hemm koperazzjoni qawwija, kieku d-dinja m'hijiex għaddejja minn dan il-gwaj kollu li tinsab għaddejja minnu.

Barra minn hekk, innutaw li l-ewwel ma jingħad huwa li l-Unjoni Ewropea taħdem biex tissalvagwardja, jiġifieri tħares, "**il-valuri tagħha"**, liema valuri wasslu u qegħdin iwasslu biex miljuni ta' ħaddiema minn kull qasam tal-ħajja tilfu u qegħdin ikomplu jitilfu xogħolhom, ħobżhom u ħobż il-familji tagħhom.

Innutaw ukoll kif ma jingħadx il-valuri, l-interessi fundamenali, is-sigurta', l-indipendenza u l-integrita' "**ta' l-Istati Membri"**, imma "**tagħha"**, jiġifieri ta' l-Unjoni Ewropea.

Jista' jibqa' l-iċken dubju dwar li l-Unjoni Ewropea diġa' hija u qiegħda tqis lilha nfisha u taġixxi kif jaġixxi Stat Federali?

**Triq Tqarraq**

**b) tikkonsolida u tappoġġa d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji tad-dritt internazzjonali;**

Tgħid tagħmel dawn l-affarijiet billi tagħmel il-Karta tad-drittijiet tal-bniedem kif għamlet u li qiegħda tagħmel parti minn din il-Kostituzzjoni biex l-Unjoni Ewropea ma tkunx suġġetta għal xi Qorti barranija bħal ma hija l-Qorti tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem tal-Kunsill ta' l-Ewropa?

Liema demokrazija tappoġġja l-Unjoni Ewropea? Tgħid fejn ikun hemm gvernijiet u mexxejja pulċinelli li joqgħodu għal kull ma tordnalhom biex iservu l-interessi tal-mexxejja tagħha minkejja li jkunu qegħdin jgħakksu lill-popli tagħhom?

Tgħid fejn hemm gvernijiet despotiċi li ma jimpurtax li jaħkmu b'id tal-ħadid kif ukoll jittorturaw liċ-ċittadini tagħhom jekk isemmgħu leħnhom, l-aqwa li ż-żejt u ġid ieħor naturali jibqgħu ġejjin lejn l-Unjoni Ewropea?

**Trid Tippriserva l-Paċi u Tagħmel Armata**

**c) tippreserva l-paċi, tipprevjeni kunflitti u ssaħħah is-sigurta' internazzjonali skond l-għanijiet u l-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, mal-prinċipji ta' l-Att Finali ta' Helsinki u ma' l-għanijiet tal-Karta ta' Pariġi, inklużi dawk li jirrigwardaw il-fruntieri esterni;**

Tgħid tagħmel hekk billi jkollha l-armata tagħha kompluta bil-mijiet ta' ajruplani u bastimenti tal-gwerra u aktar tibda tindaħal bil-miftuh fl-affarijiet interni ta' pajjiżi oħra bħal ma qegħdin jagħmlu xi Stati Membri tagħha?

Jidher li l-mexxejja arroganti ta' l-Unjoni Ewropea jemmnu sewwa fil-prinċipju *si vis pacis para bellum*, jiġifieri li jekk trid il-paċi trid tipprepara għall-gwerra.

Hawnhekk irridu nfakkru wkoll fl-Att Finali ta' Ħelsinki. Min jiftakar dak li kien għamel il-Gvern Malti biex tiddaħħal parti fl-Att Finali dwar kif is-sigurta' fil-Mediterran taffettwa s-sigurta' fl-Ewropa ma jistgħux ma jiftakrux bil-kritika kbira minn dawk li qatt ma ħamlu gvern tal-ħaddiema.

Imma issa jistgħu jħossuhom ivvendikati u jgħidu li bħal ma jgħid il-qawl Malti, "**iż-żmien jagħti parir**", għaliex issa qegħdin jaraw fl-istess Kostituzzjoni referenza għall-Att Finali ta' Ħelsinki, liema Att Finali kien wassal lill-Malta f'għajnejn id-dinja minħabba li Malta u l-Gvern tal-ħaddiema ta' dak iż-żmien ma ċedewx il-prinċipji minkejja l-pressjoni kbira li kienet saret anki mis-superpotenzi u s-sabutaġġi hawn Malta stess minn dawk il-**ĠUDIET** li ttradewna u l-**QUISLINGS** li ma jixirqilhomx jissejħu Maltin li jmexxi skond ma jordnalhom il-barrani ta' l-Unjoni Ewropea minn Brussell.

Xi trid tgħid biha l-Unjoni Ewropea "**inklużi dawk li jirrigwardjaw il-fruntieri esterni**"? Tgħid il-mexxejja tagħha għandhom il-ħsieb li jekk xi Stat Membru jipprova jitlaq tindaħal biex tippriserva l-fruntieri esterni?

Jew għandha l-ħsieb li jekk xi Stat Membru tagħha jiġi attakkat minħabba l-indħil tiegħu jew tagħha fl-affarijiet interni ta' xi pajjiż barrani tordna lill-armata tagħha tattakka lil dak il-pajjiż barrani bl-iskuża tal-fruntieri esterni?

Qegħdin taraw kif l-Artikoli trid tiflihom kelma b'kelma u toqgħod taħseb xi jkun hemm wara kull ma jingħad jew ma jingħadx u kemm jista' jkun hemm affarijiet li taħseb li jfissru mod u jistgħu jkunu jfissru mod ieħor?

**<u>Esplojtazzjoni</u>**

**d) tagħti appoġġ għall-iżvilupp sostenibbli ekonomiku, soċjali u ambjentali ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw, bl-iskop primarju li jinqered il-faqar;**

Kif tista' tagħmel hekk jekk bil-politika li ma tħalli xejn jidħol fit-territorju ta' l-Istati Membri li jkun ġej minn pajjiżi terzi jekk ma jitħallasx dazju qawwi u anki levies, bħal, ngħidu aħna, fuq iz-zokkor, li minħabba fih taqla anki kundanna mill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ tal-Ġnus Magħquda?

Kif tista' teqred il-faqar, tagħti appoġġ għall-iżvilupp sostenibbli ekonomiku, soċjali u ambjentali fil-pajjiżi tat-tielet dinja u oħrajn li għadhom qegħdin jiżviluppaw meta tiffirma ftehim tas-sajd magħhom li għalih ittihom ħlasijiet miżeri, huma ma jistgħux jikkompetu bl-opri tas-sajd u l-irkaptu tagħhom, waqt li s-sajjieda tiegħek jeqirdulhom il-ħut kollu mill-ibħra tagħhom?

Dan ma jissejjaħx appoġġ, imma espojtazzjoni tal-popli u tar-riżorsi naturali tagħhom mill-Unjoni Ewropea u l-għatx li ma jinqata' b'xejn tal-mexxejja u tal-kapitalisti tagħha biex jisirqu l-ġid naturali ta' pajjiżi oħra.

**Trid Kummerċ Ħieles u Tagħmel Dazji u Levies**

**e) tinkoraġġixxi l-integrazzjoni tal-pajjiżi kollha fl-ekonomija dinjija, inkluża t-tneħħija progressiva ta' restrizzjonijiet fuq il-kummerċ internazzjonali;**
Kif tista' titwemmen li trid tagħmel dan jekk fl-Organzzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ma tridx li tneħħi l-levies u d-dazji fuq prodotti li jiddaħħlu fl-Istati Membri, speċjalment fuq prodotti tal-biedja li huma l-aktar prodotti li jesportaw il-pajjiżi fqar tat-tielet dinja?

Barra minn hekk, ftakru li l-Alla falz tal-mexxejja federalisti ta' l-Unjoni Ewropea huwa is-suq ħieles mingħajr l-ebda rażan li ma jafx ħniena, imma jaf biss l-akbar qligħ bl-inqas spejjes mingħajr l-ebda ħniena għal min huwa batut u ma jistax iħallas. Jekk għandek kul u ilbes, jekk m'għandekx ibqa' b'xejn.

Trid li l-esportaturi tagħha jkunu jistgħu jesportaw mingħajr xkiel, anzi tagħtihom sussidju, u meta ħaddieħor jagħti sussidju lill-produtturi tiegħu hija timponi dazji u levies.

Fi kliem ieħor, suq ħieles mingħajr l-ebda rażan għall-produtturi tagħha u suq imrażżan għall-produtturi ta' pajjiżi oħra li m'humiex membri tagħha.

**L-Ambjent Tippriservah bit-Taxxi?**

**f) tgħin biex jiġu żviluppati miżuri internazzjonali sabiex tiġi ppreservata u titjieb il-kwalita' ta' l-ambjent u l-amministrazzjoni sostenibbli ta' riżorsi naturali globali, sabiex jiġi assigurat żvilupp sostenibbli;**

Jekk trid tassew li tagħmel hekk, għalfejn ma tneħħix it-taxxi eżorbitanti li għandha u tħalli prodotti li ma jagħmlux ħsara għall-ambjent, fosthom prodotti ta' l-enerġija jinbiegħu mingħajr ma jitħallsu taxxi fuqhom?

Billi tagħmel it-taxxi ma tkunx qed tħares l-ambjent mill-affarijiet li jagħmlu ħsara, imma tkun biss qiegħed tinqeda bl-ambjent biex iżżid id-dħul tiegħek mit-taxxi li timponi u jkollhom jissallbu u jħallsuhom iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri.

Jekk tassew trid amministrazzjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali għalfejn ma tħallix l-amministrazzjoni tar-riżorsi naturali f'idejn l-Istati Membri tagħha, bħal ngħidu aħna l-ibħra tas-sajd, għaliex huwa fl-interess tagħhom li jamministrawhom tajjeb, u mhux qerdet l-ibħra tas-sajd kollha bil-politika ħażina tagħha tas-sajd komuni?

**Għajnuna għal Diżastri**

**ġ) tassisti popolazzjonijiet, pajjiżi u reġjuni kkonfrontati b'diżastri naturali jew ikkaġunati mill-bniedem;**

Dan huwa dmir ta' kull bniedem li jgħin lil ħaddieħor li jkun jinħtieġ l-għajnuna, u niftakru kif il-poplu Malti jagħti karita' lill-foqra madwar id-dinja kollha speċjalment bil-fondi tal-missjoni aktar milli sejrin ningħataw aħna mill-Unjoni Ewropea tal-jeddijiet kollha li ħadulna bil-ħtif illegali ta' Malta mill-Unjoni Ewropea.

## Sistema Internazzjonali bi Gvernijiet Pupi

**h) tippromwovi sistema internazzjonali bbażata fuq il-koperazzjoni multilaterali msaħħa u t-tmexxija globali tajba.**

Huwa tajjeb li jkun hemm sistema internazzjonali msejsa fuq kooperazzjoni multilaterali msaħħa kif ukoll "tmexxija globali tajjeb", għaliex jistgħu jfissru li aktar jista' jkun hemm sliem madwar id-dinja kollha.

Imma tajjeb li nistaqsu jekk jistax ikun hemm tmexxija tajjeb jekk ikun hemm gvernijiet pupi f'idejn pajjiżi barranin jew xi organizzazzjoni bħal ma hija l-Unjoni Ewropea li jkollhom jagħmlu dak li jordnalhom il-barrani u mhux biss ma jagħtux każ ta' nieshom u l-ħtiġijiet tagħhom, imma saħansitra joqtluhom u jittorturawhom.

## Tmexxija Globali?

Imma anki hawn wieħed irid jistaqsi. X'tifhem biha l-Unjoni Ewropea "**tmexxija globali**"? Tmexxija meħudha kollha flimkien jew tmexxija minn Gvern Dinji?

Tgħid iddaħlet din il-frażi biex aktar 'il quddiem jippruvaw jaslu għal Gvern Dinji kif minn dejjem kien il-ħsieb tal-Federalisti internazzjonali li minħabba li ndunaw li l-pajjiżi ma kienux lesti li jaċċettaw Gvern Dinji bdew bl-Unjoni Ewropea bħala Stat Federali Ewropew sakemm jaslu għall-għan aħħari tagħhom?

Tgħid iddaħħlet hawnhekk biex jekk xi ħadd aktar 'il quddiem meta l-Unjoni Ewropea u oħrajn jippruvaw jagħmlu dak li għedna fil-paragrafu ta' qabel jgħid li l-Unjoni Ewropea m'għandhiex dritt tagħmel hekk tirreferi għal din il-frażi biex tiġġustifika l-azzjoni tagħha?

Dawn kienu ftit ħsiebijiet dwar din il-frażi, imma ħsiebijiet oħra li jista' jkun hemm wara din il-frażi nħalluhom għalikom biex taħsbu fuqhom.

## It-Tmexxija Kollha f'Idejn l-Unjoni

**3. L-Unjoni għandha tirrispetta l-prinċipji u twettaq il-miri stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' l-oqsma differenti ta' l-azzjoni esterna ta' l-Unjoni koperti b'dan it-Titolu u l-aspetti esterni ta' politika oħra ta' l-Unjoni.**

**L-Unjoni għandha tassigura koerenza bejn l-oqsma differenti ta' l-azzjoni esterna tagħha u bejn dawn u l-politika l-oħra tagħha. Il-Kunsill u l-Kummissjoni, assistiti mill-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni, għandhom jassiguraw dik il-koerenza u għandhom jikkoperaw għal dan il-għan.**

Fi kliem ieħor, dak li tagħmel fuq l-affarijiet barranin ikun kollox jaqbel ma xulxin, waqt li dak li tagħmel fuq l-affarijiet barranin ikun jaqbel ma' l-affarijiet interni, u mhux għal ħaddieħor tgħid mod, imbagħad għaliha nfisha tagħmel mod ieħor kif isir dwar meta tippriedka l-kummerċ ħieles imbagħad tagħmel dazji u levies biex tħares l-industriji u l-biedja tagħha.

L-istituzzjonijiet imsemmija għandhom jiżguraw li dan isir. Infakkru li bil-Malti ma ngħidux "**assistiti**", imma "**mgħejuna**".

**ARTIKOLU III-293**

**1. Fuq bażi tal-prinċipji u l-miri stabbiliti fl-Artikolu III-292, il-Kunsill Ewropew għandu jidentifika l-interessi u l-miri strateġiċi ta' l-Unjoni.**

**Deċiżjonijiet Ewropej tal-Kunsill Ewropew dwar l-interessi u l-miri strateġiċi ta' l-Unjoni għandhom jirrelataw għall-politika estera u ta' sigurta' komuni u għal oqsma oħra ta' azzjoni esterna ta' l-Unjoni. Dawn id-deċiżjonijiet jistgħu jikkonċernaw ir-relazzjonijiet ta' l-Unjoni ma' pajjiż jew reġjun speċifiku jew jistgħu jkunu tematiċi fl-approċċ. Għandhom jiddefinixxu d-dewmien tagħhom, u l-mezzi li għandhom isiru disponibbli mill-Unjoni u l-Istati Membri.**

**Il-Kunsill Ewropew għandu jaġixxi b'mod unanimu fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill, adottata minn dan ta' l-aħħar taħt l-arranġamenti stabbiliti għal kull qasam. Deċiżjonijiet Ewropej tal-Kunsill Ewropew għandhom jiġu implimentati skond il-proċeduri previsti mill-Kostituzzjoni.**

<u>**L-Interessi u l-Miri Strateġiċi ta' l-Unjoni**</u>

Dan is-subartikolu jfisser li hija l-Unjoni Ewropea permezz tal-Kunsill Ewropew li jiddeċiedi x'inhuma l-interessi u l-miri strateġiċi ta' l-Unjoni Ewropea, waqt li jieħu deċiżjonijiet Ewropej dwar il-politika barranija u ta' sigurta' komuni.

Innutaw li huma l-interessi u l-miri strateġiċi **ta' l-Unjoni** u mhux **ta' l-Istati Membri** li jingħataw l-attenzjoni.

Innutaw ukoll li m'humiex sejrin ikunu aktar l-Istati Membri li jiddeciedu dwar relazzjonijiet li jkollhom ma' xi pajjiż jew reġjun, imma sejjer ikun il-Kunsill Ewropew, istituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea, li jiddeċiedi, u l-Istati Membri jkollhom joqgħodu għad-deċiżjonijiet tiegħu.

Fi kliem ieħor, jekk l-Unjoni Ewropea permezz tal-Kunsill Ewropew tiddeċiedi li Malta tikser ir-relazzjonijiet diplomatiċi u ekonomiċi tagħha ma' l-aqwa pajjiż li kellna u li dejjem tagħna l-għajnuna tiegħu, ikollna nagħmlu hekk bilfors.

Kif ikollna nagħmlu wkoll bilfors jekk l-Unjoni Ewropea tiddeċiedi li għandu jkollna relazzjonijiet diplomatiċi u ekonomiċi ma' pajjiż li ma jkunx fl-interess tagħna li jkollna dawn ir-relazzjonijiet miegħu.

Innutaw li dawn id-deċiżjonijiet "**Għandhom jiddefinixxu d-dewmien tagħhom, u l-mezzi li għandhom isiru disponibbli mill-Unjoni u l-Istati Membri.**"

B'hekk, l-Unjoni Ewropea tista' tiddeċiedi dak kollu li hija u l-Istati Membri għandhom ipoġġu għad-dispożizzjoni tagħha biex hija timplimenta d-deċiżjonijiet dwar il-miri strateġiċi u l-politika barranija u ta' sigurta' komuni tagħha.

Fi kliem ieħor, l-Unjoni Ewropea tista' tiddeċiedi li Malta għandha tagħmel il-portijiet u l-ajruport tagħna għad-dispożizzjoni tal-bastimenti tal-gwerra tagħha li jistgħu jkunu sejrin jindaħlu fl-affarijiet interni ta' xi Stat ieħor jew reġjun.

Dan huwa l-periklu li daħħluna fih il-**ĠUDIET** li ttradewna u l-**QUISLINGS** li lesti jmexxu lil Malta u lilna skond ma jordnalhom il-barrani ta' l-Unjoni Ewropea minn Brussell minflok ma jħeġġu lill-poplu Malti biex infittxu nitilqu minn dan is-saram, madmad u jasar kolonjali modern.

**Proposti Konġunti lill-Kunsill**

**2. Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni, għall-qasam tal-politika estera u ta' sigurtà komuni, u l-Kummissjoni, għal oqsma oħra ta' azzjoni esterna, jistgħu jissottomettu proposti konġunti lill-Kunsill.**

Subartikolu ta' proċedura dwar min jista' jagħmel proposti fl-oqsma msemmija lill-Kunsill tal-Ministri. L-aktar li tridu tinnutaw huwa dwar l-azzjoni esterna, jiġifieri barranija, li tista' tkun ukoll azzjoni militari dwar is-sigurta' komuni li malajr tista' twassal għal xi gwerra jew attakki ta' tpattija kontra l-Istati Membri.

Qegħdin taraw xi tfisser is-sħubija fl-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea u f'liema perikli qegħdin u nistgħu niddaħħlu bl-arroganza tal-mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea?

Tridu li aħna u uliedna nibqgħu f'dan il-periklu bla bżonn?

Jekk ma tridux l-unika triq li għandna hija li nfittxu nitilqu mill-Unjoni Ewropea kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu jgħidu x'jgħidu l-**ĠUDIET** u l-**QUISLINGS** mixtrija ta' l-Unjoni Ewropea.

Min jgħidilkom li ma nistgħux għidulu li huwa giddieb u qiegħed jgħid hekk għaliex jew qiegħed geddumu fix-xgħir jew jista' jkollu geddumu fix-xgħir aktar 'il quddiem, imma jekk nibqgħu fl-Unjoni Ewropea aħna jkollna nħallsu għax-xgħir tiegħu u tal-kumplament tal-mexxejja l-oħra ta' l-Unjoni Ewropea.